IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.12.2020
COM(2020) 796 final

2020/0349 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794, fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-Europol ma' partijiet privati, tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-Europol b'appoġġ għal investigazzjonijiet kriminali, u tar-rwol tal-Europol fir-riċerka u fl-innovazzjoni

{SEC(2020) 545 final} - {SWD(2020) 543 final} - {SWD(2020) 544 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet għall-proposta u l-objettivi tagħha

L-Ewropa qed taffaċċja sitwazzjoni ta' sigurtà li ma tiqafx tinbidel, b'theddidiet għas-sigurtà li jevolvu dejjem aktar u dejjem aktar kumplessi. Il-kriminali jisfruttaw il-vantaġġi li jġibu magħhom it-trasformazzjoni diġitali[1], it-teknoloġiji l-ġodda, il-globalizzazzjoni u l-mobbiltà, inklużi l-interkonnettività u n-nuqqas ta' ċarezza tal-konfini bejn id-dinja fiżika u diġitali.[2] Avvenimenti riċenti[3] wrew għal darb'oħra li t-terroriżmu għadu theddida sinifikanti għal-libertà u għall-mod ta' ħajja tal-Unjoni Ewropea u taċ-ċittadini tagħha. Il-kriżi tal-COVID-19 tkompli tgħarraq is-sitwazzjoni, hekk kif il-kriminali malajr ħatfu l-opportunitajiet sabiex jisfruttaw il-kriżi billi jadattaw il-modi ta' operazzjoni tagħhom jew billi jiżviluppaw attivitajiet kriminali ġodda.[4] Għalkemm l-impatt sħiħ tal-kriżi tal-COVID-19 fuq is-sigurtà għadu mhuwiex evidenti, huwa mistenni li jifforma l-pajsaġġ tal-kriminalità serja u organizzata fl-UE fit-terminu medju u fit-tul.[5]

Dawn it-theddidiet għas-sigurtà li qed jevolvu jitolbu appoġġ effettiv fil-livell tal-UE għall-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi. Dawn it-theddidiet jinfirxu lil hinn mill-fruntieri, jinvolvu varjetà ta' reati li huma jiffaċilitaw, u jidhru fi gruppi tal-kriminalità organizzata polikriminali[6] li jinvolvu ruħhom f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet kriminali. Peress li l-azzjoni fil-livell nazzjonali biss mhijiex biżżejjed sabiex tindirizza dawn l-isfidi transnazzjonali tas-sigurtà, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri saru dejjem jużaw aktar l-appoġġ u l-għarfien espert li l-Europol, l-aġenzija tal-UE għall-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, toffri għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu. Il-Europol hija ċ-ċentru ewlieni għall-appoġġ fil-livell tal-UE lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu. L-aġenzija toffri appoġġ u għarfien espert lill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja li taffettwa lil żewġ Stati Membri jew aktar, it-terroriżmu u forom oħra ta' kriminalità li jaffettwaw interess komuni kopert minn politika tal-Unjoni. Sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-2016 dwar il-

---

1 Dan jinkludi żviluppi bħan-networks mobbli tal-5G, l-intelliġenza artifiċjali, l-internet tal-oġġetti, id-droni, l-anonimizzazzjoni u l-kriptaġġ, l-istampar 3D u l-bijoteknoloġija. Pereżempju, f'Lulju 2020, l-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi Franċiżi u Olandiżi, flimkien mal-Europol u mal-Eurojust, ippreżentaw l-investigazzjoni konġunta sabiex iżarmaw l-EncroChat, network telefoniku kriptat użat minn networks kriminali involuti f'attakki vjolenti, f'korruzzjoni, f'attentati ta' qtil u fi trasport ta' drogi fuq skala kbira (https://www.europol.europa.eu/newsroom/news/dismantling-of-encrypted-network-sends-shockwaves-through-organised-crime-groups-across-europe).

2 L-integrazzjoni tas-sistemi diġitali f'ħafna attivitajiet kriminali u l-espansjoni tal-kummerċ online f'oġġetti u f'servizzi illeċiti qed jittrasformaw il-kriminalità serja u organizzata. Ara l-Europol, Serious and Organised Threat Assessments 2017.

3 L -attakk f'Pariġi fil-25.09.2020, l-attakk f'Conflans-Sainte-Honorine fis-16.10.2020, l-attakk f'Nizza fid-29.10.2020 u l-attakk fi Vjenna fit-02.11.2020.

4 www.europol.europa.eu/publications-documents/pandemic-profiteering-how-criminals-exploit-covid-19-crisis. Dan huwa partikolarment il-każ b'rabta maċ-ċiberkriminalità, mal-frodi, mal-falsifikazzjoni u mal-kriminalità organizzata fil-proprjetà.

5 https://www.europol.europa.eu/publications-documents/beyond-pandemic-how-covid-19-will-shape-serious-and-organised-crime-landscape-in-eu.

6 Aktar minn 5 000 grupp tal-kriminalità organizzata kienu qed jiġu investigati fl-Ewropa fl-2017 – żieda ta' 50 % meta mqabbla mal-2013. 45 % tal-gruppi tal-kriminalità organizzata kienu involuti f'aktar minn attività kriminali waħda. Is-sehem ta' dawn il-gruppi polikriminali żdied drastikament. Il-gruppi tal-kriminalità organizzata ta' spiss ikunu involuti f'aktar minn attività kriminali waħda. Huma flessibbli ħafna u jistgħu jaqilbu minn attività kriminali għal oħra. Europol, Serious and Organised Threat Assessments 2017.

Europol[7], l-importanza operazzjonali tal-kompiti tal-aġenzija nbidlet b'mod sostanzjali. Pereżempju, l-appoġġ operazzjonali provdut miċ-Ċentru Ewropew għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu tal-Europol żdied b'ħames darbiet matul dawn l-aħħar snin (minn 127 każ operazzjonali appoġġati fl-2016 għal 632 każ fl-2019). Iċ-Ċentru issa huwa parti minn kważi kull investigazzjoni ewlenija kontra t-terroriżmu fl-UE.

It-theddida mit-terroriżmu fl-Ewropa għadha kbira.[8] F'dikjarazzjoni konġunta mill-Ministri tal-Affarijiet Interni tal-UE tat-13 ta' Novembru 2020 dwar l-attakki terroristiċi riċenti fl-Ewropa, il-Ministri "*[jistiednu] lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għar-reviżjoni tal-mandat tal-Europol b'bażi ġuridika b'saħħitha biex tittratta settijiet kbar ta' data. L-Europol u speċjalment iċ-Ċentru Ewropew għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu (ECTC) tagħha huma ta' importanza fundamentali għall-appoġġ effettiv tal-istati membri fil-prevenzjoni u l-prosekuzzjoni tagħhom ta' reati terroristiċi, u jeħtieġu jissaħħu.*"[9]

L-ambjent tat-theddidiet ibiddel ukoll it-tip ta' appoġġ li l-Istati Membri jeħtieġu u jistennew mill-Europol bl-għan li ċ-ċittadini jinżammu sikuri, b'mod li ma kienx prevedibbli meta l-koleġiżlaturi nnegozjaw il-mandat kurrenti tal-Europol. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2019 jirrikonoxxu "*l-ħtieġa operazzjonali urġenti li l-Europol titlob u tirċievi data direttament mingħand partijiet privati*", filwaqt li jistiednu lill-Kummissjoni tadatta l-iskeda għar-rieżami tar-Regolament dwar il-Europol "*fid-dawl tal-ħtieġa li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Ewropa jindirizzaw l-iżviluppi teknoloġiċi kontinwi*".[10] Hemm ħtieġa soċjali urġenti sabiex jiġu miġġielda reati serji mħejjija jew imwettqa bl-użu ta' servizzi transkonfinali offruti minn partijiet privati[11], b'mod partikolari reati ċibernetiċi. Filwaqt li din l-isfida hija parzjalment indirizzata mill-pakkett dwar l-evidenza elettronika[12], hemm sitwazzjonijiet li fihom l-appoġġ tal-Europol ikun meħtieġ sabiex jiġu miġġielda b'mod effettiv it-theddidiet miġjuba miċ-ċiberkriminalità u mir-reati ffaċilitati miċ-ċibernetika, b'mod partikolari meta partijiet privati jfittxu li jirrapportaw tali reati.

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' Lulju 2020 titlob ukoll li l-Europol tissaħħaħ, filwaqt li tiddikjara li "*t-tisħiħ tal-kapaċità tal-Europol li jitlob il-ftuħ ta' investigazzjonijiet transfruntiera, b'mod partikolari f'każijiet ta' attakki serji kontra l-informaturi u l-ġurnalisti investigattivi li għandhom rwol essenzjali fl-esponiment tal-korruzzjoni, il-frodi, il-ġestjoni ħażina u għemil ħażin ieħor fis-setturi pubbliċi u privati, għandu jkun prijorità.*"[13]

Minħabba l-isfond tas-sigurtà li qed jinbidel, il-Europol jeħtieġ li jkollha l-kapaċitajiet u l-għodod sabiex tappoġġa lill-Istati Membri b'mod effettiv fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu. Bi tweġiba għal ħtiġijiet operazzjonali urġenti u għat-talbiet mill-koleġiżlaturi għal appoġġ aktar b'saħħtu mill-Europol, il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2020 ħabbar inizjattiva leġiżlattiva sabiex "*[jissaħħaħ] ukoll il-mandat tal-Europol biex*

---

7 Ir-Regolament (UE) 2016/794 (11.5.2016).

8 13-il Stat Membru tal-UE irrapportaw total ta' 119-il attakk terroristiku mwettqa, li fallew u li twaqqfu, b'10 imwiet u b'27 korriment (Europol, European Union Terrorism Situation and Trend Report, 2020).

9 https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2020/11/13/joint-statement-by-the-eu-home-affairs-ministers-on-the-recent-terrorist-attacks-in-europe/.

10 https://www.consilium.europa.eu/media/41586/st14755-en19.pdf. Ir-Regolament (UE) 2016/794 jipprevedi evalwazzjoni li tivvaluta l-impatt, l-effettività u l-effiċjenza tal-Europol sa Mejju 2022.

11 It-terminu "partijiet privati" jirreferi għal organizzazzjonijiet b'personalità ġuridika għajr l-awtoritajiet pubbliċi. Dan jinkludi, iżda mhuwiex limitat għal, impriżi stabbiliti skont il-liġi ċivili, anki jekk ikunu proprjetà ta' awtorità pubblika jew ikkontrollati minnha.

12 Fis-17 ta' April 2018, il-Kummissjoni adottat l-hekk imsejjaħ "pakkett dwar l-evidenza elettronika" li jikkonsisti f'Regolament (COM(2018) 225 final) u f'Direttiva (COM(2018) 226 final). Il-pakkett qed jiġi nnegozjat mill-koleġiżlaturi.

13 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2020 dwar politika komprensiva tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu (2020/2686(RSP)).

[tissaħħaħ] il-kooperazzjoni operattiva tal-pulizija". Din hija wkoll azzjoni importanti tal-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà tal-UE ta' Lulju 2020.[14] F'konformità mas-sejħa tal-Linji Gwida Politiċi[15] sabiex "*nagħmlu dak kollu li hu possibbli f'dak li għandu x'jaqsam mal-protezzjoni taċ-ċittadini tagħna*", din l-inizjattiva leġiżlattiva tindirizza dawk l-oqsma li fihom il-partijiet ikkonċernati jitolbu sostenn imsaħħaħ mill-Europol sabiex l-Istati Membri jkunu megħjuna jżommu liċ-ċittadini sikuri.

Għal dak l-għan, din il-proposta tfittex li ssaħħaħ il-mandat tal-Europol fi ħdan il-missjoni u l-kompiti tal-aġenzija kif stabbilit fit-Trattat[16], b'mod partikolari billi:

- tippermetti lill-Europol tikkoopera b'mod effettiv ma' partijiet privati, filwaqt li tindirizza n-nuqqas ta' kooperazzjoni effettiva bejn partijiet privati u awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra l-użu ta' servizzi transkonfinali, bħal servizzi ta' komunikazzjoni, bankarji jew tat-trasport, minn kriminali;
- tippermetti lill-Europol tappoġġa b'mod effettiv lill-Istati Membri u l-investigazzjonijiet tagħhom bl-analiżi ta' settijiet ta' *data* kbar u kumplessi, filwaqt li tindirizza l-isfida tal-big data għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi;
- issaħħaħ ir-rwol tal-Europol fir-riċerka u fl-innovazzjoni, filwaqt li tindirizza l-lakuni rilevanti għall-infurzar tal-liġi;
- issaħħaħ il-kooperazzjoni tal-Europol ma' pajjiżi terzi f'sitwazzjonijiet speċifiċi u fuq bażi ta' każ b'każ għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-objettivi tal-Europol;
- tiċċara li l-Europol tista' titlob, f'każijiet speċifiċi li fihom il-Europol tqis li jenħtieġ li tinbeda investigazzjoni kriminali, lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru sabiex jibdew, imexxu jew jikkoordinaw investigazzjoni ta' reat li jaffettwa interess komuni kopert minn politika tal-Unjoni, mingħajr ir-rekwiżit ta' dimensjoni transkonfinali tar-reat ikkonċernat;[17]
- issaħħaħ il-kooperazzjoni tal-Europol mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE);
- tkompli ssaħħaħ il-qafas tal-protezzjoni tad-*data* applikabbli għall-Europol;
- tkompli ssaħħaħ is-sorveljanza parlamentari u l-akkontabilità tal-Europol.

Din l-inizjattiva leġiżlattiva hija marbuta ma' proposta leġiżlattiva li temenda r-Regolament (UE) 2018/1862 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali sabiex il-Europol tkun tista' ddaħħal *data* fis-SIS. Soġġett għall-konsultazzjoni tal-Istati Membri, dan ikun jippermetti lill-Europol iddaħħal *data* fis-SIS dwar l-involviment suspettat ta' ċittadin ta' pajjiż terz f'reat li fir-rigward tiegħu tkun kompetenti l-Europol.

---

14 COM(2020) 605 final (24.7.2020).

15 https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/political-guidelines-next-commission_mt.pdf.

16 Ara l-Artikolu 88 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

17 Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2016/794, wieħed mill-objettivi tal-Europol huwa li tappoġġa u ssaħħaħ l-azzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni reċiproka tagħhom fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra forom ta' kriminalità li jaffettwaw interess komuni kopert minn politika tal-Unjoni. Dan jikkorrispondi għall-missjoni tal-Europol kif stabbilit fl-Artikolu 88 tat-TFUE. L-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2016/794 jistipula li "*f'każijiet speċifiċi fejn il-Europol tqis li investigazzjoni kriminali għandha tinbeda fir-rigward ta' reat li jaqa' fl-ambitu tal-objettivi tagħha, hija għandha titlob lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati permezz tal-unitajiet nazzjonali sabiex jibdew, iwettqu jew jikkoordinaw tali investigazzjoni kriminali.*"

Din l-inizjattiva leġiżlattiva hija parti minn pakkett ta' miżuri ppreżentat mill-Kummissjoni fid-9 ta' Diċembru 2020 sabiex tissaħħaħ ir-reazzjoni tal-Unjoni għat-theddida miġjuba mit-terroriżmu.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din l-inizjattiva leġiżlattiva tqis firxa wiesgħa ta' politiki tal-UE fil-qasam tas-sigurtà interna li ġew adottati jew li tnedew sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-2016 dwar il-Europol.

Fir-rigward tal-kooperazzjoni ma' partijiet privati, din l-inizjattiva leġiżlattiva tqis l-inizjattivi relatati għat-tneħħija ta' kontenut terroristiku online[18] u sabiex jittejjeb l-aċċess transkonfinali għall-evidenza elettronika.[19] Ladarba jiġi adottat, u fuq il-bażi tal-proposti tal-Kummissjoni, il-pakkett dwar l-evidenza elettronika jipprovdi lill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji b'Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej u b'Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej sabiex jiksbu evidenza diġitali mingħand fornituri tas-servizzi għal investigazzjonijiet kriminali, irrispettivament mill-Istat Membru li fih ikun stabbilit il-fornitur jew tinħażen l-informazzjoni.

Fir-rigward tal-limiti fil-kondiviżjoni ta' informazzjoni miksuba minn pajjiżi terzi dwar persuni suspettati u kriminali, il-valutazzjoni tal-għażliet sabiex tissaħħaħ din il-kondiviżjoni ta' informazzjoni tqis il-ħtieġa li għaddejja favur l-interoperabbiltà[20] tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE għall-ġestjoni tas-sigurtà, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni u l-qafas legali tal-UE dwar sistemi tal-IT fuq skala kbira. Dan jinkludi sistemi ta' informazzjoni tal-UE eżistenti jew ippjanati, jiġifieri s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen,[21] is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ tal-UE,[22] is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar,[23] u t-titjib propost tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża[24] u tas-sistema Eurodac.[25]

Din l-inizjattiva leġiżlattiva tqis ukoll il-kooperazzjoni tal-Europol ma' korpi jew ma' aġenziji oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew[26], il-Eurojust[27] bħala l-aġenzija tal-UE għall-kooperazzjoni fil-ġustizzja kriminali, l-ENISA bħala l-Aġenzija Ewropea għaċ-Ċibersigurtà[28], l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)[29], u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex).[30]

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Din l-inizjattiva leġiżlattiva tqis ukoll politiki rilevanti oħra tal-UE li ġew adottati jew li tnedew sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar il-Europol.

Din l-inizjattiva leġiżlattiva tqis bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* (ara t-taqsima 3 hawn taħt dwar id-drittijiet fundamentali).

---

18 COM(2018) 640 final (12.9.2018).
19 COM(2018) 225 final u COM(2018) 226 final (17.4.2018) ("pakkett dwar l-evidenza elettronika").
20 Ir-Regolament (UE) Nru 2019/818 (20.5.2020).
21 Ir-Regolament (UE) Nru 2018/1862 (28.11.2018).
22 Ir-Regolament (UE) Nru 2017/2226 (30.11.2017).
23 Ir-Regolament (UE) Nru 2018/1240 (12.9.2018).
24 COM(2018) 302 final (16.5.2018).
25 COM(2020) 614 final (23.9.2020).
26 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2017/1939 (12.10.2017).
27 Ir-Regolament (UE) Nru 2018/1727 (14.11.2018).
28 Ir-Regolament (UE) Nru 2019/881 (17.4.2019).
29 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 (11.9.2013).
30 Ir-Regolament (UE) 2019/1896 (13.11.2019).

Fir-rigward tal-innovazzjoni, din l-inizjattiva leġiżlattiva tqis il-finanzjament tal-UE relatat mas-sigurtà taħt Orizzont 2020,[31] il-Fond għas-Sigurtà Interna,[32] il-programm propost Orizzont Ewropa[33] u l-programm propost Ewropa Diġitali.[34] Hija tqis ukoll l-istrateġija Ewropea għad-data[35] u l-White Paper dwar l-Intelliġenza Artifiċjali[36] bħala l-ewwel pilastri tal-istrateġija diġitali l-ġdida tal-Kummissjoni, kif ukoll ix-xogħol li għaddej bħalissa bi tħejjija tal-governanza tal-ispazji komuni Ewropej tad-*data*.

Fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-Europol ma' pajjiżi terzi, din l-inizjattiva leġiżlattiva tqis il-politiki esterni tal-Unjoni, b'mod partikolari l-ħidma tad-delegazzjonijiet tal-UE u tal-esperti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu/esperti tas-sigurtà f'pajjiżi terzi u missjonijiet u operazzjonijiet tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika ta' din l-inizjattiva hija l-Artikolu 88 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Artikolu 88(1) tat-TFUE jistipula li l-missjoni tal-Europol hija li tappoġġa u ssaħħaħ l-azzjoni mill-awtoritajiet tal-pulizija u minn servizzi oħra tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni reċiproka tagħhom fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja li taffettwa lil żewġ Stati Membri jew aktar, it-terroriżmu u forom oħra ta' kriminalità li jaffettwaw interess komuni kopert minn politika tal-Unjoni. Huwa jipprevedi li l-Europol tkun irregolata b'Regolament li għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

• Sussidjarjetà

Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5(3) tat-TUE, jenħtieġ li tittieħed azzjoni fil-livell tal-Unjoni biss meta l-għanijiet previsti ma jkunux jistgħu jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom u, għalhekk, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni proposta, ikunu jistgħu jinkisbu aħjar mill-UE.

L-Istati Membri huma responsabbli għaż-żamma tal-liġi u tal-ordni u għas-salvagwardja tas-sigurtà interna.[37] Tabilħaqq, l-Unjoni għandha tirrispetta l-funzjonijiet Statali essenzjali tal-Istati Membri, inklużi ż-żamma tal-liġi u tal-ordni u s-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali.[38] Peress li l-kriminalità serja u t-terroriżmu ta' spiss ikunu ta' natura transnazzjonali, l-azzjoni fil-livell nazzjonali biss ma tistax tiġġilidhom b'mod effettiv. Din hija r-raġuni għaliex l-Istati Membri jagħżlu li jaħdmu flimkien fil-qafas tal-UE sabiex jindirizzaw it-theddidiet li jirriżultaw mill-kriminalità serja u mit-terroriżmu. Huma jfittxu li jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom ta' infurzar tal-liġi u jikkooperaw fl-indirizzar ta' sfidi ta' sigurtà komuni. Huma jiddeċiedu li jiġbru flimkien ir-riżorsi fil-livell tal-UE u jaqsmu l-għarfien espert. Bħala l-aġenzija tal-UE għall-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, il-Europol hija espressjoni qawwija ta' dan l-isforz mill-Istati Membri sabiex iżommu liċ-ċittadini tagħhom sikuri billi jaħdmu flimkien. Il-Europol tipprovdi qafas għall-Istati Membri sabiex jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom ta' infurzar tal-liġi. L-Istati Membri jużaw l-uffiċjali ta' kollegament tagħhom fil-

[31] Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 (11.12.2013).
[32] Ir-Regolament (UE) Nru 513/2014 (16.4.2014). Ara wkoll il-proposta tal-Kummissjoni għall-Fond għas-Sigurtà Interna għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss (COM(2018) 472 final (13.6.2018)).
[33] COM(2018) 435 final (7.6.2018).
[34] COM(2018) 434 final (6.6.2018).
[35] COM(2020) 66 final (19.2.2020).
[36] COM(2020) 65 final (19.2.2020).
[37] L-Artikolu 72 tat-TFUE.
[38] L-Artikolu 4(2) tat-TEU.

Europol u l-mezz ta' skambju ta' informazzjoni li tipprovdi l-aġenzija għall-iskambju ta' informazzjoni u jikkooperaw fl-investigazzjonijiet kriminali tagħhom. L-Istati Membri jiġbru flimkien ir-riżorsi billi jagħtu l-kompitu lill-Europol sabiex tipproċessa l-informazzjoni tagħhom fil-bażijiet ta' *data* tagħha u tipprovdi analiżi konġunta. Huma jużaw l-għarfien espert dejjem akbar li l-Europol tiġbor flimkien dwar varjetà ta' aspetti relatati mal-policing. Dan għamel lill-Europol l-aktar komponent viżibbli u effettiv tal-appoġġ fil-livell tal-UE għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri.

It-theddidiet għas-sigurtà li qed jevolvu, xprunati mill-mod kif il-kriminali jisfruttaw il-vantaġġi li jġibu t-trasformazzjoni diġitali u t-teknoloġiji l-ġodda, jitolbu wkoll appoġġ effettiv fil-livell tal-UE għall-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi. Naturalment, hemm differenzi fil-mod kif Stati Membri individwali, ir-reġjuni tagħhom u l-komunitajiet lokali jikkonfrontaw tipi speċifiċi ta' kriminalità. Din hija r-raġuni għaliex l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tagħhom jistgħu jagħżlu fejn għandhom ifittxu appoġġ fil-livell tal-UE mill-Europol u liema inizjattivi konġunti għandhom jipparteċipaw fihom. Fi kwalunkwe każ, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri, fir-reġjuni u fil-livelli lokali kollha jaffaċċjaw l-istess theddidiet għas-sigurtà li qed jevolvu. Konsegwentement, hemm il-ħtieġa għal azzjoni tal-UE sabiex iżżid l-appoġġ lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu bl-għan li jżommu l-pass ma' dawn it-theddidiet.

Fil-fatt, l-Istati Membri waħedhom ma jkunux kapaċi jittrattaw b'mod effettiv l-isfidi kollha indirizzati minn din il-proposta:

- Fir-rigward tan-**nuqqas ta' kooperazzjoni effettiva bejn il-partijiet privati u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi** sabiex jiġi miġġieled l-abbuż tas-servizzi transkonfinali mill-kriminali, l-awtoritajiet nazzjonali waħedhom ma jistgħux janalizzaw b'mod effettiv settijiet ta' *data* multiġurisdizzjonali jew mhux attribwibbli, peress li tkun meħtieġa ħidma intensiva ħafna fir-riżorsi sabiex isiru tfittxijiet f'settijiet ta' *data* kbar bl-għan li tiġi identifikata d-*data* rilevanti għall-ġurisdizzjoni jew għall-ġurisdizzjonijiet rispettivi, b'mod partikolari meta l-Istati Membri kkonċernati ma jkunux għadhom ġew identifikati. Inkella, jekk l-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi jiksbu settijiet iżgħar ta' *data* mmirati lejn il-ġurisdizzjoni rispettiva tagħhom, ma jkollhomx l-istampa sħiħa tal-intelligence. Barra minn hekk, l-Istati Membri ma jistgħux jindirizzaw dawn il-problemi b'mod effettiv permezz ta' kooperazzjoni intergovernattiva, li permezz tagħha l-Istat Membru ta' stabbiliment kellu jirċievi d-*data*, janalizzaha u mbagħad iqassamha lill-Istati Membri kkonċernati. Dan ma jkunx jinvolvi biss implikazzjonijiet sproporzjonati fuq ir-riżorsi għall-Istati Membri ta' stabbiliment, iżda anki diffikultajiet legali f'sitwazzjonijiet, li fihom l-attività kriminali ma jkollha l-ebda rabta jew rabta limitata mal-ġurisdizzjoni ta' dak l-Istat Membru.
- Fir-rigward tal-**isfida tal-big data għall-infurzar tal-liġi**, l-Istati Membri ma jistgħux jidentifikaw rabtiet transkonfinali bħal dawn permezz tal-analiżi minnhom stess ta' settijiet ta' *data* kbar fil-livell nazzjonali, peress li jkunu niqsin mid-*data* korrispondenti dwar reati u kriminali oħra fi Stati Membri oħra. Barra minn hekk, xi Stati Membri jaf mhux dejjem ikollhom l-għodod tal-IT, l-għarfien espert u r-riżorsi meħtieġa sabiex janalizzaw settijiet ta' *data* kbar u kumplessi.
- Fir-rigward tal-**lakuni fir-riċerka u fl-innovazzjoni rilevanti għall-infurzar tal-liġi**, mhux l-Istati Membri kollha jistgħu jisfruttaw bis-sħiħ l-opportunitajiet ta' teknoloġiji ġodda għall-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu, u sabiex jegħlbu l-isfidi miġjuba mill-użu ta' dawn it-teknoloġiji minn kriminali u minn terroristi, minħabba l-investiment, ir-riżorsi u l-ħiliet li dan jirrikjedi.

- Fir-rigward tal-**limitazzjonijiet fil-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi ma' pajjiżi terzi**, il-Europol jista' jkollha rwol importanti fl-espansjoni tal-kooperazzjoni tagħha ma' pajjiżi terzi fil-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu filwaqt li tiżgura l-koerenza ma' politiki esterni u ma' għodod oħra tal-UE.

- Fir-rigward ta' **reati li jaffettwaw interess komuni kopert minn politika tal-Unjoni**, l-Istat Membru jista' jitlob appoġġ għall-investigazzjoni b'mod effettiv tat-tali reati.

- **Proporzjonalità**

  Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 5(4) tat-TUE, jeħtieġ li n-natura u l-intensità ta' miżura partikolari jkunu jaqblu mal-problema identifikata. Il-problemi kollha indirizzati f'din l-inizjattiva leġiżlattiva jitolbu, b'xi mod jew ieħor, **appoġġ fil-livell tal-UE** għall-Istati Membri sabiex jindirizzaw dawn il-problemi b'mod effettiv:

- Fir-rigward tan-**nuqqas ta' kooperazzjoni effettiva bejn partijiet privati u awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi** sabiex jegħlbu l-isfidi miġjuba mill-użu ta' servizzi transkonfinali minn kriminali, bħas-servizzi ta' komunikazzjoni, bankarji, jew tat-trasport, dawn il-problemi jistgħu jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv u effiċjenti fil-livell tal-UE milli fil-livell nazzjonali, billi jiġu analizzati settijiet ta' *data* multiġurisdizzjonali jew mhux attribwibbli fil-livell tal-UE sabiex tiġi identifikata d-*data* rilevanti għall-Istati Membri rispettivi kkonċernati, u billi jinħoloq kanal fil-livell tal-UE għal talbiet li jkun fihom *data* personali lil partijiet privati.

- Fir-rigward tal-**isfida tal-big data għall-infurzar tal-liġi**, dawn il-problemi jistgħu jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv u effiċjenti fil-livell tal-UE milli fil-livell nazzjonali, billi l-Istati Membri jiġu megħjuna jipproċessaw settijiet ta' *data* kbar u kumplessi sabiex isostnu l-investigazzjonijiet kriminali tagħhom bi spunti transkonfinali. Dan jinkludi t-tekniki tal-forensika diġitali sabiex tiġu identifikata l-informazzjoni meħtieġa u jiġu individwati r-rabtiet ma' reati u ma' kriminali fi Stati Membri oħra.

- Fir-rigward ta' **lakuni fir-riċerka u fl-innovazzjoni rilevanti għall-infurzar tal-liġi**, u minħabba l-investimenti tekniċi u finanzjarji sinifikanti meħtieġa, dawn il-problemi jistgħu jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv u effiċjenti fil-livell tal-UE milli fil-livell nazzjonali, billi jinħolqu sinerġiji u jinkisbu ekonomiji ta' skala. Sabiex dan iġib l-aktar valur miżjud f'termini ta' finanzjament tal-UE għar-riċerka dwar is-sigurtà, hemm il-ħtieġa li titneħħa l-lakuna fil-koordinazzjoni tal-ħtiġijiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni min-naħa tal-infurzar tal-liġi. Barra minn hekk, l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda ta' spiss jiddependu mid-disponibbiltà ta' ammonti kbar ta' *data*, li jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-UE. Billi jippromwovi l-iżvilupp ta' għodod tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu, approċċ tal-UE għall-innovazzjoni jqis id-dimensjoni transkonfinali ta' ħafna mit-theddidiet għas-sigurtà tal-lum, kif ukoll il-ħtieġa għal kooperazzjoni transkonfinali fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex jindirizzaw dawn it-theddidiet.

- Fir-rigward tal-**inċertezzi dwar l-użu ta' mekkaniżmi mill-Europol għall-iskambju ta' *data* personali ma' pajjiżi terzi**, il-limitazzjonijiet fir-Regolament (UE) 2016/794, li jistgħu jipprevjenu kooperazzjoni effettiva ma' pajjiżi terzi, jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv fil-livell tal-UE.

- Fir-rigward ta' **reati li jaffettwaw interess komuni kopert minn politika tal-Unjoni**, jista' jkun meħtieġ appoġġ mil-livell tal-UE sabiex dawn ir-reati jiġu investigati b'mod effettiv.

Bħala l-aġenzija tal-UE għall-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, il-Europol tkun f'pożizzjoni tajba sabiex tipprovdi dan l-appoġġ fil-livell tal-UE. Fil-fatt, il-Europol uriet li hija effettiv ħafna fl-appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu. Il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati li saret fit-tħejjija tal-valutazzjoni tal-impatt uriet livell għoli ħafna ta' sodisfazzjon bil-Europol. Hemm sinerġiji u ekonomiji ta' skala ċari għall-Istati Membri li jirriżultaw, pereżempju, mill-ipproċessar konġunt tal-informazzjoni mill-Europol, jew mill-għarfien espert li ċ-Ċentri speċjalizzati[39] jiġbru u joffru lill-Istati Membri. L-Istati Membri jistennew, u jeħtieġu operazzjonalment, l-istess livell ta' appoġġ mill-Europol f'dak li għandu x'jaqsam mat-theddidiet għas-sigurtà li qed jevolvu.

Il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi fil-livell tal-UE permezz tal-Europol ma tissostitwixxix politiki nazzjonali differenti dwar is-sigurtà interna u ma tissostitwixxix il-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi. Id-differenzi fl-ordinamenti ġuridiċi u fit-tradizzjonijiet legali tal-Istati Membri, kif rikonoxxuti mit-Trattati,[40] jibqgħu mhux affettwati minn dan l-appoġġ fil-livell tal-UE.

- **Għażla tal-istrument**

Peress li l-mandat tal-Europol huwa stabbilit fir-Regolament (UE) 2016/794, it-tisħiħ tal-mandat tal-Europol irid jieħu l-forma ta' Regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Sabiex jiġi żgurat li l-interess pubbliku ġenerali jiġi kkunsidrat kif xieraq fl-approċċ tal-Kummissjoni għat-tisħiħ tal-mandat tal-Europol, is-servizzi tal-Kummissjoni identifikaw il-partijiet ikkonċernati rilevanti u kkonsultawhom matul it-tħejjija ta' din l-inizjattiva leġiżlattiva kollha. Is-servizzi tal-Kummissjoni fittxew fehmiet mingħand firxa wiesgħa ta' esperti fis-suġġett, mingħand awtoritajiet nazzjonali, mingħand organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u mingħand membri tal-pubbliku dwar l-aspettattivi u t-tħassib tagħhom relatati mat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Europol fl-appoġġ lill-Istati Membri fil-prevenzjoni u fl-investigazzjoni effettivi tal-kriminalità.

Matul il-proċess ta' konsultazzjoni, is-servizzi tal-Kummissjoni applikaw varjetà ta' metodi u ta' forom ta' konsultazzjoni. Dawk inkludew:

- il-konsultazzjoni dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu, li talbiet opinjonijiet mingħand il-partijiet interessati kollha;
- konsultazzjoni mmirata mal-partijiet ikkonċernati permezz ta' kwestjonarju;
- intervisti ma' esperti; kif ukoll

[39] Iċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità, iċ-Ċentru Ewropew kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti, iċ-Ċentru Ewropew għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu u ċ-Ċentru Ewropew għall-Kriminalità Finanzjarja u Ekonomika.

[40] L-Artikolu 67(1) tat-TFEU.

- workshops tematiċi mmirati għall-partijiet ikkonċernati li ffokaw fuq esperti fis-suġġett, inklużi prattikanti fil-livell nazzjonali. B'kunsiderazzjoni tat-teknikalitajiet u tal-ispeċifiċitajiet tas-suġġett, is-servizzi tal-Kummissjoni ffokaw fuq konsultazzjonijiet immirati, li jindirizzaw firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati fil-livell nazzjonali u tal-UE.

Id-diversità tal-perspettivi wriet l-importanza tagħha fis-sostenn lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-inizjattiva leġiżlattiva tagħha tindirizza l-ħtiġijiet, u tqis it-tħassib, ta' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati. Barra minn hekk, ippermettiet lill-Kummissjoni tiġbor *data*, fatti u fehmiet meħtieġa u indispensabbli dwar ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE ta' din l-inizjattiva leġiżlattiva.

Fid-dawl tal-pandemija tal-Covid-19 u tar-restrizzjonijiet relatati u tal-inabbiltà ta' interazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti f'ambjenti fiżiċi, l-attivitajiet ta' konsultazzjoni ffokaw fuq alternattivi applikabbli bħal stħarriġiet online, intervisti telefoniċi semistrutturati, kif ukoll laqgħat permezz ta' vidjokonferenza.

Il-partijiet ikkonċernati ġeneralment jappoġġaw it-tisħiħ tal-mandat legali tal-Europol sabiex jappoġġa lill-Istati Membri fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu. L-Istati Membri appoġġaw l-għażliet ta' politika ppreferuti espliċitament f'diversi fora tal-Kunsill kif ukoll f'Dikjarazzjoni tal-Ministri tal-Affarijiet Interni tal-UE ta' Ottubru 2020 ("*Ten points on the Future of Europol*"). Fl-istess ħin, l-Istati Membri huma konxji tal-importanza tas-sovranità nazzjonali tagħhom fil-qasam tal-infurzar tal-liġi minn perspettiva operazzjonali u proċedurali. Il-Parlament Ewropew appoġġa rwol b'saħħtu għall-Europol, filwaqt li fakkar f'Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' Lulju 2020 li "*mandat imsaħħaħ jenħtieġ li jimxi id f'id ma' skrutinju parlamentari adegwat*". Il-Parlament Ewropew huwa mistenni jitlob ġustifikazzjoni dettaljata għall-ħtieġa ta' kwalunkwe kapaċità ġdida għall-ipproċessar tad-*data* fil-Europol, kif ukoll salvagwardji b'saħħithom għall-protezzjoni tad-*data*. Fil-fatt, id-diskussjonijiet mal-partijiet ikkonċernati kollha wrew l-importanza li jiġu pprovduti salvagwardji xierqa sabiex jiġu żgurati d-drittijiet fundamentali, u b'mod partikolari d-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali.

Ir-riżultati tal-attivitajiet ta' konsultazzjoni ġew inkorporati matul il-valutazzjoni tal-impatt u t-tħejjija tal-inizjattiva leġiżlattiva.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni qabbdet konsulent estern sabiex iwettaq studju dwar il-prattika ta' skambji diretti ta' *data* personali bejn il-Europol u partijiet privati. Ix-xogħol fuq l-istudju sar bejn Settembru 2019 u Awwissu 2020, u involva riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni, u konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati permezz ta' intervisti dwar id-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni, kwestjonarji mmirati, stħarriġ, intervisti semistrutturati, u workshop. Is-sejbiet tal-istudju huma disponibbli online.[41]

- **Valutazzjoni tal-impatt**

F'konformità mal-politika tagħha ta' "Regolamentazzjoni Aħjar", il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt.[42]

[41] https://ec.europa.eu/home-affairs/news/commission-publishes-study-practice-direct-exchanges-personal-data-between-europol-and-private_en.

[42] [żid il-links għall-iskeda tas-sommarju u għall-opinjoni tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju].

Ġew ikkunsidrati diversi għażliet ta' politika leġiżlattivi jew mhux leġiżlattivi. Wara preselezzjoni li fiha xi għażliet kellhom jitwarrbu, **l-għażliet ta' politika** li ġejjin **ġew ivvalutati fid-dettall kollu**:

(1) Għażliet ta' politika li jindirizzaw l-objettiv I: kooperazzjoni effettiva bejn il-partijiet privati u l-infurzar tal-liġi

- għażla ta' politika 1: il-Europol titħalla tipproċessa *data* riċevuta direttament mingħand partijiet privati
- għażla ta' politika 2: il-Europol titħalla tiskambja *data* personali ma' partijiet privati sabiex tistabbilixxi l-ġurisdizzjoni
- għażla ta' politika 3: il-Europol titħalla tfittex direttament f'bażijiet ta' *data* ġestiti minn partijiet privati

(2) Għażliet ta' politika li jindirizzaw l-objettiv II: analiżi ta' settijiet ta' *data* kbar u kumplessi sabiex jiġu individwati rabtiet transkonfinali

- għażla ta' politika 4: il-Europol tkun tista' tanalizza settijiet ta' *data* kbar u kumplessi
- għażla ta' politika 5: l-introduzzjoni ta' kategorija ġdida ta' suġġetti tad-*data* (persuni mhux relatati ma' reat) li d-*data* tagħhom tista' tiġi pproċessata mill-Europol

(3) Għażliet ta' politika li jindirizzaw l-objettiv III: l-użu ta' teknoloġiji ġodda għall-infurzar tal-liġi

- għażla ta' politika 6: ir-regolamentazzjoni tal-appoġġ tal-Europol għall-programm ta' riċerka tal-UE dwar is-sigurtà, il-laboratorju tal-innovazzjoni fil-Europol, u l-appoġġ tal-Europol għaċ-ċentru tal-innovazzjoni tal-UE
- għażla ta' politika 7: il-Europol tkun tista' tipproċessa *data* personali għall-finijiet ta' innovazzjoni fl-oqsma rilevanti għall-appoġġ tagħha għall-infurzar tal-liġi

Barra minn hekk, l-għażliet ta' politika li ġejjin, li jwieġbu għas-sejħiet mill-koleġiżlaturi għal rwol imsaħħaħ tal-Europol u jinvolvu għażla ta' politika ristretta notevolment minħabba restrizzjonijiet legali, ġew analizzati f'annessi separati għall-valutazzjoni tal-impatt, minħabba r-rilevanza tagħhom u għal raġunijiet ta' kompletezza:

- għażla ta' politika 8: il-Europol titħalla toħroġ allerti ta' "verifika diskreta" fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen
- għażla ta' politika 9: l-introduzzjoni ta' kategorija ġdida ta' allerti fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen li għandha tintuża esklussivament mill-Europol
- għażla ta' politika 10: reviżjoni mmirata tad-dispożizzjonijiet dwar l-awtovalutazzjoni tal-livell adegwat ta' salvagwardji
- għażla ta' politika 11: reviżjoni mmirata li tallinja d-dispożizzjoni dwar it-trasferiment ta' *data* personali f'sitwazzjonijiet speċifiċi mad-dispożizzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-*Data* fl-Infurzar tal-Liġi mill-Pulizija
- għażla ta' politika 12: it-tiftix tal-aħjar prattiki u ta' gwida dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-Europol

- għażla ta' politika 13: it-tisħiħ tal-mekkaniżmu sabiex jintalab il-bidu ta' investigazzjonijiet
- għażla ta' politika 14: il-Europol tkun tista' titlob il-bidu ta' investigazzjonijiet kriminali f'każijiet li jaffettwaw biss Stat Membru wieħed li jikkonċernaw forom ta' kriminalità li jaffettwaw interess komuni kopert minn politika tal-Unjoni, mingħajr ir-rekwiżit ta' dimensjoni transkonfinali tar-reat ikkonċernat

Wara valutazzjoni dettaljata tal-impatt tal-għażliet politiċi kollha, il-**pakkett tal-għażliet ta' politika preferuti** jikkonsisti fl-għażla ta' politika 2, fl-għażla ta' politika 4, fl-għażla ta' politika 7, fl-għażla ta' politika 9, fl-għażla ta' politika 11, fl-għażla ta' politika 12 u fl-għażla ta' politika 14. Dawn l-għażliet ta' politika ppreferuti huma riflessi f'din l-inizjattiva leġiżlattiva.

Il-pakkett tal-għażliet ta' politika ppreferuti (l-għażla ta' politika 2, l-għażla ta' politika 4 u l-għażla ta' politika 7, l-għażla ta' politika 9, l-għażla ta' politika 11, l-għażla ta' politika 12 u l-għażla ta' politika 14) iwieġeb b'mod effettiv għall-problemi identifikati u jipprovdi lill-Europol b'għodod u b'kapaċitajiet b'saħħithom sabiex iżżid l-appoġġ tagħha lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra t-theddidiet emerġenti, f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali.

Soċjalment u ekonomikament, il-benefiċjarji finali tal-għażliet preferuti kollha huma ċ-ċittadini, li se jibbenefikaw direttament u indirettament minn rati aktar baxxi ta' kriminalità, minn danni ekonomiċi mnaqqsa, u minn anqas spejjeż relatati mas-sigurtà. F'termini ta' effiċjenza, il-benefiċjarji ewlenin huma l-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi. Jenħtieġ li l-għażliet preferuti joħolqu ekonomiji ta' skala sinifikanti fil-livell tal-UE, peress li se jċaqilqu l-kompiti, li jistgħu jitwettqu b'mod aktar effiċjenti fil-livell tal-UE, mil-livell nazzjonali għall-Europol. L-għażliet ta' politika preferuti jipprovedu soluzzjonijiet effiċjenti għall-isfidi, li kieku jkollhom jiġu indirizzati bi spejjeż ogħla b'27 soluzzjoni nazzjonali individwali, jew għal sfidi li ma jistgħux jiġu indirizzati fil-livell nazzjonali minħabba n-natura transnazzjonali tagħhom.

- **Drittijiet fundamentali**

Minħabba l-importanza tal-ipproċessar ta' *data* personali għax-xogħol tal-infurzar tal-liġi b'mod ġenerali, u għall-attivitajiet ta' appoġġ ipprovduti mill-Europol b'mod partikolari, din l-inizjattiva leġiżlattiva tiffoka b'mod partikolari fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata konformità sħiħa mad-**drittijiet fundamentali** kif minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u b'mod partikolari mad-drittijiet għall-**protezzjoni ta' *data* personali**[43] u għar-rispett għall-ħajja privata.[44]

Peress li kważi l-problemi, l-objettivi u l-għażliet ta' politika kollha indirizzati fil-valutazzjoni tal-impatt mehmuża jinvolvu l-ipproċessar ta' *data* personali, kwalunkwe limitazzjoni li tirriżulta fuq l-eżerċizzju tad-dritt fundamentali għall-protezzjoni ta' *data* personali trid tkun limitata għal dak li huwa strettament neċessarju u proporzjonat. Drittijiet fundamentali oħra jistgħu jiġu affettwati wkoll, bħad-dritt fundamentali għan-nondiskriminazzjoni fil-kuntest tar-riċerka u tal-innovazzjoni. Il-**kunsiderazzjoni bir-reqqa tad-drittijiet fundamentali** fil-valutazzjoni tal-impatt mehmuża, u b'mod partikolari tad-drittijiet għall-protezzjoni ta' *data* personali u għar-rispett tal-ħajja privata, hija bbażata fuq valutazzjoni dettaljata tal-għażliet

[43] L-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Karta").
[44] L-Artikolu 7 tal-Karta.

ta' politika f'termini tal-limitazzjonijiet tagħhom fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali stipulati fl-anness 5 tal-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja.

Il-valutazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-anness 5 tal-valutazzjoni tal-impatt mehmuża tapplika l-Gwida operazzjonali tal-Kummissjoni dwar il-kunsiderazzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni,[45] il-manwal mill-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali dwar l-Applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali,[46] u l-gwida[47] pprovduta mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* dwar il-valutazzjoni tan-neċessità u tal-proporzjonalità. Fuq il-bażi ta' din il-gwida, **l-anness 5 tal-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja dwar id-drittijiet fundamentali**:

- jiddeskrivi l-għażliet ta' politika mwarrba fi stadju bikri minħabba l-impatt negattiv serju tagħhom fuq id-drittijiet fundamentali;
- jistabbilixxi valutazzjoni pass pass tan-neċessità u tal-proporzjonalità;
- jiddeskrivi l-għażliet ta' politika rifjutati jekk tkun disponibbli għażla anqas intrużiva iżda ugwalment effettiva; u
- jipprevedi lista sħiħa ta' salvagwardji dettaljati għal dawk l-għażliet ta' politika fejn tkun meħtieġa limitazzjoni fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali, anki minħabba n-nuqqas ta' għażla anqas intrużiva iżda ugwalment effettiva.

Barra minn hekk, il-kapitolu 8 tal-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja jipprovdi valutazzjoni tal-**impatt akkumulat** tal-għażliet ta' politika preferuti fuq id-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din l-inizjattiva leġiżlattiva jkollha impatt fuq il-baġit u fuq il-ħtiġijiet tal-persunal tal-Europol. Huwa stmat li baġit addizzjonali ta' madwar EUR 180 miljun u madwar 160 impjieg addizzjonali jkunu meħtieġa għall-perjodu ġenerali tal-QFP sabiex jiġi żgurat li l-Europol ikollha r-riżorsi meħtieġa sabiex tinforza l-mandat rivedut tagħha. Għalhekk, il-kompiti l-ġodda għall-Europol proposti f'din l-inizjattiva leġiżlattiva jkunu jeħtieġu żieda fir-riżorsi finanzjarji u umani meta mqabbla mar-riżorsi allokati fil-proposta tal-Kummissjoni ta' Mejju 2020 għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027, li jippjana żieda annwali ta' 2 % fil-kontribuzzjoni tal-UE lill-Europol. Dawn l-istimi kif ukoll il-baġit ġenerali u n-numru ta' karigi huma soġġetti għall-eżitu tan-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027. Din il-kontribuzzjoni jenħtieġ li tistabbilizza wkoll il-ħtiġijiet tar-riżorsi tal-Europol matul il-perjodu tad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva. Din l-inizjattiva leġiżlattiva tiftaħ ukoll il-possibbiltà għall-Istati Membri li jikkontribwixxu direttament għall-baġit tal-Europol, meta dan ikun neċessarju u meħtieġ minn kompiti eżistenti jew ġodda.

[45] SEC(2011) 567 final (6.5.2011).

[46] L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali: Applying the Charter of Fundamental Rights of the European Union in law and policymaking at national level (2018).

[47] Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*: Assessing the necessity of measures that limit the fundamental right to the protection of personal data: A toolkit (11.4.2017); Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*: EDPS Guidelines on assessing the proportionality of measures that limit the fundamental rights to privacy and to the protection of personal data (19.12.2019).

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni u ta' rapportar**

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-mandat imsaħħaħ tal-Europol ikunu mwettqa fil-biċċa l-kbira mill-mekkaniżmi applikabbli skont ir-Regolament eżistenti dwar il-Europol. L-Artikolu 68 jipprevedi evalwazzjoni li tivvaluta, b'mod partikolari, l-impatt, l-effettività u l-effiċjenza tal-Europol u tal-prattiki ta' ħidma tiegħu u jista' jindirizza l-ħtieġa possibbli li jiġu mmodifikati l-istruttura, l-operat, il-qasam ta' azzjoni u l-kompiti tal-Europol, u l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe modifika bħal din. Wara din l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni tislet *data* permezz tar-rappreżentanza tagħha fil-laqgħat tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol u permezz tas-superviżjoni tagħha, flimkien mal-Istati Membri, tal-ħidma tal-Europol (Artikolu 11).

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Din l-inizjattiva leġiżlattiva tipproponi l-**kompiti l-ġodda** li ġejjin għall-Europol:

- Il-Europol tkun tista' tikkopera b'mod effettiv mal-**partijiet privati**: l-inizjattiva leġiżlattiva tistabbilixxi regoli għall-Europol sabiex tiskambja *data* personali ma' partijiet privati u tanalizza din id-*data* bil-ħsieb li tidentifika l-Istati Membri kollha kkonċernati u tipprovdilhom l-informazzjoni meħtieġa sabiex jistabbilixxu l-ġurisdizzjoni tagħhom, anki fir-rigward tal-kontenut terroristiku online. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tirċievi *data* personali mingħand partijiet privati, tinforma lit-tali partijiet privati dwar informazzjoni nieqsa, u titlob lill-Istati Membri jitolbu lil partijiet privati oħra sabiex jaqsmu aktar informazzjoni. Dawn ir-regoli jintroduċu wkoll il-possibbiltà li l-Europol taġixxi bħala kanal tekniku għall-iskambji bejn l-Istati Membri u l-partijiet privati. Dawn ir-raġunijiet legali l-ġodda jwieġbu għall-problemi li jaffaċċjaw il-partijiet privati u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi meta jikkooperaw dwar reati li fihom l-awtur tar-reat, il-vittmi u l-infrastruttura tal-IT rilevanti jkunu jinsabu taħt diversi ġurisdizzjonijiet fl-UE u lil hinn minnha, u jkunu jippermettu wkoll lill-Europol tappoġġa lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-interazzjonijiet tagħhom ma' partijiet privati dwar it-tneħħija ta' kontenut terroristiku online u kwistjonijiet rilevanti oħra. [Artikolu 26]
- Il-Europol tkun tista' tiskambja *data* personali ma' partijiet privati b'rabta ma' **rispons għall-kriżijiet**: L-inizjattiva leġiżlattiva tistabbilixxi regoli għall-Europol sabiex tappoġġa lill-Istati Membri fil-prevenzjoni tat-tixrid fuq skala kbira, permezz ta' pjattaformi online, ta' kontenut terroristiku relatat ma' avvenimenti kurrenti jew riċenti li seħħew fid-dinja reali li juru ħsara għall-ħajja jew għall-integrità fiżika, jew li jinstigaw ħsara imminenti għall-ħajja jew għall-integrità fiżika. Għal dan l-għan, il-Europol se tkun tista' tiskambja *data* personali ma' partijiet privati, inklużi hashes, indirizzi IP jew URLs relatati ma' kontenut bħal dan. [Artikolu 26a]
- Il-Europol tkun tista' **tipproċessa settijiet ta' *data* kbar u kumplessi**: L-inizjattiva leġiżlattiva tistabbilixxi regoli għall-Europol sabiex tivverifika jekk id-*data* personali riċevuta fil-kuntest tal-prevenzjoni u tal-ġlieda kontra r-reati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-objettivi tal-Europol tikkonformax mal-kategoriji ta' suġġetti tad-*data* li d-*data* tagħhom tista' tiġi pproċessata mill-Aġenzija.[48] Għal dak l-għan, l-

[48] L-Artikolu 18(5) tar-Regolament (UE) 2016/794 jillimita l-ipproċessar ta' *data* personali mill-Europol għall-kategoriji tas-suġġetti tad-*data* elenkati fl-anness II ta' dak ir-Regolament. Il-kategoriji tas-suġġetti tad-*data* jkopru: (1) persuni suspettati, (2) persuni misjuba ħatja, (3) persuni li dwarhom ikun hemm indikazzjonijiet fattwali jew motivi raġonevoli sabiex wieħed jemmen li se jwettqu reat, (4) persuni li jistgħu

inizjattiva leġiżlattiva tintroduċi l-possibbiltà li ssir preanaliżi tad-*data* personali riċevuta bl-uniku skop li jiġi ddeterminat jekk tali *data* taqax fil-kategoriji tas-suġġetti tad-*data*. Il-Kummissjoni tipproponi dawn ir-raġunijiet legali l-ġodda wara l-analiżi tagħha tad-Deċiżjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* dwar l-isfida tal-big data tal-Europol.[49] [Artikolu 18(5a)]

- Il-Europol tkun tista' **tappoġġa b'mod effettiv investigazzjonijiet kriminali fl-Istati Membri jew mill-UPPE** permezz tal-analiżi ta' settijiet ta' *data* kbar u kumplessi: L-inizjattiva leġislattiva tistabbilixxi regoli ġodda li jippermettu lill-Europol, f'każijiet ġustifikati li fihom tkun meħtieġa tappoġġa b'mod effettiv investigazzjoni kriminali speċifika fi Stat Membru jew mill-UPPE, tipproċessa *data* li l-awtoritajiet nazzjonali jew l-UPPE jkunu kisbu fil-kuntest ta' dik l-investigazzjoni kriminali f'konformità mar-rekwiżiti u mas-salvagwardji proċedurali applikabbli skont il-liġi kriminali nazzjonali. Għal dak l-għan, u meta Stat Membru jew l-UPPE jitlob l-appoġġ analitiku tal-Europol għal investigazzjoni kriminali speċifika, l-inizjattiva leġiżlattiva tkun tintroduċi l-possibbiltà li l-Europol tipproċessa d-*data* kollha li tkun tinsab f'fajl ta' każ investigattiv ipprovdut mill-Istat Membru jew mill-UPPE għal din l-investigazzjoni sakemm l-Europol tappoġġa dik l-investigazzjoni kriminali speċifika. Dan jista' jinkludi informazzjoni pprovduta minn pajjiż terz fdat[50] fil-kuntest ta' investigazzjoni kriminali speċifika, dment li din l-informazzjoni tkun meħtieġa għall-appoġġ mill-Europol għall-investigazzjoni kriminali speċifika fi Stat Membru. Barra minn hekk, l-inizjattiva leġislattiva tipprevedi l-possibbiltà li Stat Membru jew l-UPPE jitlob lill-Europol taħżen fajl ta' każ investigattiv u l-eżitu tal-analiżi operazzjonali tagħha għall-iskop uniku li tiżgura l-veraċità, l-affidabbiltà u t-traċċabbiltà tal-proċess ta' intelligence kriminali, u biss sakemm il-proċedimenti ġudizzjarji relatati ma' dik l-investigazzjoni kriminali jkunu għadhom għaddejjin fi Stat Membru. Il-Kummissjoni tipproponi dawn ir-raġunijiet legali l-ġodda wara l-analiżi tagħha tad-Deċiżjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* dwar l-isfida tal-big *data* tal-Europol.[51] [Artikolu 18a]
- It-tisħiħ tar-rwol tal-Europol fir-**riċerka u fl-innovazzjoni**: (a) Tassisti lill-Kummissjoni fl-identifikazzjoni ta' temi ewlenin ta' riċerka, fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-programmi qafas tal-Unjoni għar-riċerka u għall-innovazzjoni li huma rilevanti għall-objettivi tal-Europol. [Artikolu 4(4a)] (b) Tappoġġa lill-Istati Membri fl-użu ta' teknoloġiji emerġenti fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra r-reati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-objettivi tal-Europol, u fl-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' innovazzjoni inkluż bl-ipproċessar ta' *data* personali meta jkun meħtieġ. [Artikolu 33a] (c) Tappoġġa l-iskrinjar ta' każijiet speċifiċi ta' investimenti diretti barranin fl-Unjoni li jikkonċernaw impriżi li jipprovdu teknoloġiji użati jew li qed jiġu żviluppati mill-Europol jew mill-Istati Membri għall-prevenzjoni u għall-

---

jintalbu jixhdu f'investigazzjonijiet jew fi proċedimenti kriminali sussegwenti, (5) vittmi, (6) kuntatti u assoċjati ta' persuna kriminali, u (7) persuni li jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar reat.

49 Ara d-Deċiżjoni tal-KEPD dwar l-inkjesta fuq inizjattiva proprja dwar l-isfida tal-big *data* tal-Europol: https://edps.europa.eu/sites/edp/files/publication/20-09-18_edps_decision_on_the_own_initiative_inquiry_on_europols_big_data_challenge_en.pdf.

50 Pajjiż terz li miegħu jkun hemm ftehim konkluż fuq il-bażi tal-Artikolu 23 tad-Deċiżjoni 2009/371/ĠAI f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 25(1) tar-Regolament (UE) 2016/794 jew inkella fuq il-bażi tal-Artikolu 218 tat-TFUE f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 25(1) tar-Regolament (UE) 2016/794, jew li jkun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' adegwatezza kif imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 25(1) tar-Regolament (UE) 2016/794.

51 Ara d-Deċiżjoni tal-KEPD dwar l-inkjesta fuq inizjattiva proprja dwar l-isfida tal-big *data* tal-Europol: https://edps.europa.eu/sites/edp/files/publication/20-09-18_edps_decision_on_the_own_initiative_inquiry_on_europols_big_data_challenge_en.pdf.

investigazzjoni ta' reati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-objettivi tal-Europol. [Artikolu 4(4b)]

- Il-Europol tkun tista' tidħol fis-**Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen**, soġġetta għal konsultazzjoni mal-Istati Membri, dwar l-involviment suspettat ta' ċittadin ta' pajjiż terz f'reat li fir-rigward tiegħu tkun kompetenti l-Europol. [Artikolu 4(1)(r)]
- Issaħħaħ il-**kooperazzjoni** tal-Europol **ma' pajjiżi terzi** fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra reati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-objettivi tal-Europol: L-inizjattiva leġiżlattiva tipprevedi l-possibbiltà li d-Direttur Eżekuttiv tal-Europol jawtorizza kategoriji ta' trasferimenti ta' *data* personali lil pajjiżi terzi f'sitwazzjonijiet speċifiċi u fuq bażi ta' każ b'każ, meta jkunu meħtieġa tali kategoriji ta' trasferimenti. [Artikolu 25(5)]
- Issaħħaħ il-kooperazzjoni tal-Europol mal-**Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew** (UPPE), f'konformità mar-regoli dwar it-trażmissjoni ta' *data* personali lill-korpi tal-Unjoni li huma applikabbli għall-Europol. [Artikolu 20a]
- Issaħħaħ il-kooperazzjoni tal-Europol mal-**Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)** sabiex jiġu identifikati frodi, korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, f'konformità mar-regoli dwar it-trażmissjoni ta' *data* personali lill-korpi tal-Unjoni li huma applikabbli għall-Europol. [Artikolu 21(8)]
- Tkun tista' ssir **analiżi operazzjonali konġunta** bejn il-Europol u l-Istati Membri f'investigazzjonijiet speċifiċi. [Artikolu 20(2a)]
- Tkompli ssaħħaħ **is-sorveljanza parlamentari u l-akkontabilità tal-Europol** billi jiġu introdotti obbligi ġodda ta' rapportar għall-Europol lill-Grupp Konġunt ta' Skrutinju Parlamentari. [Artikolu 51]

Sabiex tkompli **ssaħħaħ il-qafas tal-protezzjoni tad-*data*** applikabbli għall-Europol, din l-inizjattiva leġiżlattiva:

- tipproponi li l-Artikolu 3 dwar id-definizzjonijiet u l-Kapitolu IX tar-Regolament (UE) 2018/1725 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni jsiru applikabbli għall-Europol, filwaqt li fir-rigward ta' *data* personali amministrattiva, kapitoli oħra tar-Regolament 2018/1725 japplikaw għall-Europol. [Artikolu 27a].
- tallinja l-kliem dwar l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali (*data* sensittiva) billi żżid id-*data* bijometrika mal-kategoriji speċjali ta' *data*. [Artikolu 30]
- tintroduċi dispożizzjoni ġdida dwar l-ipproċessar ta' *data* personali għar-riċerka u għall-innovazzjoni sabiex tqis kif xieraq ir-rwol aktar b'saħħtu li l-Europol se jkollha f'dawn l-oqsma u l-impatt tagħhom fuq l-ipproċessar ta' *data* personali u tipprevedi salvagwardji addizzjonali. [Artikolu 33a]
- tintroduċi dispożizzjoni ġdida dwar iż-żamma ta' rekords ta' kategoriji ta' attivitajiet ta' pproċessar ta' *data* sabiex tirrifletti l-prattika attwali. [Artikolu 39a]
- tiddeskrivi f'aktar dettall il-ħatra, il-pożizzjoni u l-kompiti tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-Europol sabiex tenfasizza l-importanza ta' din il-funzjoni, f'konformità mal-approċċ meħud matul il-modernizzazzjoni tal-acquis tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*, li introduċa l-funzjoni tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* bħala komponent ewlieni tal-arkitettura tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*. [Artikoli 41a sa c]

Din l-inizjattiva leġiżlattiva tipprevedi wkoll il-**kjarifiki legali** li ġejjin u għall-**kodifikazzjoni tal-kompiti eżistenti** tal-Europol:

- L-għoti ta' appoġġ għall-**unitajiet ta' intervent speċjali** tal-Istati Membri permezz tan-network ATLAS bħala pjattaforma ta' kooperazzjoni ta' 38 unità ta' intervent speċjali tal-Istati Membri u tal-pajjiżi assoċjati. [Artikolu 4(1)(h)]
- L-għoti ta' appoġġ lill-Istati Membri permezz tal-koordinazzjoni tar-rispons tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għaċ-ċiberattakki. [Artikolu 4(1)(m)]
- L-għoti ta' appoġġ lill-Istati Membri f'investigazzjonijiet kontra **kriminali ta' riskju għoli**. [Artikolu 4(1)(q)]
- L-għoti ta' appoġġ għall-**mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ** b'għarfien espert, b'analiżi, b'rapporti u b'informazzjoni rilevanti oħra sabiex tiġi vverifikata l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen kif stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013. [Artikolu 4(1)(s)]
- L-iffaċilitar u l-appoġġ ta' reazzjoni koordinata, koerenti, multidixxiplinari u minn diversi aġenziji għal theddidiet serji ta' kriminalità permezz tal-**Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddidiet Kriminali**. [Artikolu 4(2)]
- L-għoti ta' appoġġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fit-twettiq ta' valutazzjonijiet tar-riskju effettivi permezz tal-għoti ta' **analiżi tal-valutazzjoni tat-theddidiet** fuq il-bażi tal-informazzjoni li l-Europol iżżomm dwar fenomeni u xejriet kriminali. [Artikolu 4(3)]
- Jiġi ċċarat li l-persunal tal-Europol jista' jipprovdi **appoġġ operazzjonali** lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri **fuq il-post** fl-operazzjonijiet u fl-investigazzjonijiet. [Artikolu 4(5)]
- Il-kjarifika li l-Europol tista' titlob ukoll, f'każijiet speċifiċi li fihom il-Europol tqis li jenħtieġ li tinbeda investigazzjoni kriminali, lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru sabiex jibdew, imexxu jew jikkoordinaw investigazzjoni ta' **reat li jaffettwa interess komuni kopert minn politika tal-Unjoni**, mingħajr ir-rekwiżit ta' dimensjoni transkonfinali tar-reat ikkonċernat. [Artikolu 6(1)]
- L-għoti ta' appoġġ lill-Istati Membri sabiex jinformaw lill-pubbliku dwar individwi mfittxija skont il-liġi nazzjonali fir-rigward ta' reat kriminali li fir-rigward tiegħu tkun kompetenti l-Europol, permezz tas-sit web tal-Europol dwar l-**aktar persuni maħrubin imfittxijin fl-Ewropa**. [Artikolu 18(f)]
- Il-kjarifika li l-Istati Membri jistgħu jagħmlu r-**riżultat tal-analiżi operazzjonali u forensika** pprovduta mill-Europol disponibbli għall-awtoritajiet rilevanti tagħhom, inklużi l-prosekuturi u l-qrati kriminali, matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-proċedimenti kriminali, f'konformità mar-restrizzjonijiet fuq l-użu applikabbli u mal-liġi proċedurali kriminali nazzjonali. [Artikolu 20(3)]
- Il-kjarifika li l-persunal tal-Europol jista' **jixhed fatti**, li jkun sar jaf bihom fil-qadi ta' dmirijietu jew fl-eżerċizzju tal-attivitajiet tiegħu, fi proċedimenti kriminali fl-Istati Membri. [Artikolu 20(5)]

2020/0349 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794, fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-Europol ma' partijiet privati, tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-Europol b'appoġġ għal investigazzjonijiet kriminali, u tar-rwol tal-Europol fir-riċerka u fl-innovazzjoni

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 88 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) twaqqfet permezz tar-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[52] sabiex tappoġġa u ssaħħaħ l-azzjoni meħuda mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni reċiproka tagħhom fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja li taffettwa żewġ Stati Membri jew aktar, it-terroriżmu u forom oħra ta' kriminalità li jaffettwaw interess komuni kopert minn politika tal-Unjoni.

(2) L-Ewropa qed taffaċċja sitwazzjoni ta' sigurtà li ma tiqafx tinbidel, b'theddidiet għas-sigurtà li jevolvu dejjem aktar u dejjem aktar kumplessi. Il-kriminali u t-terroristi jisfruttaw il-vantaġġi li jġibu magħhom it-trasformazzjoni diġitali u t-teknoloġiji l-ġodda, inklużi l-interkonnettività u n-nuqqas ta' ċarezza tal-konfini bejn id-dinja fiżika u diġitali. Il-kriżi tal-COVID-19 kompliet tgħarraq is-sitwazzjoni, hekk kif il-kriminali malajr ħatfu l-opportunitajiet sabiex jisfruttaw il-kriżi billi jadattaw il-modi ta' operazzjoni tagħhom jew billi jiżviluppaw attivitajiet kriminali ġodda. It-terroriżmu għadu theddida sinifikanti għal-libertà u għall-mod ta' ħajja tal-Unjoni u taċ-ċittadini tagħha.

(3) Dawn it-theddidiet jinfirxu lil hinn mill-fruntieri, hekk kif jinvolvu varjetà ta' reati li huma jiffaċilitaw, u jidhru fi gruppi tal-kriminalità organizzata polikriminali li jinvolvu ruħhom f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet kriminali. Peress li l-azzjoni fil-livell nazzjonali biss mhijiex biżżejjed sabiex tindirizza dawn l-isfidi transnazzjonali tas-sigurtà, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri saru dejjem jużaw aktar l-appoġġ u l-għarfien espert li l-Europol toffri għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu. Minn meta sar applikabbli r-Regolament (UE) 2016/794, l-importanza operazzjonali tal-kompiti tal-Europol inbidlet b'mod sostanzjali. L-ambjent il-ġdid tat-

[52] Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

theddidiet jibdel ukoll l-appoġġ li l-Istati Membri jeħtieġu u jistennew mill-Europol sabiex iżommu liċ-ċittadini sikuri.

(4) Hekk kif l-Ewropa qed taffaċċja theddidiet dejjem akbar minn gruppi ta' kriminalità organizzata u minn attakki terroristiċi, rispons effettiv tal-infurzar tal-liġi jrid jinkludi d-disponibbiltà ta' unitajiet ta' intervent speċjali interoperabbli mħarrġa tajjeb speċjalizzati fil-kontroll ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi. Fl-Unjoni, l-unitajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istat Membru jikkooperaw abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/617.[53] Il-Europol jenħtieġ li tkun tista' tipprovdi appoġġ lil dawn l-unitajiet ta' intervent speċjali, inkluż billi tipprovdi appoġġ operazzjonali, tekniku u finanzjarju.

(5) F'dawn l-aħħar snin, attakki ċibernetiċi fuq skala kbira xeħtu fil-mira tagħhom entitajiet kemm pubbliċi kif ukoll privati f'ħafna ġurisdizzjonijiet fl-Unjoni u lil hinn minnha, u affettwaw diversi setturi inklużi s-servizzi tat-trasport, tas-saħħa u dawk finanzjarji. Iċ-ċiberkriminalità u ċ-ċibersigurtà ma jistgħux ikunu mifruda f'ambjent interkonness. Il-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' tali attivitajiet huma sostnuti mill-koordinazzjoni u mill-kooperazzjoni bejn l-atturi rilevanti, inklużi l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà ("ENISA"), l-awtoritajiet kompetenti għas-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni ("awtoritajiet tal-NIS") kif iddefiniti mid-Direttiva (UE) 2016/1148[54], l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u partijiet privati. Sabiex tiġi żgurata l-kooperazzjoni effettiva bejn l-atturi rilevanti kollha fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali dwar l-attakki ċibernetiċi u t-theddidiet għas-sigurtà, jenħtieġ li l-Europol tikkoopera mal-ENISA permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u billi tipprovdi appoġġ analitiku.

(6) Il-kriminali ta' riskju għoli għandhom rwol ewlieni fin-networks kriminali u jippreżentaw riskju għoli ta' kriminalità serja għas-sigurtà interna tal-Unjoni. Sabiex jiġu miġġielda gruppi ta' kriminalità organizzata b'riskju għoli u l-membri ewlenin tagħhom, jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tappoġġa lill-Istati Membri fl-iffokar tar-rispons investigattiv tagħhom fuq l-identifikazzjoni ta' dawn il-persuni, l-attivitajiet kriminali tagħhom u l-membri tan-networks kriminali tagħhom.

(7) It-theddidiet ikkawżati minn kriminalità serja jeħtieġu rispons koordinat, koerenti, multidixxiplinari u li jinvolvi diversi aġenziji. Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tiffaċilita u tappoġġa inizjattivi ta' sigurtà msejsa fuq l-intelligence mmexxija mill-Istati Membri sabiex jiġu identifikati, jingħataw prijorità u jiġu indirizzati theddidiet tal-kriminalità serja, bħall-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali. Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tipprovdi appoġġ amministrattiv, loġistiku, finanzjarju u operazzjonali għal tali attivitajiet, b'appoġġ għall-identifikazzjoni ta' prijoritajiet trażversali u l-implimentazzjoni ta' għanijiet strateġiċi orizzontali fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja.

(8) Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), stabbilita fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali permezz tar-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5556], hija għodda essenzjali għaż-

---

[53] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/617/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-koperazzjoni bejn l-unitajiet ta' intervent speċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea f'sitwazzjonijiet ta' kriżi (ĠU L 210, 6.8.2008).

[54] Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1–30).

[55] Ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-

żamma ta' livell għoli ta' sigurtà fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Il-Europol, bħala ċentru għall-iskambju ta' informazzjoni fl-Unjoni, tirċievi u żżomm informazzjoni siewja mingħand pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali dwar persuni ssuspettati li jkunu involuti f'reati li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tal-Europol. Wara konsultazzjoni mal-Istati Membri, jenħtieġ li l-Europol tkun tista' ddaħħal *data* dwar dawn il-persuni fis-SIS sabiex din tkun disponibbli direttament u f'ħin reali għall-utenti finali tas-SIS.

(9) Il-Europol għandha rwol importanti fl-appoġġ tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ sabiex tivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen kif stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013. Minħabba l-ħtieġa li tissaħħaħ is-sigurtà interna tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Europol tikkontribwixxi bl-għarfien espert, bl-analiżi, bir-rapporti u b'informazzjoni rilevanti oħra tagħha għall-proċess kollu ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ, mill-programmazzjoni saż-żjarat fuq il-post u s-segwitu. Jenħtieġ li l-Europol tgħin ukoll fl-iżvilupp u fl-aġġornar tal-għodod ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ.

(10) Il-valutazzjonijiet tar-riskju huma element essenzjali ta' previżjoni sabiex jiġu antiċipati xejriet ġodda u sabiex jiġu indirizzati theddidiet ġodda fil-kriminalità serja u fit-terroriżmu. Sabiex tappoġġa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fit-twettiq ta' valutazzjonijiet effettivi tar-riskju, jenħtieġ li l-Europol tipprovdi analiżi tal-valutazzjoni tat-theddidiet ibbażata fuq l-informazzjoni li jkollha dwar fenomeni u xejriet kriminali, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-UE dwar il-ġestjoni tar-riskju doganali.

(11) Sabiex il-finanzjament tal-UE għar-riċerka dwar is-sigurtà jiġi megħjun jiżviluppa l-potenzjal sħiħ tiegħu u jindirizza l-ħtiġijiet tal-infurzar tal-liġi, jenħtieġ li l-Europol tassisti lill-Kummissjoni fl-identifikazzjoni ta' temi ewlenin ta' riċerka, fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-programmi qafas tal-Unjoni għar-riċerka u għall-innovazzjoni li huma rilevanti għall-objettivi tal-Europol Meta l-Europol tassisti lill-Kummissjoni fl-identifikazzjoni ta' temi ewlenin ta' riċerka, fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' programm qafas tal-Unjoni, jenħtieġ li ma tirċivix finanzjament minn dak il-programm f'konformità mal-prinċipju tal-kunflitt ta' interess.

(12) Huwa possibbli li l-Unjoni u l-Istati Membri jadottaw miżuri restrittivi relatati mal-investiment dirett barrani għal raġunijiet ta' sigurtà jew ta' ordni pubbliku. Għal dak l-għan, ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[57] jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni li jipprovdi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni bil-mezzi sabiex jindirizzaw ir-riskji għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku b'mod komprensiv. Bħala parti mill-valutazzjoni tal-implikazzjonijiet mistennija għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku, jenħtieġ li l-Europol tappoġġa l-iskrinjar ta' każijiet speċifiċi ta' investimenti diretti barranin fl-Unjoni li jikkonċernaw impriżi li jipprovdu teknoloġiji użati jew li qed jiġu żviluppati mill-Europol jew mill-Istati Membri għall-prevenzjoni u għall-investigazzjoni ta' reati.

Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56–106).

[56] Ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56–106).

[57] Ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni (ĠU L 79I , 21.3.2019, p. 1–14).

(13) Il-Europol tipprovdi għarfien espert speċjalizzat għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu. Fuq talba ta' Stat Membru, jenħtieġ li l-persunal tal-Europol ikun jista' jipprovdi appoġġ operazzjonali lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta' dak l-Istat Membru fuq il-post fl-operazzjonijiet u fl-investigazzjonijiet, b'mod partikolari billi jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni transkonfinali u jipprovdi appoġġ forensika u tekniku fl-operazzjonijiet u fl-investigazzjonijiet, inkluż fil-kuntest ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunti. Fuq talba ta' Stat Membru, jenħtieġ li l-persunal tal-Europol ikun intitolat li jkun preżenti meta jittieħdu miżuri investigattivi f'dak l-Istat Membru u jassisti fit-teħid ta' dawn il-miżuri investigattivi. Jenħtieġ li l-persunal tal-Europol ma jkollux is-setgħa li jwettaq miżuri investigattivi.

(14) Wieħed mill-objettivi tal-Europol huwa li tappoġġa u ssaħħaħ l-azzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni reċiproka tagħhom fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra forom ta' kriminalità li jaffettwaw interess komuni kopert minn politika tal-Unjoni. Sabiex issaħħaħ dak l-appoġġ, jenħtieġ li l-Europol tkun tista' titlob lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru sabiex jibdew, iwettqu jew jikkoordinaw investigazzjoni kriminali ta' reat, li jaffettwa interess komuni kopert minn politika tal-Unjoni, anki meta r-reat ikkonċernat ma jkunx ta' natura transkonfinali. Jenħtieġ li l-Europol tinforma lill-Eurojust dwar talbiet bħal dawn.

(15) Il-pubblikazzjoni tal-identità u ta' ċerta *data* personali ta' persuni suspettati jew misjuba ħatja, li jkunu mfittxija fuq il-bażi ta' deċiżjoni ġudizzjarja ta' Stat Membru, iżżid il-possibbiltajiet ta' lokalizzazzjoni u ta' arrest ta' dawn l-individwi. Sabiex l-Istati Membri jiġu appoġġati f'dan il-kompitu, jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tippubblika fuq is-sit web tagħha informazzjoni dwar l-aktar persuni maħruba mfittxija fl-Ewropa għal reati kriminali li fir-rigward tagħhom tkun kompetenti l-Europol, u tiffaċilita l-provvista ta' informazzjoni mill-pubbliku dwar dawn l-individwi.

(16) Sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar ta' *data* personali mill-Europol ikun limitat għall-kategoriji ta' suġġetti tad-*data* li d-*data* tagħhom tista' tiġi pproċessata skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tivverifika jekk id-*data* personali riċevuta fil-kuntest tal-prevenzjoni u tal-ġlieda kontra r-reati li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-objettivi tal-Europol tikkorrispondix għal waħda minn dawk il-kategoriji ta' suġġetti tad-*data*. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Europol tkun tista' twettaq preanaliżi tad-*data* personali riċevuta bl-uniku skop li jiġi ddeterminat jekk tali *data* taqax f'dawk il-kategoriji tas-suġġetti tad-*data*. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tiffiltra d-*data* billi tivverifikaha ma' *data* diġà miżmuma mill-Europol. Din il-preanaliżi jenħtieġ li ssir qabel l-ipproċessar tad-*data* tal-Europol għall-kontroverifika, għall-analiżi strateġika, għall-analiżi operazzjonali jew għall-iskambju ta' informazzjoni. Jekk il-preanaliżi tindika li d-*data* personali ma taqax fi ħdan il-kategoriji tas-suġġetti tad-*data* li d-*data* tagħhom tista' tiġi pproċessata skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Europol tħassar dik id-*data*.

(17) Id-*data* miġbura fl-investigazzjonijiet kriminali kienet qed tiżdied fid-daqs u saret aktar kumplessa. L-Istati Membri jippreżentaw settijiet ta' *data* kbar u kumplessi lill-Europol, u jitolbu l-analiżi operazzjonali tal-Europol sabiex jinstabu rabtiet ma' reati u ma' persuni kriminali oħra fi Stati Membri oħra u barra l-Unjoni. L-Istati Membri ma jistgħux jidentifikaw rabtiet transkonfinali bħal dawn permezz ta' analiżi tagħhom stess tad-*data*. Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tappoġġa l-investigazzjonijiet kriminali tal-Istati Membri billi tipproċessa settijiet ta' *data* kbar u kumplessi sabiex jiġu individwati tali rabtiet transkonfinali meta jkunu ssodisfati r-rekwiżiti stretti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Meta dan ikun meħtieġ sabiex tiġi appoġġata b'mod effettiv investigazzjoni kriminali speċifika fi Stat Membru, jenħtieġ li l-Europol tkun tista'

jipproċessa dawk is-settijiet ta' *data* li l-awtoritajiet nazzjonali jkunu kisbu fil-kuntest ta' dik l-investigazzjoni kriminali f'konformità mar-rekwiżiti u mas-salvagwardji proċedurali applikabbli skont il-liġi kriminali nazzjonali tagħhom u sussegwentement sottomessi lill-Europol. Meta Stat Membru jipprovdi lill-Europol b'fajl ta' każ investigattiv u jitlob l-appoġġ tal-Europol f'investigazzjoni kriminali speċifika, jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tipproċessa d-*data* kollha li tinsab f'dak il-fajl sakemm tibqa' tappoġġa dik l-investigazzjoni kriminali speċifika. Jenħtieġ ukoll li l-Europol tkun tista' tipproċessa *data* personali li tkun meħtieġa għall-appoġġ tagħha għal investigazzjoni kriminali speċifika fi Stat Membru jekk dik id-*data* toriġina minn pajjiż terz, dment li l-pajjiż terz ikun soġġett għal deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonkludi li l-pajjiż jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni tad-*data* ("deċiżjoni ta' adegwatezza"), jew, fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta' adegwatezza, ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni skont l-Artikolu 218 tat-TFUE, jew ftehim ta' kooperazzjoni li jippermetti l-iskambju ta' *data* personali konkluż bejn il-Europol u l-pajjiż terz qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2016/794, u dment li l-pajjiż terz ikun kiseb id-*data* fil-kuntest ta' investigazzjoni kriminali f'konformità mar-rekwiżiti u mas-salvagwardji proċedurali applikabbli skont il-liġi kriminali nazzjonali tiegħu.

(18) Sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe pproċessar ta' *data* jkun meħtieġ u proporzjonat, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw konformità mad-dritt nazzjonali u tal-Unjoni meta jippreżentaw fajl ta' każ investigattiv lill-Europol. Jenħtieġ li l-Europol tivverifika jekk, sabiex tappoġġa investigazzjoni kriminali speċifika, huwiex meħtieġ u proporzjonat li tiġi pproċessata *data* personali li ma tistax taqa' fil-kategoriji ta' suġġetti tad-*data* li d-*data* tagħhom tista' ġeneralment tiġi pproċessata skont l-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/794. Jenħtieġ li l-Europol tiddokumenta dik il-valutazzjoni. Jenħtieġ li l-Europol taħżen tali *data* b'separazzjoni funzjonali minn *data* oħra u jenħtieġ li tipproċessaha biss meta jkun hemm bżonn għall-appoġġ tagħha għall-investigazzjoni kriminali speċifika, bħal fil-każ ta' spunt ġdid fl-investigazzjoni.

(19) Sabiex jiġi żgurat li Stat Membru jkun jista' juża r-rapporti analitiċi tal-Europol bħala parti mill-proċedimenti ġudizzjarji wara investigazzjoni kriminali, jenħtieġ li l-Europol tkun tista' taħżen il-fajl ta' każ investigattiv relatat fuq talba ta' dak l-Istat Membru bl-għan li tiżgura l-veraċità, l-affidabbiltà u t-traċċabbiltà tal-proċess tal-intelligence kriminali. Jenħtieġ li l-Europol iżżomm tali *data* separatament u biss sakemm il-proċedimenti ġudizzjarji relatati ma' dik l-investigazzjoni kriminali jkunu għadhom għaddejjin fl-Istat Membru. Hemm il-ħtieġa li jiġi żgurat l-aċċess tal-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti kif ukoll id-drittijiet tad-difiża, b'mod partikolari d-dritt tal-persuni suspettati jew akkużati jew tal-avukati tagħhom li jkollhom aċċess għall-materjal tal-każ.

(20) Każijiet transkonfinali ta' kriminalità serja jew ta' terroriżmu jeħtieġu kollaborazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri kkonċernati. Il-Europol tipprovdi għodod sabiex issostni din il-kooperazzjoni fl-investigazzjonijiet, notevolment permezz tal-iskambju ta' informazzjoni. Sabiex tissaħħaħ aktar din il-kooperazzjoni f'investigazzjonijiet speċifiċi permezz ta' analiżi operazzjonali konġunta, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jippermettu lil Stati Membri oħra jaċċessaw direttament l-informazzjoni li huma pprovdew lill-Europol, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe restrizzjoni li huma jqiegħdu fuq l-aċċess għal dik l-informazzjoni. Kwalunkwe pproċessar ta' *data* personali mill-Istati Membri f'analiżi operazzjonali konġunta jenħtieġ li jsir f'konformità mar-regoli u mas-salvagwardji stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(21) Il-Europol tipprovdi appoġġ operazzjonali għall-investigazzjonijiet kriminali tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, speċjalment billi tipprovdi analiżi operazzjonali u forensika. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu r-riżultati ta' dawn l-attivitajiet disponibbli għall-awtoritajiet rilevanti l-oħra tagħhom, inklużi l-prosekuturi u l-qrati kriminali, matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-proċedimenti kriminali]. Jenħtieġ li, għal dan l-għan, il-persunal tal-Europol ikun jista' jixhed dwar il-fatti, li jkun sar jaf bihom fil-qadi ta' dmirijietu jew fl-eżerċizzju tal-attivitajiet tiegħu, fi proċedimenti kriminali, mingħajr preġudizzju għar-restrizzjonijiet fuq l-użu applikabbli u għal-liġi proċedurali kriminali nazzjonali.

(22) Il-Europol u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("UPPE") stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939[58], jenħtieġ li jistabbilixxu l-arranġamenti meħtieġa sabiex jottimizzaw il-kooperazzjoni operazzjonali tagħhom, filwaqt li jqisu l-kompiti u l-mandati rispettivi tagħhom. Jenħtieġ li l-Europol taħdem mill-qrib mal-UPPE u ssostni b'mod attiv l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tal-UPPE fuq talba tiegħu, inkluż billi tipprovdi appoġġ analitiku u billi tiskambja informazzjoni rilevanti, kif ukoll tikkoopera miegħu, mill-mumentli fih reat suspettat jiġi rrapportat lill-UPPE sal-mument li fih dan jiddetermina jekk ikomplix bil-prosekuzzjoni jew inkella jwaqqax il-każ. Jenħtieġ li l-Europol, mingħajr dewmien żejjed, tirrapporta lill-UPPE kull imġiba kriminali li fir-rigward tagħha l-UPPE jista' jeżerċita l-kompetenza tiegħu. Sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni operazzjonali bejn il-Europol u l-UPPE, jenħtieġ li l-Europol tagħti aċċess lill-UPPE, fuq il-bażi ta' sistema ta' hit/no hit, għad-*data* disponibbli għand il-Europol, f'konformità mas-salvagwardji u mal-garanziji dwar il-protezzjoni tad-*data* pprovduti f'dan ir-Regolament. Ir-regoli dwar it-trażmissjoni lill-korpi tal-Unjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw għall-kooperazzjoni tal-Europol mal-UPPE. Jenħtieġ ukoll li l-Europol tkun tista' tappoġġa l-investigazzjonijiet kriminali mill-UPPE permezz ta' analiżi ta' settijiet ta' *data* kbar u kumplessi.

(23) Jenħtieġ li l-Europol tikkoopera mill-qrib mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) sabiex jidentifikaw frodi, korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Europol tittrażmetti lill-OLAF mingħajr dewmien kwalunkwe informazzjoni li fir-rigward tagħha l-OLAF jista' jeżerċita l-kompetenza tiegħu. Ir-regoli dwar it-trażmissjoni lill-korpi tal-Unjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw għall-kooperazzjoni tal-Europol mal-OLAF.

(24) Il-kriminalità serja u t-terroriżmu spiss ikollhom rabtiet lil hinn mit-territorju tal-Unjoni. Il-Europol tista' tiskambja *data* personali ma' pajjiżi terzi filwaqt li tissalvagwardja l-protezzjoni tal-privatezza u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data*. Sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra r-reati li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tal-objettivi tal-Europol, jenħtieġ li d-Direttur Eżekuttiv tal-Europol jitħalla jawtorizza kategoriji ta' trasferimenti ta' *data* personali lil pajjiżi terzi f'sitwazzjonijiet speċifiċi u fuq bażi ta' każ b'każ, meta tali grupp ta' trasferimenti relatati ma' sitwazzjoni speċifika jkunu meħtieġa u jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha ta' dan ir-Regolament.

(25) Sabiex tappoġġa lill-Istati Membri f'kooperazzjoni ma' partijiet privati li jipprovdu servizzi transkonfinali meta dawk il-partijiet privati jkollhom informazzjoni rilevanti

[58] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1–71).

għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-kriminalità, jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tirċievi u, f'ċirkostanzi speċifiċi, tiskambja *data* personali ma' partijiet privati.

(26) Il-kriminali saru jużaw dejjem aktar servizzi transkonfinali ta' partijiet privati sabiex jikkomunikaw u jwettqu attivitajiet illegali. L-awturi ta' reati sesswali jabbużaw mit-tfal u jaqsmu l-istampi u l-filmati madwar id-dinja billi jużaw pjattaformi online fuq l-internet. It-terroristi jabbużaw minn servizzi transkonfinali minn fornituri ta' servizzi online sabiex jirreklutaw voluntiera, jippjanaw u jikkoordinaw attakki, u jxerrdu l-propaganda. Il-kriminali ċibernetiċi japprofittaw mid-diġitalizzazzjoni tas-soċjetajiet tagħna billi jużaw il-phishing u l-inġinerija soċjali sabiex iwettqu tipi oħra ta' ċiberkriminalità bħal pereżempju online scams, attakki bi programmi ta' riskatt jew frodi fil-pagamenti. B'riżultat taż-żieda fl-użu tas-servizzi online mill-kriminali, il-partijiet privati għandhom ammonti dejjem akbar ta' *data* personali li tista' tkun rilevanti għal investigazzjonijiet kriminali.

(27) Minħabba n-natura mingħajr fruntieri tal-internet, dawn is-servizzi spiss ikunu jistgħu jiġu pprovduti minn kwalunkwe post fid-dinja. B'riżultat ta' dan, il-vittmi, l-awturi tar-reati, u l-infrastruttura diġitali li fiha tinħażen id-*data* personali u l-fornitur tas-servizz jistgħu lkoll ikunu soġġetti għal ġurisdizzjonijiet nazzjonali differenti, fi ħdan l-Unjoni u lil hinn minnha. Għaldaqstant, il-partijiet privati jista' jkollhom settijiet ta' *data* rilevanti għall-infurzar tal-liġi li jkun fihom *data* personali b'rabtiet ma' ġurisdizzjonijiet multipli kif ukoll *data* personali li ma tkunx tista' tiġi attribwita faċilment lil xi ġurisdizzjoni speċifika. L-awtoritajiet nazzjonali jsibuha diffiċli sabiex janalizzaw b'mod effettiv settijiet ta' *data* multiġurisdizzjonali jew mhux attribwibbli permezz ta' soluzzjonijiet nazzjonali. Meta l-partijiet privati jiddeċiedu li jaqsmu d-*data* b'mod legali u volontarju mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, bħalissa ma għandhomx punt uniku ta' kuntatt li miegħu jistgħu jaqsmu dawn is-settijiet ta' *data* fil-livell tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-partijiet privati jaffaċċjaw diffikultajiet meta jirċievu diversi talbiet mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta' pajjiżi differenti.

(28) Sabiex jiġi żgurat li l-partijiet privati jkollhom punt ta' kuntatt fil-livell tal-Unjoni sabiex jikkondividu legalment settijiet ta' *data* multiġurisdizzjonali jew settijiet ta' *data* li ma setgħux jiġu attribwiti faċilment s'issa lil ġurisdizzjoni speċifika waħda jew aktar, jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tirċievi *data* personali direttament mingħand partijiet privati.

(29) Sabiex jiżguraw li l-Istati Membri jirċievu malajr l-informazzjoni rilevanti meħtieġa bl-għan li jibdew investigazzjonijiet għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu, jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tipproċessa u tanalizza settijiet ta' *data* bħal dawn sabiex tidentifika l-Istati Membri rilevanti u tgħaddi lill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi kkonċernati l-informazzjoni u l-analiżi meħtieġa sabiex jinvestigaw dawn ir-reati skont il-ġurisdizzjonijiet rispettivi tagħhom.

(30) Sabiex jiġi żgurat li tkun tista' tidentifika l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti kollha tal-infurzar tal-liġi kkonċernati, jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tinforma lill-partijiet privati meta l-informazzjoni riċevuta mingħandhom ma tkunx biżżejjed sabiex tippermetti lill-Europol tidentifika l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi kkonċernati. Dan ikun jippermetti lill-partijiet privati li jkunu qasmu l-informazzjoni mal-Europol jiddeċiedu jekk ikunx fl-interess tagħhom li jaqsmu informazzjoni addizzjonali mal-Europol u jekk jistgħux jagħmlu dan b'rispett tal-liġi. Għal dan l-għan, il-Europol tista' tinforma lill-partijiet privati dwar l-informazzjoni nieqsa, sakemm din tkun strettament meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-awtoritajiet rilevanti tal-infurzar tal-liġi. Għal trasferimenti bħal dawn jenħtieġ li japplikaw salvagwardji speċjali, b'mod

partikolari meta l-parti privata kkonċernata ma tkunx stabbilita fl-Unjoni jew f'pajjiż terz li miegħu l-Europol ikollu ftehim ta' kooperazzjoni li jippermetti l-iskambju ta' *data* personali, jew li miegħu l-Unjoni tkun ikkonkludiet ftehim internazzjonali skont l-Artikolu 218 tat-TFUE li jipprevedi salvagwardji xierqa, jew li jkun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' adegwatezza mill-Kummissjoni, li ssib li l-pajjiż terz inkwistjoni jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni tad-*data*.

(31) L-Istati Membri, il-pajjiżi terzi, l-organizzazzjoni internazzjonali, li jinkludu l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' Pulizija Kriminali (Interpol), jew partijiet privati jistgħu jikkondividu settijiet ta' *data* multiġurisdizzjonali jew settijiet ta' *data* li ma jistgħux jiġu attribwiti lil ġurisdizzjoni speċifika waħda jew aktar mal-Europol, meta dawk is-settijiet ta' *data* jkun fihom rabtiet ma' *data* personali miżmuma minn partijiet privati. Meta jkun meħtieġ li tinkiseb informazzjoni addizzjonali mingħand tali partijiet privati sabiex jiġu identifikati l-Istati Membri rilevanti kollha kkonċernati, jenħtieġ li l-Europol tkun tista' titlob lill-Istati Membri, permezz tal-unitajiet nazzjonali tagħhom, sabiex jitolbu lil partijiet privati li jkunu stabbiliti jew li jkollhom rappreżentant legali fit-territorju tagħhom sabiex jaqsmu *data* personali mal-Europol f'konformità mal-liġijiet applikabbli ta' dawk l-Istati Membri. F'ħafna każijiet, dawn l-Istati Membri jaf ma jkunux jistgħu jistabbilixxu rabta mal-ġurisdizzjoni tagħhom ħlief il-fatt li l-parti privata li jkollha d-*data* rilevanti tkun stabbilita taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom. Irrispettivament mill-ġurisdizzjoni tagħhom fir-rigward tal-attività kriminali speċifika soġġetta għat-talba, jenħtieġ li, għalhekk, l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tagħhom ikunu jistgħu jiksbu *data* personali mingħand partijiet privati bl-għan li jipprovdu lill-Europol bl-informazzjoni meħtieġa sabiex tilħaq l-objettivi tagħha, f'konformità sħiħa mal-garanziji proċedurali skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom.

(32) Sabiex jiġi żgurat li l-Europol ma żżommx id-*data* aktar milli teħtieġ sabiex tidentifika l-Istati Membri kkonċernati, għandhom japplikaw limiti ta' żmien għall-ħażna ta' *data* personali mill-Europol. Ladarba l-Europol tkun eżawriet il-mezzi kollha għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tidentifika l-Istati Membri kollha kkonċernati, u raġonevolment ma tkunx tista' tistenna li tidentifika aktar Stati Membri kkonċernati, il-ħżin ta' din id-*data* personali ma jibqax meħtieġ u proporzjonat għall-identifikazzjoni tal-Istati Membri kkonċernati. Jenħtieġ li l-Europol tħassar id-*data* personali fi żmien erba' xhur wara li tkun saret l-aħħar trażmissjoni, sakemm unità nazzjonali, punt ta' kuntatt jew awtorità kkonċernata ma tkunx reġgħet issottomettiet id-*data* personali bħala d-*data* tagħha lill-Europol f'dan il-perijodu. Jekk id-*data* personali ppreżentata mill-ġdid tkun parti minn sett akbar ta' *data* personali, jenħtieġ li l-Europol iżżomm id-*data* personali biss jekk u sa fejn tkun ġiet ippreżentata mill-ġdid minn unità nazzjonali, minn punt ta' kuntatt jew minn awtorità kkonċernata.

(33) Kwalunkwe kooperazzjoni tal-Europol ma' partijiet privati la jenħtieġ li tidduplika u lanqas tinterferixxi mal-attivitajiet tal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja ("UIF"), u jenħtieġ li tikkonċerna biss informazzjoni li mhux diġà għandha tkun ipprovduta lill-UIF f'konformità mad-Direttiva 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[59]. Jenħtieġ li l-Europol tkompli tikkoopera mal-UIF b'mod partikolari permezz tal-unitajiet nazzjonali.

[59] Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

(34) Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tipprovdi l-appoġġ meħtieġ lill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi sabiex jinteraġixxu ma' partijiet privati, b'mod partikolari billi tipprovdi l-infrastruttura meħtieġa għal tali interazzjoni, pereżempju, meta l-awtoritajiet nazzjonali jirreferu kontenut terroristiku online lil fornituri ta' servizzi online jew jiskambjaw informazzjoni ma' partijiet privati fil-kuntest ta' attakki ċibernetiċi. Meta l-Istati Membri jużaw l-infrastruttura tal-Europol għal skambji ta' *data* personali dwar reati li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-objettivi tal-Europol, jenħtieġ li l-Europol ma jkollhiex aċċess għal dik id-*data*.

(35) L-attakki terroristiċi jikkawżaw it-tixrid fuq skala kbira ta' kontenut terroristiku permezz ta' pjattaformi online li juru ħsara għall-ħajja jew għall-integrità fiżika, jew li jinstigaw ħsara imminenti għall-ħajja jew għall-integrità fiżika. Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprevjenu b'mod effettiv it-tixrid ta' tali kontenut fil-kuntest ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi bħal dawn li jirriżultaw minn avvenimenti kurrenti jew riċenti fid-dinja reali, jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tiskambja *data* personali ma' partijiet privati, li tinkludi hashes, indirizzi IP jew URLs relatati ma' tali kontenut, li tkunu meħtieġa sabiex l-Istati Membri jiġu appoġġati fil-prevenzjoni tat-tixrid ta' kontenut bħal dan, b'mod partikolari meta dan il-kontenut ikollu l-għan jew l-effett li jintimida serjament lil popolazzjoni, u meta jkun hemm potenzjal antiċipat għal multiplikazzjoni u għal viralità esponenzjali bejn diversi fornituri ta' servizzi online.

(36) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[60] [61]jistabbilixxi regoli dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, mill-korpi, mill-uffiċċji u mill-aġenziji tal-Unjoni, iżda ma kienx japplika għall-Europol. Sabiex tiġi żgurata protezzjoni uniformi u konsistenti tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/1725 isir applikabbli għall-Europol f'konformità mal-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament, u jenħtieġ li jkun ikkomplementat minn dispożizzjonijiet speċifiċi għall-operazzjonijiet speċifiċi ta' pproċessar li l-Europol jenħtieġ li twettaq sabiex teżegwixxi l-kompiti tagħha.

(37) Minħabba l-isfidi li joħloq l-użu ta' teknoloġiji ġodda mill-kriminali għas-sigurtà tal-Unjoni, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi huma meħtieġa jsaħħu l-kapaċitajiet teknoloġiċi tagħhom. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Europol tappoġġa lill-Istati Membri fl-użu ta' teknoloġiji emerġenti fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra r-reati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-objettivi tal-Europol. Sabiex jiġu esplorati approċċi ġodda u jiġu żviluppati soluzzjonijiet teknoloġiċi komuni għall-Istati Membri għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra r-reati li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tal-objettivi tal-Europol, jenħtieġ li l-Europol tkun tista' twettaq attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni rigward kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, inkluż bl-ipproċessar ta' *data* personali meta jkun meħtieġ u filwaqt li tiżgura rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali. Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet dwar l-iżvilupp ta' għodod ġodda mill-Europol ma jikkostitwixxux bażi ġuridika għall-varar tagħhom fil-livell tal-Unjoni jew nazzjonali.

---

[60] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

[61] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(38) Jenħtieġ li l-Europol ikollha rwol ewlieni fl-assistenza lill-Istati Membri sabiex jiżviluppaw soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda bbażati fuq l-intelliġenza artifiċjali, li jkunu ta' benefiċċju għall-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi madwar l-Unjoni. Il-Europol jenħtieġ li jkollha rwol importanti fil-promozzjoni ta' intelliġenza artifiċjali etika, affidabbli u ffokata fuq il-bniedem soġġetta għal salvagwardji b'saħħithom f'termini ta' sigurtà, ta' sikurezza u tad-drittijiet fundamentali.

(39) Jenħtieġ li l-Europol tinforma lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* qabel it-tnedija tal-proġetti ta' riċerka u ta' innovazzjoni tagħha li jinvolvu l-ipproċessar ta' *data* personali. Għal kull proġett, jenħtieġ li l-Europol twettaq, qabel l-ipproċessar, valutazzjoni tal-impatt tal-operazzjonijiet previsti ta' pproċessar fuq il-protezzjoni ta' *data* personali u fuq id-drittijiet fundamentali l-oħra kollha, inkluż kwalunkwe preġudizzju fl-eżitu. Jenħtieġ li din tinkludi valutazzjoni tal-adegwatezza tad-*data* personali li tkun se tiġi pproċessata għall-fini speċifiku tal-proġett. Tali valutazzjoni tkun tiffaċilita r-rwol superviżorju tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, inkluż l-eżerċizzju tas-setgħat korrettivi tiegħu skont dan ir-Regolament li jistgħu jwasslu wkoll għal projbizzjoni fuq l-ipproċessar. Jenħtieġ li l-iżvilupp ta' għodod ġodda mill-Europol ikun mingħajr preġudizzju għall-bażi ġuridika, li tinkludi r-raġunijiet għall-ipproċessar ta' *data* personali kkonċernata, li sussegwentement tkun meħtieġa għall-varar tagħhom fil-livell tal-Unjoni jew f'dak nazzjonali.

(40) L-għoti lill-Europol ta' għodod u ta' kapaċitajiet addizzjonali jeħtieġ it-tisħiħ tas-sorveljanza demokratika u tal-akkontabilità tal-Europol. L-iskrutinju parlamentari konġunt jikkostitwixxi element importanti ta' monitoraġġ politiku tal-attivitajiet tal-Europol. Sabiex ikun jista' jsir monitoraġġ politiku effettiv tal-mod kif il-Europol tapplika għodod u kapaċitajiet addizzjonali, jenħtieġ li l-Europol tipprovdi informazzjoni annwali lill-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar l-użu ta' dawn l-għodod u l-kapaċitajiet u r-riżultat tagħhom.

(41) Is-servizzi tal-Europol jipprovdu valur miżjud lill-Istati Membri u lill-pajjiżi terzi. Dan jinkludi Stati Membri li ma jieħdux sehem f'miżuri skont it-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-Istati Membri u l-pajjiżi terzi jistgħu jikkontribwixxu għall-baġit tal-Europol fuq il-bażi ta' ftehimiet separati. Għalhekk, jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tirċievi kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi fuq il-bażi ta' ftehimiet finanzjarji fi ħdan l-ambitu tal-objettivi u tal-kompiti tagħha.

(42) Billi l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jappoġġa u jsaħħaħ l-azzjoni mis-servizzi tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni reċiproka tagħhom fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja li taffettwa żewġ Stati Membri jew aktar, it-terroriżmu u l-forom ta' kriminalità li jaffettwaw interess komuni kopert minn politika tal-Unjoni, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista', minflok, minħabba n-natura transkonfinali tal-kriminalità serja u tat-terroriżmu u l-ħtieġa għal rispons koordinat għal theddidiet relatati mas-sigurtà, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

(43) [F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat

dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tieħdu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.] JEW [F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex se tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.]

(44) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex se tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

(45) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat, f'konformità mal-Artikolu 41(2) tar-Regolament (KE) Nru 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u ta opinjoni nhar [...].

(46) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali u d-dritt għall-privatezza kif protetti mill-Artikoli 8 u 7 tal-Karta, kif ukoll mill-Artikolu 16 tat-TFUE. Minħabba l-importanza tal-ipproċessar ta' *data* personali għall-ħidma tal-infurzar tal-liġi b'mod ġenerali, u għall-appoġġ ipprovdut mill-Europol b'mod partikolari, dan ir-Regolament jinkludi salvagwardji effettivi sabiex tiġi żgurata konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Kwalunkwe pproċessar ta' *data* personali skont dan ir-Regolament huwa limitat għal dak li huwa strettament meħtieġ u proporzjonat, u soġġett għal kundizzjonijiet ċari, għal rekwiżiti stretti u għal superviżjoni effettiva mill-KEPD.

(47) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) 2016/794 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2016/794 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassru l-punti (h) sa (k) u l-punti (m), (n) u (o);

(b) il-punt (p) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(p) "*data* personali amministrattiva" tfisser id-*data* personali kollha pproċessata mill-Europol minbarra d-*data* operazzjonali;";

(c) jiżdied il-punt (q) li ġej:

"(q) "fajl ta' każ investigattiv" tfisser sett ta' *data* jew settijiet ta' *data* multipli li Stat Membru, l-UPPE jew pajjiż terz jikseb fil-kuntest ta' investigazzjoni kriminali kurrenti, f'konformità mar-rekwiżiti u mas-salvagwardji proċedurali skont il-liġi kriminali nazzjonali applikabbli, u sottomessi lill-Europol b'appoġġ ta' dik l-investigazzjoni kriminali."

(2) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(ii) il-punt (h) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(h) tappoġġa attivitajiet transkonfinali ta' skambju ta' informazzjoni, operazzjonijiet u investigazzjonijiet tal-Istati Membri, kif ukoll l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunta, u l-unitajiet ta' intervent speċjali, inkluż billi tipprovdi appoġġ operazzjonali, tekniku u finanzjarju;";

(ii) il-punt (j) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(j) tikkoopera mal-korpi tal-Unjoni stabbiliti fuq il-bażi tat-Titolu V tat-TFUE u mal-OLAF u mal-ENISA, b'mod partikolari permezz ta' skambji ta' informazzjoni u billi tipprovdilhom appoġġ analitiku fl-oqsma li jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tagħhom;";

(iii) il-punt (m) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(m) tappoġġa l-azzjonijiet tal-Istati Membri fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-forom ta' kriminalità elenkati fl-Anness I li huma ffaċilitati, promossi jew li jitwettqu bl-użu tal-internet, inkluż, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, il-koordinazzjoni tar-rispons tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għaċ-ċiberattakki, it-tħasir ta' kontenut terroristiku online, u s-sottomissjoni ta' riferimenti għal kontenut tal-internet, li permezz tagħhom dawn jiġu ffaċilitati, promossi jew jitwettqu t-tali forom ta' kriminalità, lill-fornituri ta' servizzi online kkonċernati għall-kunsiderazzjoni volontarja tagħhom tal-kompatibbiltà tal-kontenut fuq l-internet imsemmi mat-termini u mal-kundizzjonijiet tagħhom stess;";

(iv) jiżdiedu l-punti (q) sa (r) li ġejjin:

"(q) tappoġġa lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni ta' persuni li l-involviment tagħhom f'reati li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tal-Europol, kif elenkati fl-Anness I, jikkostitwixxu riskju għoli għas-sigurtà, u tiffaċilita investigazzjonijiet konġunti, koordinati u prijoritizzati;

(r) iddaħħal *data* fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, wara konsultazzjoni mal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament, u taħt awtorizzazzjoni mid-Direttur Eżekuttiv tal-Europol, dwar l-involviment suspettat ta' ċittadin ta' pajjiż terz f'reat li fir-rigward tiegħu l-Europol tkun kompetenti u li tkun konxja tiegħu fuq il-bażi tal-informazzjoni riċevuta mingħand pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 17(1)(b);

(s) tappoġġa l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ skont ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013 fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-objettivi tal-Europol kif stabbilit fl-Artikolu 3;

(t) tissorvelja u tikkontribwixxi b'mod proattiv għall-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni rilevanti sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, tappoġġa l-attivitajiet relatati tal-Istati Membri, u timplimenta l-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni tiegħu rigward kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, inklużi l-iżvilupp, it-taħriġ, l-ittestjar u l-validazzjoni tal-algoritmi għall-iżvilupp tal-għodod.

(u) tappoġġa l-azzjonijiet tal-Istati Membri fil-prevenzjoni tat-tixrid ta' kontenut online relatat mat-terroriżmu jew mal-estremiżmu vjolenti f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, li jirriżulta minn avveniment kurrenti jew riċenti fid-dinja reali, juri ħsara għall-ħajja jew għall-integrità fiżika jew jinstiga l-ħsara imminenti għall-ħajja jew għall-integrità fiżika, u li jkollu l-għan jew l-effett li jintimida b'mod serju lil popolazzjoni, u meta jkun hemm potenzjal antiċipat għal multiplikazzjoni u għal viralità esponenzjali bejn diversi fornituri ta' servizzi online.

_____

* Ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56).";

(b) fil-paragrafu 2, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-Europol għandha tassisti wkoll fl-implimentazzjoni operazzjonali ta' dawk il-prijoritajiet, b'mod partikolari fil-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali, inkluż billi tiffaċilita u tipprovdi appoġġ amministrattiv, loġistiku, finanzjarju u operazzjonali lill-attivitajiet operazzjonali u strateġiċi mmexxija mill-Istati Membri.";

(c) fil-paragrafu 3, tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Il-Europol għandha tipprovdi wkoll analiżi tal-valutazzjoni tat-theddidiet b'appoġġ tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fit-twettiq tal-valutazzjonijiet tar-riskju.";

(d) jiddaħħlu l-paragrafi 4a u 4b li ġejjin:

"4a. Il-Europol għandha tassisti lill-Kummissjoni fl-identifikazzjoni tat-temi ewlenin ta' riċerka, fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-programmi qafas tal-Unjoni għall-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni li huma rilevanti sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3. Meta l-Europol tassisti lill-Kummissjoni fl-identifikazzjoni ta' temi ewlenin ta' riċerka, fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' programm qafas tal-Unjoni, l-Aġenzija ma għandhiex tirċievi finanzjament minn dak il-programm.

4b. Il-Europol għandha tappoġġa l-iskrinjar ta' każijiet speċifiċi ta' investimenti diretti barranin fl-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* li jikkonċernaw impriżi li jipprovdu teknoloġiji użati jew li qed jiġu żviluppati mill-Europol jew mill-Istati Membri għall-prevenzjoni u għall-investigazzjoni ta' reati koperti mill-Artikolu 3 dwar l-implikazzjonijiet mistennija għas-sigurtà.

---

* Ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni (ĠU L 79I , 21.3.2019, p. 1)."

(e) fil-paragrafu 5 tiżdied is-sentenza li ġejja:

"il-persunal tal-Europol jista' jassisti lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, fuq talba tagħhom u f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, fit-teħid ta' miżuri investigattivi."

(3) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. F'każijiet speċifiċi li fihom l-Europol tqis li jenħtieġ li tinbeda investigazzjoni kriminali dwar reat li jaqa' fl-ambitu tal-objettivi tagħha, hija għandha titlob lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jew tal-Istati Membri kkonċernati permezz tal-unitajiet nazzjonali sabiex jibdew, iwettqu jew jikkoordinaw investigazzjoni kriminali bħal din."

(4) Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-unitajiet tal-intelligence finanzjarja tagħhom stabbiliti skont id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* jitħallew jikkooperaw mal-Europol f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**, b'mod partikolari permezz tal-unità nazzjonali tagħhom

rigward l-informazzjoni u l-analiżijiet finanzjarji, fi ħdan il-limiti tal-mandat u tal-kompetenza tagħhom.

---

* Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

** Id-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 122)."

(5) L-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (d) huwa sostitwit bit-test li ġej:

"(d) jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Europol, korpi oħra tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali u partijiet privati;"

(ii) jiżdiedu l-punti (e) u (f) li ġejjin:

"(e) ir-riċerka u l-innovazzjoni rigward kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament għall-iżvilupp, għat-taħriġ, għall-ittestjar u għall-validazzjoni tal-algoritmi għall-iżvilupp tal-għodod;

(f) l-għoti ta' appoġġ lill-Istati Membri sabiex jinformaw lill-pubbliku dwar persuni suspettati jew misjuba ħatja li jkunu mfittxija fuq il-bażi ta' deċiżjoni ġudizzjarja nazzjonali relatata ma' reat kriminali li fir-rigward tiegħu tkun kompetenti l-Europol, u jiġi ffaċilitat l-għoti ta' informazzjoni mill-pubbliku dwar dawn l-individwi."

(b) jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:

"3a. L-ipproċessar ta' *data* personali għall-finijiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni kif imsemmi fil-punt (e) tal-paragrafu 2 għandu jitwettaq permezz tal-proġetti ta' riċerka u ta' innovazzjoni tal-Europol b'objettivi, b'durata u b'ambitu definiti b'mod ċar tal-ipproċessar ta' *data* personali involut, li fir-rigward tagħhom għandhom ikunu japplikaw is-salvagwardji speċifiċi addizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 33a."

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(4) u għall-Artikolu 18a, il-kategoriji ta' *data* personali u l-kategoriji tas-suġġetti tad-*data* li d-*data* tagħhom tista' tinġabar u tiġi pproċessata għal kull skop imsemmi fil-paragrafu 2 huma elenkati fl-Anness II."

(d) jiddaħħal il-paragrafu 5a li ġej:

"5a. Qabel l-ipproċessar tad-*data* taħt il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-Europol tista' tipproċessa temporanjament *data* personali riċevuta skont l-Artikolu 17(1) u (2) sabiex tiddetermina jekk tali *data* tikkonformax mar-rekwiżiti tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, inkluż billi tivverifika d-*data* mad-*data* kollha li l-Europol diġà qed tipproċessa f'konformità mal-paragrafu 5.

Il-Bord ta' Amministrazzjoni, li jaġixxi fuq proposta mid-Direttur Eżekuttiv u wara li jikkonsulta lill-KEPD, għandu jispeċifika ulterjorment il-kundizzjonijiet relatati mal-ipproċessar ta' din id-*data*.

Il-Europol tista' tipproċessa *data* personali biss skont dan il-paragrafu għal perijodu massimu ta' sena, jew f'każijiet ġustifikati għal perijodu itwal bl-awtorizzazzjoni minn qabel tal-KEPD, meta dan ikun meħtieġ għall-fini ta' dan l-Artikolu. Meta r-riżultat tal-ipproċessar jindika li d-*data* personali ma tikkonformax mar-rekwiżiti tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, il-Europol għandha tħassar dik id-*data* u tinforma lill-fornitur tad-*data* dwar dan."

(6) Jiddaħħal l-Artikolu 18a li ġej:

"Artikolu 18a

Ipproċessar ta' informazzjoni b'appoġġ ta' investigazzjoni kriminali

1. Meta dan ikun meħtieġ għall-appoġġ ta' investigazzjoni kriminali speċifika, il-Europol tista' tipproċessa *data* personali barra mill-kategoriji tas-suġġetti tad-*data* elenkati fl-Anness II meta:

(a) Stat Membru jew l-UPPE jipprovdi fajl ta' każ investigattiv lill-Europol skont il-punt (a) tal-Artikolu 17(1) għall-fini ta' analiżi operazzjonali b'appoġġ ta' dik l-investigazzjoni kriminali speċifika fi ħdan il-mandat tal-Europol skont il-punt (c) tal-Artikolu 18(2); u

(b) il-Europol tivvaluta li ma jkunx possibbli li titwettaq l-analiżi operazzjonali tal-fajl ta' każ investigattiv mingħajr l-ipproċessar ta' *data* personali li ma tikkonformax mar-rekwiżiti tal-Artikolu 18(5). Din il-valutazzjoni għandha tiġi rreġistrata.

2. Il-Europol tista' tipproċessa *data* personali li tkun tinsab f'każ investigattiv sakemm din tkun tappoġġa l-investigazzjoni kriminali speċifika kurrenti li għaliha l-fajl ta' każ investigattiv ikun ġie pprovdut minn Stat Membru jew mill-UPPE f'konformità mal-paragrafu 1, u biss għall-fini ta' appoġġ ta' dik l-investigazzjoni.

Il-Bord ta' Amministrazzjoni, li jaġixxi fuq proposta mid-Direttur Eżekuttiv u wara li jikkonsulta lill-KEPD, għandu jispeċifika ulterjorment il-kundizzjonijiet relatati mal-ipproċessar ta' din id-*data*.

Mingħajr preġudizzju għall-ipproċessar ta' *data* personali skont l-Artikolu 18(5a), id-*data* personali barra mill-kategoriji tas-suġġetti tad-*data* elenkati fl-Anness II għandha tkun funzjonalment separata minn *data* oħra u jista' jkun hemm aċċess għaliha biss meta dan ikun meħtieġ għall-appoġġ tal-investigazzjoni kriminali speċifika li għaliha tkun ġiet ipprovduta.

3. Fuq talba tal-Istat Membru jew tal-UPPE li jkun ipprovda fajl ta' każ investigattiv lill-Europol skont il-paragrafu 1, il-Europol tista' taħżen dak il-fajl ta' każ investigattiv u l-eżitu tal-analiżi operazzjonali tagħha lil hinn mill-perijodu ta' ħżin stabbilit fil-paragrafu 2, għall-iskop uniku li tiżgura l-veraċità, l-affidabbiltà u t-traċċabbiltà tal-proċess ta' intelligence kriminali, u biss sakemm il-proċedimenti ġudizzjarji relatati ma' dik l-investigazzjoni kriminali jkunu għadhom għaddejjin f'dak l-Istat Membru.

Dak l-Istat Membru jista' jitlob ukoll lill-Europol sabiex taħżen il-fajl ta' każ investigattiv u l-eżitu tal-analiżi operazzjonali tagħha lil hinn mill-perijodu ta' ħżin stabbilit fil-paragrafu 2 bl-għan li tiżgura l-veraċità, l-affidabbiltà u t-traċċabbiltà tal-proċess ta' intelligence kriminali, u biss sakemm il-proċedimenti ġudizzjarji wara investigazzjoni kriminali relatata jkunu għadhom għaddejjin fi Stat Membru ieħor.

Il-Bord ta' Amministrazzjoni, li jaġixxi fuq proposta mid-Direttur Eżekuttiv u wara li jikkonsulta lill-KEPD, għandu jispeċifika ulterjorment il-kundizzjonijiet relatati mal-ipproċessar ta' din id-*data*. Din id-*data* personali għandha tiġi sseparata funzjonalment minn *data* oħra u jista' jkun hemm aċċess għaliha biss meta dan ikun meħtieġ għall-fini li jiġu żgurati l-veraċità, l-affidabbiltà u t-traċċabbiltà tal-proċess tal-intelligence kriminali.

4. Il-paragrafi 1 sa 3 għandhom japplikaw ukoll meta l-Europol tirċievi *data* personali mingħand pajjiż terz li miegħu jkun hemm ftehim konklużjew fuq il-bażi tal-Artikolu 23 tad-Deċiżjoni 2009/371/ĠAI f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 25(1) ta' dan ir-Regolament jew fuq il-bażi tal-Artikolu 218 tat-TFUE f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 25(1) ta' dan ir-Regolament, jew li jkun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' adegwatezza kif imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 25(1) ta' dan ir-Regolament, u t-tali pajjiż terz jipprovdi fajl ta' każ investigattiv lill-Europol għal analiżi operazzjonali li tappoġġa l-investigazzjoni kriminali speċifika fi Stat Membru jew fi Stati Membri li l-Europol tappoġġa. Meta pajjiż terz jipprovdi fajl ta' każ investigattiv lill-Europol, il-KEPD għandu jiġi informat. Il-Europol għandha tivverifika li l-ammont ta' *data* personali ma jkunx manifestament sproporzjonat fir-rigward tal-investigazzjoni speċifika fi Stat Membru li l-Europol tappoġġa, u li ma jkun hemm l-ebda element oġġettiv li jindika li l-fajl ta' każ inkiseb mill-pajjiż terz bi ksur ċar tad-drittijiet fundamentali. Meta l-Europol jew il-KEPD jasal għall-konklużjoni li jkun hemm indikazzjonijiet preliminari li tali *data* tkun sproporzjonata jew miġbura bi ksur tad-drittijiet fundamentali, il-Europol ma għandhiex tipproċessaha. Id-*data* pproċessata skont dan il-paragrafu tista' tiġi aċċessata biss mill-Europol meta dan ikun meħtieġ għall-appoġġ tal-investigazzjoni kriminali speċifika fi Stat Membru jew fi Stati Membri. Din għandha tiġi kondiviża biss fi ħdan l-Unjoni.";

(7) L-Artikolu 20 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. Fil-qafas tat-twettiq ta' proġetti speċifiċi ta' analiżi operazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 18(3), l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw l-informazzjoni li għandha ssir direttament aċċessibbli mill-Europol għal Stati Membri oħra magħżula għall-fini ta' kollaborazzjoni msaħħa f'investigazzjonijiet speċifiċi, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe restrizzjoni tal-Artikolu 19(2).";

(b) fil-paragrafu 3, il-faża introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"3. F'konformità mal-liġi nazzjonali, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 2a għandha tiġi aċċessata u pproċessata ulterjorment mill-Istati Membri biss għall-fini tal-prevenzjoni u tal-ġlieda kontra dawn li ġejjin, u għall-proċedimenti ġudizzjarji relatati magħhom:";

(c) jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Meta l-liġi nazzjonali tippermetti lill-persunal tal-Europol jixhed fatti li jkun sar jaf bihom fil-qadi ta' dmirijietu jew fl-eżerċizzju tal-attivitajiet tiegħu, huwa biss il-persunal tal-Europol awtorizzat mid-Direttur Eżekuttiv sabiex jagħmel dan li għandu jkun jista' jixhed fi proċedimenti ġudizzjarji fl-Istati Membri.";

(8) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 20a li ġej:

"Artikolu 20a

Relazzjonijiet mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

1. Il-Europol għandha tistabbilixxi u żżomm relazzjoni mill-qrib mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE). Fil-qafas ta' dik ir-relazzjoni, il-Europol u l-UPPE għandhom jaġixxu fi ħdan il-mandat u l-kompetenzi rispettivi tagħhom. Għal dan l-għan, huma għandhom jikkonkludu arranġament ta' ħidma li jistabbilixxi l-modalitajiet tal-kooperazzjoni tagħhom.

2. Il-Europol għandha tappoġġa b'mod attiv l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tal-UPPE u tikkoopera miegħu, b'mod partikolari permezz ta' skambji ta' informazzjoni u billi tipprovdi appoġġ analitiku.

3. Il-Europol għandha tieħu l-miżuri xierqa kollha sabiex tippermetti lill-UPPE jkollu aċċess indirett għall-informazzjoni pprovduta għall-finijiet tal-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 18(2) fuq il-bażi ta' sistema ta' hit/no hit. L-Artikolu 21 għandu japplika *mutatis mutandis* bl-eċċezzjoni tal-paragrafu 2 tiegħu.

4. Il-Europol, mingħajr dewmien żejjed, għandha tirrapporta lill-UPPE kull imġiba kriminali li fir-rigward tagħha l-UPPE jista' jeżerċita l-kompetenza tiegħu."

(9) Fl-Artikolu 21, jiżdied il-paragrafu 8 kif ġej:

"8. Jekk matul l-attivitajiet ta' pproċessar ta' informazzjoni fir-rigward ta' investigazzjoni individwali jew ta' proġett speċifiku l-Europol tidentifika informazzjoni rilevanti għal attività illegali possibbli li taffettwa l-interess finanzjarju tal-Unjoni, il-Europol għandha fuq inizjattiva tagħha stess, u mingħajr dewmien żejjed, tipprovdi lill-OLAF b'dik l-informazzjoni."

(10) L-Artikolu 24 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 24

Trażmissjoni ta' *data* personali operazzjonali lill-istituzzjonijiet, lill-korpi, lill-uffiċċji u lill-aġenziji tal-Unjoni

1. Soġġett għal kwalunkwe restrizzjoni ulterjuri skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari skont l-Artikolu 19(2) u (3) u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 67, il-Europol għandha tittrażmetti biss *data* personali operazzjonali lil istituzzjoni, lil korp, lil uffiċċju jew lil aġenzija oħra tal-Unjoni jekk id-*data* tkun meħtieġa għat-twettiq leġittimu tal-kompiti tal-istituzzjoni, tal-korp, tal-uffiċċju jew tal-aġenzija l-oħra tal-Unjoni.

2. Meta d-*data* personali operazzjonali tiġi trażmessa wara talba minn istituzzjoni, minn korp, minn uffiċċju jew minn aġenzija oħra tal-Unjoni, kemm il-kontrollur kif ukoll ir-riċevitur għandhom jerfgħu r-responsabbiltà għal-legalità ta' dik it-trażmissjoni.

Il-Europol għandha tivverifika l-kompetenza tal-istituzzjoni, tal-korp, tal-uffiċċju jew tal-aġenzija l-oħra tal-Unjoni. Jekk jinqalgħu dubji dwar din il-ħtieġa tat-trażmissjoni tad-*data* personali, il-Europol għandha tfittex aktar informazzjoni mingħand ir-riċevitur.

L-istituzzjoni, il-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija riċevitriċi tal-Unjoni għandhom jiżguraw li n-neċessità tat-trażmissjoni tad-*data* personali operazzjonali tkun tista' tiġi vverifikata sussegwentement.

3. L-istituzzjoni, il-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija riċevitriċi tal-Unjoni għandha tipproċessa d-*data* personali operazzjonali biss għall-finijiet li għalihom tkun ġiet trażmessa."

(11) L-Artikolu 25 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 5, il-frażi introduttorja hija ssostitwita b'dan li ġej:

"B'deroga mill-paragrafu 1, id-Direttur Eżekuttiv jista' jawtorizza t-trasferiment jew il-kategoriji ta' trasferimenti ta' *data* personali lil pajjiżi terzi jew lil organizzazzjonijiet internazzjonali fuq bażi ta' każ b'każ jekk it-trasferiment ikun, jew jekk it-trasferimenti relatati jkunu:";

(b) Fil-paragrafu 8 titħassar is-sentenza li ġejja:

"Meta trasferiment ikun ibbażat fuq il-paragrafu 5, trasferiment bħal dan għandu jkun dokumentat u d-dokumentazzjoni għandha tkun disponibbli għall-KEPD meta jitlobha. Id-dokumentazzjoni għandha tinkludi rekord tad-*data* u tal-ħin tat-trasferiment, u informazzjoni dwar l-awtorità kompetenti riċevitriċi, dwar il-ġustifikazzjoni għat-trasferiment u dwar id-*data* personali operazzjonali trasferita."

(12) L-Artikolu 26 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Europol tista' tirċievi *data* personali direttament mingħand partijiet privati u tipproċessa dik id-*data* personali f'konformità mal-Artikolu 18 sabiex tidentifika l-unitajiet nazzjonali kkonċernati kollha, kif imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1. Il-Europol għandha tibgħat id-*data* personali u kwalunkwe riżultat rilevanti mill-ipproċessar ta' dik id-*data* meħtieġa għall-fini li tiġi stabbilita ġurisdizzjoni minnufih għall-unitajiet nazzjonali kkonċernati. Il-Europol tista' tgħaddi d-*data* personali u r-riżultati rilevanti mill-ipproċessar ta' dik id-*data* meħtieġa għall-fini li tiġi stabbilita ġurisdizzjoni f'konformità mal-Artikolu 25 lill-punti ta' kuntatt u lill-awtoritajiet ikkonċernati kif imsemmi fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 1. Ladarba l-Europol tkun identifikat u bagħtet id-*data* personali rilevanti lill-unitajiet nazzjonali rispettivi kkonċernati kollha; jew ma jkunx possibbli li jiġu identifikati aktar unitajiet nazzjonali kkonċernati, hija għandha tħassar id-*data*, sakemm unità nazzjonali, punt ta' kuntatt jew awtorità kkonċernata ma tissottomettix mill-ġdid id-*data* personali lill-Europol f'konformità mal-Artikolu 19(1) fi żmien erba' xhur minn meta jseħħ it-trasferiment."

(b) il-paragrafu 4 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"4. Jekk il-Europol tirċievi *data* personali minn parti privata f'pajjiż terz, il-Europol tista' tgħaddi dik id-*data* biss lil Stat Membru, jew lil pajjiż terz ikkonċernat li miegħu jkun ġie konkluż ftehim fuq il-bażi tal-Artikolu 23 tad-Deċiżjoni 2009/371/ĠAI jew fuq il-bażi tal-Artikolu 218 tat-TFUE jew li jkun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' adegwatezza kif imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 25(1) ta' dan Regolament. Meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 5 u 6 tal-Artikolu 25, il-Europol tista' tittrasferixxi r-riżultat tal-analiżi u tal-verifika tagħha ta' din id-*data* lill-pajjiż terz ikkonċernat."

(c) il-paragrafi 5 u 6 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"5. Il-Europol tista' tittrażmetti jew tittrasferixxi *data* personali lil partijiet privati fuq bażi ta' każ b'każ, meta dan ikun strettament meħtieġ, u soġġetta għal kwalunkwe restrizzjoni possibbli stipulata skont l-Artikolu 19(2) jew (3) u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 67, fil-każijiet li ġejjin:

(a) it-trażmissjoni jew it-trasferiment ikun bla dubju fl-interess tas-suġġett tad-*data*, u jew is-suġġett tad-*data* jkun ta l-kunsens tiegħu; jew

(b) it-trasmissjoni jew it-trasferiment ikun assolutament meħtieġ fl-interess tal-prevenzjoni tat-twettiq imminenti ta' reat, li jinkludi terroriżmu, li għalih tkun kompetenti l-Europol; jew

(c) it-trażmissjoni jew it-trasferiment ta' *data* personali li tkun disponibbli pubblikament tkun strettament meħtieġa għat-twettiq tal-kompitu stabbilit fil-punt (m) tal-Artikolu 4(1) u jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) it-trażmissjoni jew it-trasferiment jikkonċerna każ individwali u speċifiku;

(ii) ma jkunx hemm drittijiet u libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data* kkonċernati prevalenti fuq l-interess pubbliku li jkunu jeħtieġu t-trażmissjoni jew it-trasferiment fil-każ inkwistjoni; jew

(d) it-trażmissjoni jew it-trasferiment ta' *data* personali jkun strettament meħtieġ għall-Europol sabiex tinforma lil dik il-parti privata li l-informazzjoni riċevuta ma tkunx biżżejjed sabiex il-Europol tkun tista' tidentifika l-unitajiet nazzjonali kkonċernati, u jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) it-trażmissjoni jew it-trasferiment isegwi riċevuta ta' *data* personali direttament mingħand parti privata f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

(ii) l-informazzjoni nieqsa, li l-Europol tista' tirreferi għaliha f'dawn in-notifiki, ikollha rabta ċara mal-informazzjoni li qabel kienet ġiet kondiviża minn dik il-parti privata;

(iii) l-informazzjoni nieqsa, li l-Europol tista' tirreferi għaliha f'dawn in-notifiki, tkun strettament limitata għal dik li tkun meħtieġa sabiex il-Europol tidentifika l-unitajiet nazzjonali kkonċernati.

6. Fir-rigward tal-punti (a), (b) u (d) tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, jekk il-parti privata kkonċernata ma tkunx stabbilita fi ħdan l-Unjoni jew f'pajjiż li miegħu l-Europol ikollha ftehim ta' kooperazzjoni li jippermetti l-iskambju ta' *data* personali, li miegħu l-Unjoni tkun ikkonkludiet ftehim internazzjonali skont l-Artikolu 218 tat-TFUE jew li jkun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' adegwatezza kif imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 25(1) ta' dan ir-Regolament, it-trasferiment għandu jiġi awtorizzat biss mid-Direttur Eżekuttiv jekk it-trasferiment ikun:

(a) meħtieġ sabiex ikunu protetti l-interessi vitali tas-suġġett tad-*data* jew ta' persuna oħra; jew

(b) meħtieġ sabiex jitħarsu l-interessi leġittimi tas-suġġett tad-*data*; jew

(c) essenzjali għall-prevenzjoni ta' theddida immedjata u serja għas-sigurtà pubblika ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz; jew

(d) meħtieġ f'każijiet individwali għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-investigazzjoni, tad-detezzjoni jew tal-prosekuzzjoni ta' reati kriminali li għalihom tkun kompetenti l-Europol; jew

(e) meħtieġ f'każijiet individwali għall-istabbiliment, għall-eżerċizzju jew għad-difiża ta' talbiet legali relatati mal-prevenzjoni, mal-investigazzjoni, mad-detezzjoni jew mal-prosekuzzjoni ta' reat kriminali speċifiku li għalih tkun kompetenti l-Europol.

Id-*data* personali ma għandhiex tiġi ttrasferita jekk id-Direttur Eżekuttiv jiddetermina li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-*data* kkonċernat ikunu prevalenti fuq l-interess pubbliku fit-trasferiment imsemmi fil-punti (d) u (e).

It-trasferimenti ma għandhomx ikunu sistematiċi, massivi jew strutturali."

(d) jiddaħħlu l-paragrafi 6a u 6b li ġejjin:

“6a. Il-Europol tista’ titlob lill-Istati Membri, permezz tal-unitajiet nazzjonali tagħhom, sabiex jiksbu *data* personali mingħand partijiet privati, li huma stabbiliti jew li għandhom rappreżentant legali fit-territorju tagħhom, skont il-liġijiet applikabbli tagħhom, għall-fini li jikkondividu mal-Europol, bl-kundizzjoni li d-*data* personali mitluba tkun strettament limitata għal dik li tkun meħtieġa għall-Europol bl-għan li tidentifika l-unitajiet nazzjonali kkonċernati.

Irrispettivament mill-ġurisdizzjoni tagħhom fuq ir-reat speċifiku li fir-rigward tiegħu l-Europol tfittex li tidentifika l-unitajiet nazzjonali kkonċernati, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tagħhom ikunu jistgħu jipproċessaw tali talbiet b’mod legali f’konformità mal-liġijiet nazzjonali tagħhom bl-għan li l-Europol tiġi pprovduta bl-informazzjoni meħtieġa sabiex tkun tista’ tilħaq l-objettivi tagħha.

6b. L-infrastruttura tal-Europol tista’ tintuża għal skambji bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-partijiet privati f’konformità mal-liġijiet nazzjonali rispettivi tal-Istati Membri. F’każijiet li fihom l-Istati Membri jużaw din l-infrastruttura għal skambji ta’ *data* personali dwar reati li jaqgħu barra mill-kamp ta’ applikazzjoni tal-objettivi tal-Europol, il-Europol ma għandux ikollha aċċess għal dik id-*data*.”

(e) jitħassru l-paragrafi 9 u 10;

(13) jiddaħħal l-Artikolu 26a li ġej:

“Artikolu 26a

Skambji ta’ *data* personali ma’ partijiet privati f’sitwazzjonijiet ta’ kriżi

1. Il-Europol tista’ tirċievi *data* personali direttament mingħand partijiet privati u tipproċessa dik id-*data* personali f’konformità mal-Artikolu 18 sabiex tipprevjeni t-tixrid ta’ kontenut online relatat mat-terroriżmu jew mal-estremiżmu vjolenti f’sitwazzjonijiet ta’ kriżi kif stabbilit fil-punt (u) tal-Artikolu 4(1).

2. Jekk il-Europol tirċievi *data* personali minn parti privata f’pajjiż terz, il-Europol tista’ tgħaddi dik id-*data* biss lil Stat Membru, jew lil pajjiż terz ikkonċernat li miegħu jkun ġie konkluż ftehim fuq il-bażi tal-Artikolu 23 tad-Deċiżjoni 2009/371/ĠAI jew fuq il-bażi tal-Artikolu 218 tat-TFUE jew li jkun is-suġġett ta’ deċiżjoni ta’ adegwatezza kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 25(1) ta’ dan Regolament. Meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 5 u 6 tal-Artikolu 25, il-Europol tista’ tittrasferixxi r-riżultat tal-analiżi u tal-verifika tagħha ta’ din id-*data* lill-pajjiż terz ikkonċernat.

3. Il-Europol tista’ tittrażmetti jew tittrasferixxi *data* personali lil partijiet privati, fuq bażi ta’ każ b’każ, soġġetta għal kwalunkwe restrizzjoni possibbli stipulata skont l-Artikolu 19(2) jew (3) u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 67, meta t-trażmissjoni jew it-trasferiment ta’ tali *data* jkun strettament meħtieġ għall-prevenzjoni tat-tixrid ta’ kontenut online relatat mat-terroriżmu jew mal-estremiżmu vjolenti kif stabbilit fil-punt (u) tal-Artikolu 4(1), u ma jkunx hemm drittijiet u libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data* kkonċernati prevalenti fuq l-interess pubbliku li jkunu jeħtieġu t-trażmissjoni jew it-trasferiment fil-każ inkwistjoni.

4. Jekk il-parti privata kkonċernata ma tkunx stabbilita fi ħdan l-Unjoni jew f’pajjiż li miegħu l-Europol ikollha ftehim ta’ kooperazzjoni li jippermetti l-iskambju ta’ *data* personali, li miegħu l-Unjoni tkun ikkonkludiet ftehim internazzjonali skont l-Artikolu 218 tat-TFUE jew li jkun is-suġġett ta’ deċiżjoni ta’ adegwatezza kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 25(1) ta’ dan ir-Regolament, it-trasferiment għandu jiġi awtorizzat mid-Direttur Eżekuttiv.

5. Il-Europol tista' titlob lill-Istati Membri, permezz tal-unitajiet nazzjonali tagħhom, sabiex jiksbu *data* personali mingħand partijiet privati, li huma stabbiliti jew li għandhom rappreżentant legali fit-territorju tagħhom, skont il-liġijiet applikabbli tagħhom, għall-fini li jikkondividu mal-Europol, bl-kundizzjoni li d-*data* personali mitluba tkun strettament limitata għal dik li tkun meħtieġa għall-Europol bl-għan li tipprevjeni t-tixrid ta' kontenut online relatat mat-terroriżmu jew mal-estremiżmu vjolenti kif stabbilit fil-punt (u) tal-Artikolu 4(1). Irrispettivament mill-ġurisdizzjoni tagħhom marbuta mat-tixrid tal-kontenut li fir-rigward tiegħu l-Europol titlob id-*data* personali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu jistgħu jipproċessaw tali talbiet b'mod legali f'konformità mal-liġijiet nazzjonali tagħhom bl-għan li l-Europol tiġi pprovduta bl-informazzjoni meħtieġa sabiex tkun tista' tilħaq l-objettivi tagħha.

6. Il-Europol għandha tiżgura li r-rekords dettaljati tat-trasferimenti kollha ta' *data* personali u r-raġunijiet għal tali trasferimenti jiġu rreġistrati f'konformità ma' dan ir-Regolament u kkomunikati fuq talba lill-KEPD skont l-Artikolu 40.

7. Jekk id-*data* personali riċevuta jew li tkun se tiġi ttrasferita taffettwa l-interessi ta' Stat Membru, il-Europol għandha tinforma minnufih lill-unità nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat."

(14) jiddaħħal l-Artikolu 27a li ġej:

"Artikolu 27a

Ipproċessar ta' *data* personali mill-Europol

1. Dan ir-Regolament, l-Artikolu 3 u l-Kapitolu IX tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għandhom japplikaw għall-ipproċessar ta' *data* personali operazzjonali mill-Europol.

Ir-Regolament (UE) 2018/1725, bl-eċċezzjoni tal-Kapitolu IX tiegħu, għandu japplika għall-ipproċessar ta' *data* personali amministrattiva mill-Europol.

2. Ir-referenzi għar-"regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data*" f'dan ir-Regolament għandhom jinftiehmu bħala referenzi għad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-*data* stabbiliti f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) 2018/1725.

3. Ir-referenzi għal "*data* personali" f'dan ir-Regolament għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal "*data* personali operazzjonali", sakemm ma jiġix indikat mod ieħor.

4. Il-Europol għandha tistabbilixxi l-limiti ta' żmien għall-ħżin ta' *data* personali amministrattiva fir-regoli ta' proċedura tagħha.

---

* Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu

ta’ tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).”

(15) jitħassar l-Artikolu 28;

(16) L-Artikolu 30 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, l-ewwel sentenza hija ssostitwita b’dan li ġej:

“2. L-ipproċessar ta’ *data* personali, b’mezzi awtomatizzati jew b’mezzi oħra, li jiżvela l-oriġini razzjali jew etnika, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku jew is-sħubija fi trade union u l-ipproċessar ta’ *data* ġenetika u ta’ *data* bijometrika sabiex tiġi identifikata b’mod uniku persuna fiżika jew *data* dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali jew l-orjentazzjoni sesswali ta’ persuna għandhom ikunu permessi biss meta jkunu strettament meħtieġa u proporzjonati għall-prevenzjoni jew għall-ġlieda kontra reat li jaqa’ fi ħdan l-objettivi tal-Europol u jekk dik id-*data* tissupplimenta *data* personali oħra pproċessata mill-Europol.”;

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel sentenza hija ssostitwita b’dan li ġej:

“Il-Europol biss għandu jkollha aċċess dirett għad-*data* personali kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2, ħlief għall-każijiet deskritti fl-Artikolu 20(2a).”

(c) jitħassar il-paragrafu 4;

(d) il-paragrafu 5 huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“5. Id-*data* personali kif imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhiex tiġi trażmessa lill-Istati Membri, lill-korpi tal-Unjoni, jew ittrasferita lil pajjiżi terzi u lil organizzazzjonijiet internazzjonali sakemm tali trażmissjoni jew trasferiment ma jkunx strettament meħtieġ u proporzjonat f’każijiet individwali li jikkonċernaw reati li jaqgħu fi ħdan l-objettivi tal-Europol u f’konformità mal-Kapitolu V.”;

(17) L-Artikolu 32 huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 32

Sigurtà tal-ipproċessar

Il-Europol u l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi sabiex jiżguraw li l-miżuri ta’ sigurtà msemmija fl-Artikolu 91 tar-Regolament (UE) 2018/1725 jiġu indirizzati bejn il-fruntieri tas-sistema tal-informazzjoni.”;

(18) jitħassar l-Artikolu 33;

(19) jiddaħħal l-Artikolu 33a li ġej:

“Artikolu 33a

L-ipproċessar ta' *data* personali għar-riċerka u għall-innovazzjoni

1. Għall-ipproċessar ta' *data* personali mwettaq permezz tal-proġetti ta' riċerka u ta' innovazzjoni tal-Europol kif imsemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 18(2), għandhom ikunu japplikaw is-salvagwardji addizzjonali li ġejjin:

(a) kwalunkwe proġett għandu jkun soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel mid-Direttur Eżekuttiv, fuq il-bażi ta' deskrizzjoni tal-attività prevista ta' pproċessar li tistabbilixxi l-ħtieġa li tiġi pproċessata *data* personali, bħal pereżempju għall-esplorazzjoni u għall-ittestjar ta' soluzzjonijiet innovattivi u għall-iżgurar tal-akkuratezza tar-riżultati tal-proġetti; deskrizzjoni tad-*data* personali li għandha tiġi pproċessata, deskrizzjoni tal-perijodu ta' żamma u tal-kundizzjonijiet ta' aċċess għad-*data* personali, valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* tar-riskji għad-drittijiet u għall-libertajiet kollha tas-suġġetti tad-*data*, inkluż kwalunkwe preġudizzju fl-eżitu, u l-miżuri previsti sabiex jiġu indirizzati dawk ir-riskji;

(b) (b) il-Bord ta' Amministrazzjoni u l-KEPD għandhom jiġu informati qabel it-tnedija tal-proġett; (c) kwalunkwe *data* personali li għandha tiġi pproċessata fil-kuntest tal-proġett għandha tiġi kkupjata temporanjament għal ambjent ta' pproċessar ta' *data* separat, iżolat u protett fi ħdan il-Europol għall-iskop uniku li jitwettaq dak il-proġett u l-persunal awtorizzat biss tal-Europol għandu jkollu aċċess għal dik id-*data*;

(c) (d) kwalunkwe *data* personali pproċessata fil-kuntest tal-proġett ma għandhiex tiġi trażmessa, ittrasferita jew aċċessata b'xi mod ieħor minn partijiet oħra;

(d) (e) kwalunkwe pproċessar ta' *data* personali fil-kuntest tal-proġett ma għandux iwassal għal miżuri jew deċiżjonijiet li jaffettwaw is-suġġetti tad-*data*;

(e) (f) kwalunkwe *data* personali pproċessata fil-kuntest tal-proġett għandha titħassar ladarba l-proġett jiġi konkluż jew id-*data* personali tkun waslet fi tmiem il-perjodu taż-żamma tagħha f'konformità mal-Artikolu 31;

(f) (g) ir-reġistri tal-ipproċessar ta' *data* personali fil-kuntest tal-proġett għandhom jinżammu għat-tul tal-proġett u sena (1) wara li jkun ġie konkluż il-proġett, għall-iskop biss u sakemm ikunu meħtieġa biss għall-verifika tal-akkuratezza tal-eżitu tal-ipproċessar tad-*data*.

3. Il-Europol għandha żżomm deskrizzjoni sħiħa u dettaljata tal-proċess u tar-raġunament wara t-taħriġ, l-ittestjar u l-validazzjoni tal-algoritmi sabiex tiġi żgurata t-trasparenza u għall-verifika tal-akkuratezza tar-riżultati.";

(20) L-Artikolu 34 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Fil-każ ta' ksur ta' *data* personali, il-Europol għandha tinnotifika mingħajr dewmien lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati dwar dak il-ksur, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(5), kif ukoll lill-fornitur tad-*data* kkonċernata sakemm il-ksur ta' *data* personali ma jkunx probabbli li jirriżulta f'riskju għad-drittijiet u għal-libertajiet tal-persuni fiżiċi.";

(b) jitħassar il-paragrafu 3;

(21) L-Artikolu 35 huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassru l-paragrafi 1 u 2;

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel sentenza hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 93 tar-Regolament 2018/1725, jekk il-Europol ma jkollhiex id-dettalji ta' kuntatt tas-suġġett tad-*data* kkonċernat, hija għandha titlob lill-fornitur tad-*data* sabiex jikkomunika l-ksur ta' *data* personali lis-suġġett tad-*data* kkonċernat u sabiex jinforma lill-Europol dwar id-deċiżjoni meħuda.";

(b) jitħassru l-paragrafi 4 u 5.";

(22) L-Artikolu 36 huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassru l-paragrafi 1 u 2;

(b) il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"3. Kwalunkwe suġġett tad-*data* li jixtieq jeżerċita d-dritt ta' aċċess imsemmi fl-Artikolu 80 tar-Regolament (UE) 2018/1725 għad-*data* personali relatata mas-suġġett tad-*data* jista' jagħmel talba għal dak l-għan, mingħajr ma jġarrab spejjeż eċċessivi, lill-awtorità maħtura għal dak l-għan fl-Istat Membru tal-għażla tiegħu, jew lill-Europol. Meta t-talba ssir lill-awtorità tal-Istat Membru, dik l-awtorità għandha tirreferi t-talba lill-Europol mingħajr dewmien, u fi kwalunkwe każ fi żmien xahar minn meta tirċiviha.";

(c) jitħassru l-paragrafi 6 u 7(1);

(23) L-Artikolu 37 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Kwalunkwe suġġett tad-*data* li jixtieq jeżerċita d-dritt ta' rettifika jew ta' tħassir ta' *data* personali jew ta' restrizzjoni tal-ipproċessar imsemmi fl-Artikolu 82 tar-Regolament (UE) 2018/1725 ta' *data* personali relatata miegħu jista' jagħmel talba għal dak l-għan, permezz tal-awtorità maħtura għal dak l-għan fl-Istat Membru tal-għażla tiegħu, jew lill-Europol. Meta t-talba ssir lill-awtorità tal-Istat Membru, dik l-awtorità għandha tirreferi t-talba lill-Europol mingħajr dewmien, u fi kwalunkwe każ fi żmien xahar minn meta tirċiviha.";

(b) jitħassar il-paragrafu 2;

(c) fil-paragrafu 3, l-ewwel sentenza hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 82(3) tar-Regolament 2018/1725, il-Europol għandha tillimita minflok ma tħassar id-*data* personali kif imsemmi fil-paragrafu 2 jekk ikun hemm motivi raġonevoli sabiex temmen li t-tħassir jista' jaffettwa l-interessi leġittimi tas-suġġett tad-*data*.";

(d) jitħassru l-paragrafi 8 u 9.";

(24) jiddaħħal l-Artikolu 37a li ġej:

"*Artikolu 37a*

Dritt għal restrizzjoni tal-ipproċessar

Meta l-ipproċessar ta' *data* personali jkun ġie ristrett skont l-Artikolu 82(3) tar-Regolament (UE) 2018/1725, tali *data* personali għandha tiġi pproċessata biss għall-protezzjoni tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* jew ta' persuna fiżika jew ġuridika oħra jew għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 82(3) ta' dak ir-Regolament.";

(25) L-Artikolu 38 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"4. Ir-responsabbiltà għall-konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 fir-rigward ta' *data* personali amministrattiva u għall-konformità ma' dan ir-Regolament u mal-Artikolu 3 u mal-Kapitolu IX tar-Regolament (UE) 2018/1725 fir-rigward ta' *data* personali operazzjonali għandha tkun tal-Europol.";

(b) fil-paragrafu 7, it-tielet sentenza hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Is-sigurtà tat-tali skambji għandha tiġi żgurata f'konformità mal-Artikolu 91 tar-Regolament (UE) 2018/1725";

(26) L-Artikolu 39 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 90 tar-Regolament (UE) 2018/1725, kwalunkwe tip ġdid ta' operazzjonijiet ta' pproċessar li jkunu se jitwettqu għandu jkun soġġett għal konsultazzjoni minn qabel mal-KEPD meta jkunu se jiġu pproċessati kategoriji speċjali ta' *data* kif imsemmi fl-Artikolu 30(2) ta' dan ir-Regolament.";

(b) jitħassru l-paragrafi 2 u 3;

(27) Jiddaħħal l-Artikolu 39a li ġej:

"*Artikolu 39a*

Rekords tal-kategoriji ta' attivitajiet ta' pproċessar

1. Il-Europol għandha żżomm rekords tal-kategoriji kollha ta' attivitajiet ta' pproċessar taħt ir-responsabbiltà tagħha. Dak ir-rekord għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) id-dettalji ta' kuntatt tal-Europol u l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tagħha;

(b) il-finijiet tal-ipproċessar;

(c) id-deskrizzjoni tal-kategoriji ta' suġġetti tad-*data* u tal-kategoriji ta' *data* personali;

(d) il-kategoriji ta' riċevituri li lilhom tkun ġiet żvelata jew se tiġi żvelata d-*data* personali inklużi riċevituri f'pajjiżi terzi jew f'organizzazzjonijiet internazzjonali;

(e) fejn applikabbli, trasferimenti ta' *data* personali operazzjonali lil pajjiż terz, lil organizzazzjoni internazzjonali, jew lil parti privata inkluża l-identifikazzjoni ta' dak il-pajjiż terz, dik l-organizzazzjoni internazzjonali jew dik il-parti privata;

(f) fejn ikun possibbli, il-limiti ta' żmien previsti għat-tħassir tal-kategoriji ta' *data* differenti;

(g) fejn ikun possibbli, deskrizzjoni ġenerali tal-miżuri tekniċi u organizzazzjonali ta' sigurtà msemmija fl-Artikolu 91tar-Regolament (UE) 2018/1725.

2. Ir-rekords imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu bil-miktub, inkluż f'forma elettronika.

3. Il-Europol għandha tagħmel ir-rekords imsemmija fil-paragrafu 1 disponibbli għall-KEPD fuq talba.";

(28) L-Artikolu 40 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Reġistrazzjoni"

(b) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. F'konformità mal-Artikolu 88 tar-Regolament (UE) 2018/1725, il-Europol għandha żżomm reġistri tal-operazzjonijiet ta' pproċessar tagħha. Ma għandu jkun hemm l-ebda possibbiltà li r-reġistrazzjonijiet jiġu mmodifikati.";

(c) fil-paragrafu 2, l-ewwel sentenza hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 88 tar-Regolament (UE) 2018/1725, ir-reġistri mħejjija skont il-paragrafu 1, jekk meħtieġa għal investigazzjoni speċifika relatata mal-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*, għandhom jiġu kkomunikati lill-unità nazzjonali kkonċernata.";

(29) L-Artikolu 41 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 41

Ħatra tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data*

1. Il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jaħtar Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data*, li għandu jkun membru tal-persunal maħtur speċifikament għal dan l-għan. Fil-qadi ta' dmirijietu, huwa għandu jaġixxi b'mod indipendenti u ma jista' jirċievi l-ebda struzzjoni.

2. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* għandu jingħażel fuq il-bażi tal-kwalitajiet personali u professjonali tiegħu u, b'mod partikolari, tal-għarfien espert dwar il-protezzjoni tad-*data* u tal-prattiki u tal-ħila li jwettaq il-kompiti tiegħu msemmija f'dan ir-Regolament.

3. L-għażla tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* ma għandhiex tkun soġġetta għal kunflitt ta' interessi bejn id-dmir tiegħu bħala Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* u kwalunkwe dmir uffiċjali ieħor li jista' jkollu, b'mod partikolari fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

4. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* għandu jinħatar għal terminu ta' erba' snin u għandu jkun eliġibbli għall-ħatra mill-ġdid. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* jista' jitneħħa mill-kariga tiegħu mill-Bord Eżekuttiv biss bil-qbil tal-KEPD, jekk huwa ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għat-twettiq ta' dmirijietu

5. Wara l-ħatra tiegħu, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* għandu jiġi rreġistrat mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* mill-Bord ta' Amministrazzjoni

6. Il-Europol għandha tippubblika d-dettalji ta' kuntatt tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* u tikkomunikahom lill-KEPD.";

(30) jiddaħħlu l-Artikoli 41a u 41b li ġejjin:

“Artikolu 41a

Pożizzjoni tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data*

1. Il-Europol għandha tiżgura li l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* jkun involut kif xieraq u mingħajr dewmien fil-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw il-protezzjoni ta’ *data* personali.

2. Il-Europol għandha tappoġġa lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* fit-twettiq tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 41c billi tipprovdilu r-riżorsi u l-persunal meħtieġa sabiex iwettaq dawk il-kompiti u billi tipprovdi aċċess għad-*data* personali u għall-operazzjonijiet ta’ pproċessar, u sabiex iżomm l-għarfien espert tiegħu. Il-persunal relatat jista’ jiġi ssupplimentat minn assistent UPD fil-qasam tal-ipproċessar operazzjonali u amministrattiv tad-*data* personali.

3. Il-Europol għandha tiżgura li l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* ma jirċievi l-ebda struzzjoni dwar l-eżerċizzju ta’ dawk il-kompiti. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* għandu jirrapporta direttament lill-Bord ta’ Amministrazzjoni. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* ma għandux jitkeċċa jew jiġi ppenalizzat mill-Bord ta’ Amministrazzjoni għat-twettiq tal-kompiti tiegħu.

4. Is-suġġetti tad-*data* jistgħu jikkuntattjaw lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha marbuta mal-ipproċessar ta’ *data* personali tagħhom u għall-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2018/1725. L-ebda persuna ma għandha ġġarrab preġudizzju minħabba kwistjoni miġjuba għall-attenzjoni tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* li tallega li jkun seħħ ksur ta’ dan ir-Regolament jew tar-Regolament (UE) 2018/1725.

5. Il-Bord ta’ Amministrazzjoni għandu jadotta regoli ta’ implimentazzjoni ulterjuri dwar l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data*. Dawk ir-regoli ta’ implimentazzjoni għandhom jikkonċernaw b’mod partikolari l-proċedura tal-għażla għall-kariga tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data*, it-tkeċċija, il-kompiti, id-dmirijiet u s-setgħat tiegħu, u s-salvagwardji għall-indipendenza tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data*.

6. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* u l-persunal tiegħu għandhom ikunu marbuta bl-obbligu ta’ kunfidenzjalità f’konformità mal-Artikolu 67(1).

Artikolu 41b

Kompiti tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data*

1. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* għandu, b’mod partikolari, ikollu l-kompiti li ġejjin fir-rigward tal-ipproċessar ta’ *data* personali:

(a) jiżgura b’mod indipendenti l-konformità tal-Europol mad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-*data* ta’ dan ir-Regolament u tar-Regolament (UE) 2018/1725 u mad-dispożizzjonijiet rilevanti dwar il-protezzjoni tad-*data* fir-regoli ta’ proċedura tal-Europol; dan jinkludi l-monitoraġġ tal-konformità ma’ dan ir-Regolament, mar-Regolament 2018/1725, ma’ dispożizzjonijiet oħra tal-Unjoni jew nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-*data* u mal-politiki tal-Europol b’rabta mal-protezzjoni ta’ *data* personali, inklużi l-assenjazzjoni tar-responsabbiltajiet, is-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ tal-persunal involut fl-attivitajiet ta’ pproċessar, u l-awditi relatati.;

b) jinfurma u jagħti pariri lill-Europol u lill-persunal li jipproċessa *data* personali dwar l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, ir-Regolament (UE) 2018/1725 u dispożizzjonijiet oħra tal-Unjoni jew nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-*data*;

c) jipprovdi pariri meta mitlub fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* u jissorvelja l-prestazzjoni tagħha skont l-Artikolu 89 tar-Regolament (UE) 2018/1725;

d) iżomm reġistru ta' ksur ta' *data* personali u jipprovdi pariri meta mitlub fir-rigward tal-ħtieġa ta' notifika jew ta' komunikazzjoni ta' ksur ta' *data* personali skont l-Artikoli 92 u 93 tar-Regolament (UE) 2018/1725;

(e) jiżgura li jinżamm rekord tat-trasferiment u tar-riċevuta ta' *data* personali f'konformità ma' dan ir-Regolament;

(f) jiżgura li s-suġġetti tad-*data* jiġu informati bid-drittijiet tagħhom skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2018/1725 fuq talba tagħhom;

(g) il-kooperazzjoni mal-persunal tal-Europol responsabbli għall-proċeduri, għat-taħriġ u għall-pariri dwar l-ipproċessar tad-*data*;

(h) jikkoopera mal-KEPD;

(i) jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, b'mod partikolari mal-Uffiċjali tal-Protezzjoni tad-*Data* maħtura tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u mal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-*data* fil-qasam tal-infurzar tal-liġi;

(j) jaġixxi bħala l-punt ta' kuntatt għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* dwar kwistjonijiet relatati mal-ipproċessar, inkluża l-konsultazzjoni minn qabel skont l-Artikoli 39 u 90 tar-Regolament (UE) 2018/1725, u jikkonsulta, fejn xieraq, fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni oħra;

(k) iħejji rapport annwali u jikkomunika dak ir-rapport lill-Bord ta' Amministrazzjoni u lill-KEPD;

2. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* għandu jwettaq il-funzjonijiet previsti fir-Regolament (UE) 2018/1725 fir-rigward tad-*data* personali amministrattiva.

3. Fit-twettiq tal-kompiti tiegħu, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* u l-membri tal-persunal tal-Europol li jassistu lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* fit-twettiq ta' dmirijietu għandu jkollhom aċċess għad-*data* kollha pproċessata mill-Europol u għall-bini kollu tal-Europol.

4. Jekk l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* jqis li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, tar-Regolament (UE) 2018/1725 b'rabta mal-ipproċessar ta' *data* personali amministrattiva jew id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew tal-Artikolu 3 u tal-Kapitolu IX tar-Regolament (UE) 2018/1725 dwar l-ipproċessar ta' *data* personali operazzjonali ma jkunux ġew irrispettati, huwa għandu jinforma lid-Direttur Eżekuttiv u għandu jitolbu li jsolvi n-nuqqas ta' konformità fi ħdan żmien speċifikat.

Jekk id-Direttur Eżekuttiv ma jsolvix in-nuqqas ta' konformità tal-ipproċessar fiż-żmien speċifikat, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* għandu jinforma lill-Bord ta' Amministrazzjoni. Il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jwieġeb fi ħdan limitu ta' żmien speċifikat miftiehem mal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data*. Jekk il-Bord ta' Amministrazzjoni ma jsolvix in-nuqqas ta' konformità fi ħdan iż-żmien speċifikat, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* għandu jirreferi l-kwistjoni lill-KEPD.";

(31) Fl-Artikolu 42, il-paragrafi 1 u 2 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. Għall-fini tal-eżerċizzju tal-funzjoni ta' sorveljanza tagħha, l-awtorità superviżorja nazzjonali għandu jkollha aċċess, fl-unità nazzjonali jew fil-bini tal-uffiċjali ta' kollegament, għad-*data* sottomessa mill-Istat Membru tagħha lill-Europol f'konformità mal-proċeduri nazzjonali rilevanti u għar-reġistri kif imsemmi fl-Artikolu 40.

2. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandu jkollhom aċċess għall-uffiċċji u għad-dokumenti tal-uffiċjali ta' kollegament rispettivi tagħhom fil-Europol.";".

(32) L-Artikolu 43 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel sentenza hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Il-KEPD għandu jkun responsabbli għall-monitoraġġ u għall-iżgurar tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament (UE) 2018/1725 dwar il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-Europol, u għall-għoti ta' pariri lill-Europol u lis-suġġetti tad-*data* dwar il-materji kollha li jikkonċernaw l-ipproċessar tad-*data*";

(b) il-paragrafu 5 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-KEPD għandu jfassal rapport annwali dwar l-attivitajiet superviżorji tiegħu fir-rigward tal-Europol. Dak ir-rapport għandu jkun parti mir-rapport annwali tal-KEPD imsemmi fl-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2018/1725. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jiġu mistiedna jagħmlu osservazzjonijiet dwar dan ir-rapport qabel ma dan isir parti mir-rapport annwali. Il-KEPD għandu jieħu kont sħiħ tal-osservazzjonijiet magħmula mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u, fi kwalunkwe każ, għandu jirreferihom fir-rapport annwali.

Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni statistika dwar ilmenti, inkjesti, u investigazzjonijiet, kif ukoll dwar trasferimenti ta' *data* personali lil pajjiżi terzi u lil organizzazzjonijiet internazzjonali, każijiet ta' konsultazzjoni minn qabel, u l-użu tas-setgħat stipulati fil-paragrafu 3.";

(33) fl-Artikolu 44, il-paragrafu 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"2. Fl-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, is-superviżjoni koordinata għandha tiġi żgurata f'konformità mal-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) 2018/1725. Il-KEPD għandu juża l-għarfien espert u l-esperjenza tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali fit-twettiq ta' dmirijietu kif stabbilit fl-Artikolu 43(2). Fit-twettiq ta' spezzjonijiet konġunti flimkien mal-KEPD, il-membri u l-persunal tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom, b'kont meħud tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, ikollhom setgħat ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 43(4) u jkunu marbuta b'obbligu ekwivalenti għal dak stabbilit fl-Artikolu 43(6).";

(34) Jitħassru l-Artikoli 45 u 46;

(35) L-Artikolu 47 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

" 1. Kwalunkwe suġġett tad-*data* għandu jkollu d-dritt li jressaq ilment mal-KEPD jekk huwa jqis li l-ipproċessar mill-Europol ta' *data* personali relatata miegħu ma jikkonformax ma' dan ir-Regolament jew mar-Regolament (UE) 2018/1725.";

(b) fil-paragrafu 2, l-ewwel sentenza hija ssostitwita b'dan li ġej:

“Meta lment ikollu x’jaqsam ma’ deċiżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 36, 37 jew 37a ta’ dan ir-Regolament jew fl-Artikolu 80, 81 jew 82 tar-Regolament (UE) 2018/1725, il-KEPD għandu jikkonsulta lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tal-Istat Membru li pprovda d-*data* jew tal-Istat Membru kkonċernat direttament.”;

(c) jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

“5. Il-KEPD għandu jinforma lis-suġġett tad-*data* dwar il-progress u l-eżitu tal-ilment, kif ukoll dwar il-possibbiltà ta’ rimedju ġudizzjarju skont l-Artikolu 48.”;

(36) L-Artikolu 50 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“Dritt għal kumpens”;

(b) jitħassar il-paragrafu 1;

(c) il-paragrafu 2 huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“2. Kwalunkwe tilwima bejn il-Europol u l-Istati Membri dwar ir-responsabbiltà finali għall-kumpens mogħti lil persuna li tkun ġarrbet dannu materjali jew mhux materjali f’konformità mal-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2018/1725 u mal-liġijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 56 tad-Direttiva (UE) 2016/680 għandha tiġi riferita lill-Bord ta’ Amministrazzjoni, li għandu jiddeċiedi b’maġġoranza ta’ żewġ terzi tal-membri tiegħu, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta’ kontestazzjoni ta’ dik id-deċiżjoni f’konformità mal-Artikolu 263 tat-TFUE.”;.”

(37) L-Artikolu 51 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3 jiżdiedu l-punti (f) sa (i) li ġejjin:

“(f) informazzjoni annwali dwar in-numru ta’ każijiet li fihom il-Europol tkun ħarġet talbiet ta’ segwitu lil partijiet privati jew talbiet fuq inizjattiva proprja lill-Istati Membri ta’ stabbiliment għat-trażmissjoni ta’ *data* personali f’konformità mal-Artikolu 26, inklużi eżempji speċifiċi ta’ każijiet li juru għaliex dawn it-talbiet kienu meħtieġa sabiex il-Europol tilħaq l-objettivi u twettaq il-kompiti tagħha;

(g) informazzjoni annwali dwar in-numru ta’ każijiet li fihom kien meħtieġ li l-Europol tipproċessa *data* personali barra mill-kategoriji tas-suġġetti tad-*data* elenkati fl-Anness II sabiex tappoġġa lill-Istati Membri f’investigazzjoni kriminali speċifika f’konformità mal-Artikolu 18a, inklużi eżempji ta’ każijiet bħal dawn li juru għaliex dan l-ipproċessar tad-*data* kien meħtieġ;

(h) informazzjoni annwali dwar in-numru ta’ każijiet li fihom il-Europol ħarġet allerti fis-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen f’konformità mal-Artikolu 4(1)(r), u n-numru ta’ “hits” li ġġeneraw dawn l-allerti, inklużi eżempji speċifiċi ta’ każijiet li juru għaliex dawn l-allerti kienu meħtieġa għall-Europol sabiex tilħaq l-objettivi u twettaq il-kompiti tagħha;

(i) informazzjoni annwali dwar in-numru ta’ proġetti pilota li fihom il-Europol ipproċessat *data* personali sabiex tħarreġ, tittestja u tivvalida algoritmi għall-iżvilupp ta’ għodod, li jinkludu għodod ibbażati fuq l-AI, għall-infurzar tal-liġi f’konformità mal-Artikolu 33a, inkluża informazzjoni dwar l-iskopijiet ta’ dawn il-proġetti u l-ħtiġijiet ta’ infurzar tal-liġi li huma jfittxu li jindirizzaw.”;

(38) fl-Artikolu 57, il-paragrafu 4 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-Europol tista' tibbenefika minn finanzjament tal-Unjoni fil-forma ta' ftehimiet ta' kontribuzzjoni jew ta' ftehimiet ta' għotja f'konformità mar-regoli finanzjarji tagħha msemmija fl-Artikolu 61 u mad-dispożizzjonijiet tal-istrumenti rilevanti li jappoġġaw il-politiki tal-Unjoni. Jistgħu jiġu riċevuti kontribuzzjonijiet mingħand pajjiżi li magħhom il-Europol jew l-Unjoni jkollha ftehim li jipprovdi għal kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-Europol fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-objettivi u tal-kompiti tal-Europol. L-ammont tal-kontribuzzjoni għandu jiġi ddeterminat fil-ftehim rispettiv.";

(39) L-Artikolu 61 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Europol għandhom jiġu adottati mill-Bord tat-Tmexxija wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni. Dawn ma għandhomx jiddevjaw mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/715, ħlief jekk tali devjazzjoni tkun mitluba speċifikament għall-operat tal-Europol u l-Kummissjoni ma tkun tat il-kunsens tagħha minn qabel."

(b) il-paragrafi 2 u 3 huma ssostitwiti b'dawn li ġejjin:

"2. Il-Europol tista' tagħti għotjiet relatati mal-ilħuq tal-objettivi u mat-twettiq tal-kompiti tagħha kif imsemmi fl-Artikoli 3 u 4.";

3. Il-Europol tista' tagħti għotjiet mingħajr sejħa għal proposti lill-Istati Membri għat-twettiq ta' attivitajiet li jaqgħu taħt l-objettivi u l-kompiti tal-Europol.";

(c) jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:

"3a. Meta jkun debitament ġustifikat għal skopijiet operazzjonali, l-appoġġ finanzjarju jista' jkopri l-ispejjeż kollha ta' investiment tat-tagħmir, tal-infrastruttura jew ta' assi oħra.";

(40) L-Artikolu 67 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 67*

Regoli ta' sigurtà dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata u ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata

1. Il-Europol għandha tadotta r-regoli ta' sigurtà tagħha stess li għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji u r-regoli stabbiliti fir-regoli ta' sigurtà tal-Kummissjoni għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-Unjoni Ewropea (EUCI) u ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata, inklużi, fost l-oħrajn, dispożizzjonijiet għall-iskambju ta' tali informazzjoni ma' pajjiżi terzi, għall-ipproċessar u għall-ħżin ta' tali informazzjoni kif stabbilit fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 (44) u (UE, Euratom) 2015/444 (45). Kwalunkwe arranġament amministrattiv dwar l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata mal-awtoritajiet rilevanti ta' pajjiż terz jew fin-nuqqas ta' tali arranġament, kwalunkwe rilaxx ad hoc eċċezzjonali ta' EUCI lil dawk l-awtoritajiet, għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni.

2. Il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jadotta r-regoli ta' sigurtà tal-Europol wara l-approvazzjoni mill-Kummissjoni. Meta tivvaluta r-regoli ta' sigurtà proposti, il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawn ikunu kompatibbli mad-Deċiżjonijiet (UE, Euratom) 2015/443 u (UE, Euratom) 2015/444."

(41) fl-Artikolu 68, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

“3. Il-Kummissjoni għandha, sa [tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament], tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta l-benefiċċji operazzjonali tal-implimentazzjoni tal-kompetenzi previsti fl-Artikolu 18(2)(e) u (5a), fl-Artikolu 18a, fl-Artikolu 26 u fl-Artikolu 26a fir-rigward tal-objettivi tal-Europol. Ir-rapport għandu jkopri l-impatt ta’ dawk il-kompetenzi fuq id-drittijiet u fuq il-libertajiet fundamentali kif minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f’konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. ARTIKOLU QAFAS TAL-INIZJATTIVA LEĠIŻLATTIVA

1.1. Titolu tal-inizjattiva leġiżlattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2016/794

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Qasam ta' politika: Affarijiet Interni

Attività: Sigurtà

12 10 01 : Europol

1.3. Il-proposta hija marbuta ma'

☐ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[62]

☒ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni ta' azzjoni waħda jew aktar f'azzjoni oħra/f'azzjoni ġdida**

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

Bi tweġiba għal ħtiġijiet operazzjonali urġenti u għat-talbiet mill-koleġiżlaturi għal appoġġ aktar b'saħħtu mill-Europol, il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2020 ħabbar inizjattiva leġiżlattiva sabiex "[jissaħħaħ] ukoll il-mandat tal-Europol sabiex [tissaħħaħ] il-kooperazzjoni operattiva tal-pulizija". Din hija azzjoni importanti tal-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà tal-UE ta' Lulju 2020. F'konformità mas-sejħa tal-Linji Gwida politiċi sabiex "nagħmlu dak kollu li hu possibbli f'dak li għandu x'jaqsam mal-protezzjoni taċ-ċittadini tagħna", l-inizjattiva leġiżlattiva hija mistennija li ssaħħaħ lill-Europol sabiex tgħin lill-Istati Membri jżommu liċ-ċittadini sikuri. Dan l-abbozz ta' proposta tal-Kummissjoni huwa parti mill-pakkett dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu.

L-objettivi ġenerali ta' din l-inizjattiva leġiżlattiva jirriżultaw miż-żewġ għanijiet ibbażati fuq it-Trattat:

1 li l-Europol tappoġġa u ssaħħaħ l-azzjoni mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni reċiproka tagħhom fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja li taffettwa lil żewġ Stati Membri jew aktar, it-terroriżmu u forom oħra ta' kriminalità li jaffettwaw interess komuni kopert minn politika tal-Unjoni[63];

2 li tipprova tiżgura livell għoli ta' sigurtà permezz ta' miżuri għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-kriminalità[64].

[62] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.
[63] L-Artikolu 88 tat-TFUE.
[64] L-Artikolu 67 tat-TFUE.

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

L-objettivi speċifiċi jirriżultaw mill-objettivi ġenerali deskritti hawn fuq:

- Objettiv speċifiku nru 1: il-Europol tkun tista' tikkopera b'mod effettiv mal-partijiet privati.

- Objettiv speċifiku nru 2: l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu jistgħu janalizzaw settijiet ta' *data* kbar u kumplessi sabiex jidentifikaw rabtiet transkonfinali, f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali

- Objettiv speċifiku nru 3: li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw teknoloġiji ġodda għall-infurzar tal-liġi

- Objettiv speċifiku nru 4: il-provvista lill-uffiċjali tal-ewwel linja tar-riżultat tal-analiżi tal-Europol tad-*data* riċevuta mingħand pajjiżi terzi.

- Objettiv speċifiku nru 5: l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni tal-Europol ma' pajjiżi terzi

- Objettiv speċifiku nru 6: it-tisħiħ tal-kapaċità tal-Europol li titlob il-bidu ta' investigazzjonijiet kriminali

Objettiv speċifiku nru 1: li l-Europol tkun tista' tikkopera b'mod effettiv mal-partijiet privati

L-għan huwa li l-Europol tkun tista' tipproċessa d-*data* riċevuta direttament minn partijiet privati, sabiex tiskambja *data* personali ma' partijiet privati sabiex tiġi stabbilita ġurisdizzjoni, kif ukoll sabiex isservi bħala mezz li bih jiġu trażmessi t-talbiet tal-Istati Membri li jkun fihom *data* personali lil partijiet privati

Objettiv speċifiku nru 2: li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu jistgħu janalizzaw settijiet ta' *data* kbar u kumplessi sabiex jidentifikaw rabtiet transkonfinali, f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali.

L-għan huwa li jiġi ċċarat il-mandat tal-Europol b'tali mod li l-Europol tkun tista' twettaq il-mandat tagħha u tappoġġa lill-Istati Membri b'mod effettiv. Dan jikkonċerna r-rwol tal-Europol bħala fornitur ta' servizzi li jittratta *data* relatata mal-kriminalità f'isem l-Istati Membri. Dan jikkonċerna wkoll il-kompitu ewlieni tal-Europol li tanalizza d-*data* personali li tkun irċiviet mingħand l-Istati Membri għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati li jaqgħu taħt il-mandat tal-Europol. Sabiex tagħmel dan f'konformità mar-rekwiżit marbut mal-kategoriji tas-suġġetti tad-*data* elenkati fl-Anness II tar-Regolament dwar il-Europol, l-aġenzija l-ewwel jeħtiġilha tivverifika jekk id-*data* li tkun irċiviet mingħand l-Istati Membri taqax f'dawk il-kategoriji. Jekk iva, il-Europol titħalla tipproċessa d-*data* personali skont il-mandat legali tagħha, inkluż għal azzjoni preventiva u għal intelligence kriminali, filwaqt li tiżgura konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali.

Objettiv speċifiku nru 3: li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw teknoloġiji ġodda għall-infurzar tal-liġi.

B'reazzjoni għan-nuqqasijiet identifikati fil-livell nazzjonali fl-innovazzjoni u fir-riċerka rilevanti għall-infurzar tal-liġi, l-għan huwa li l-Europol tkun tista' tipprovdi appoġġ effettiv lill-Istati Membri dwar l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji ġodda għall-infurzar tal-liġi. Dan

jappoġġa sforzi sabiex jissaħħu s-sovranità teknoloġika u l-awtonomija strateġika tal-UE fil-qasam tas-sigurtà.

Objettiv speċifiku nru 4: il-provvista lill-uffiċjali tal-ewwel linja tar-riżultat tal-analiżi tal-Europol tad-*data* riċevuta mingħand pajjiżi terzi

L-għan huwa li l-uffiċjali tal-ewwel linja jiġu pprovduti bir-riżultat tal-analiżi tal-Europol tad-*data* riċevuta mingħand pajjiżi terzi dwar persuni suspettati u kriminali meta u fejn dan ikun meħtieġ. L-għan sottostanti huwa li l-uffiċjali tal-ewwel linja jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet informati meta jivverifikaw persuna fil-fruntiera esterna jew fi ħdan iż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.

Objettiv speċifiku nru 5: l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni tal-Europol ma' pajjiżi terzi

L-għan huwa li tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni operatzzjonali bejn il-Europol u pajjiżi terzi inkluż it-trasferiment ta' *data* personali meta dan ikun meħtieġ għall-infurzar tal-liġi u għas-sigurtà interna tal-UE, filwaqt li jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tar-raġunijiet legali differenti għat-trasferimenti tad-*data*, filwaqt li tiġi żgurata konformità sħiħa mar-rekwiżiti tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*. B'dak il-mod, il-Europol tkun tista' tappoġġa aħjar lill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi permezz tal-kooperazzjoni tagħha ma' pajjiżi terzi.

Objettiv speċifiku nru 6: it-tisħiħ tal-kapaċità tal-Europol li titlob il-bidu ta' investigazzjonijiet kriminali

L-għan huwa li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Europol li titlob il-bidu ta' investigazzjonijiet kriminali, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll mill-UPPE, u b'rispett sħiħ tal-prerogattivi tal-Istati Membri dwar iż-żamma tal-liġi u tal-ordni u s-salvagwardja tas-sigurtà interna kif ukoll l-indipendenza tal-UPPE. B'dan il-mod, dan l-objettiv se jsaħħaħ ukoll il-kapaċità tal-UPPE li jibda u jwettaq b'mod effettiv investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet kriminali għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu.

1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li jenħtieġ li jkollha l-inizjattiva leġiżlattiva fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

Il-proposta se tkun ta' benefiċċju primarjament **għall-individwi u għas-soċjetà inġenerali** billi ttejjeb il-kapaċità tal-Europol li tappoġġa lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalità u fil-protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE. Iċ-ċittadini se jibbenefikaw direttament u indirettament minn rati aktar baxxi ta' kriminalità, minn danni ekonomiċi mnaqqsa, u minn anqas kostijiet relatati mas-sigurtà. Il-proposta ma fihiex obbligi regolatorji għaċ-ċittadini/għall-konsumaturi, u ma toħloqx kostijiet addizzjonali f'dak ir-rigward.

Il-proposta se toħloq ekonomiji ta' skala għall-**amministrazzjonijiet** peress li se tbiddel l-implikazzjonijiet tar-riżorsi tal-attivitajiet immirati mil-livell nazzjonali għal-livell tal-UE. L-awtoritajiet pubbliċi fl-Istati Membri se jibbenefikaw direttament mill-proposta bis-saħħa tal-ekonomiji ta' skala li jwasslu għall-iffrankar tal-ispejjeż amministrattivi.

Il-proposta se jkollha wkoll impatt pożittiv fuq il-qasam ambjentali peress li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-UE se jkunu jistgħu jiġġieldu r-reati ambjentali b'mod aktar effettiv.

1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

L-indikaturi ewlenin li ġejjin se jippermettu l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tal-prestazzjoni tal-objettivi speċifiċi:

Objettiv speċifiku nru 1: il-Europol tkun tista' tikkopera b'mod effettiv mal-partijiet privati.

- Numru ta' kontribuzzjonijiet riċevuti mingħand partijiet privati
- Numru ta' kontribuzzjonijiet mingħand partijiet privati kondiviżi mal-Istati Membri kkonċernati
- Numru ta' talbiet lill-Istati Membri sabiex jiksbu *data* personali mingħand partijiet privati
- Numru ta' talbiet sabiex it-talbiet tal-Istati Membri jiġu indirizzati lill-privat partijiet

Objettiv speċifiku nru 2: l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu jistgħu janalizzaw settijiet ta' *data* kbar u kumplessi sabiex jidentifikaw rabtiet transkonfinali, f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali

- Numru ta' entitajiet kontroverifikati għall-fini ta' verifika ta' jekk id-*data* riċevuta għandhiex x'taqsam mal-kategoriji speċifiċi ta' suġġetti tad-*data* stabbiliti fl-anness II tar-Regolament dwar il-Europol
- Numru ta' każijiet li fihom jiġu riċevuti volumi kbar ta' *data* personali
- Numru ta' "allerti ta' informazzjoni" maħruġa mill-Europol
- Numru ta' "hits" iġġenerati minn "allerti ta' informazzjoni"

Objettiv speċifiku nru 3: li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw teknoloġiji ġodda għall-infurzar tal-liġi

- Ammont ta' *data* personali pproċessata għall-fini ta' innovazzjoni
- Numru ta' għodod diġitali maħluqa għall-infurzar tal-liġi

Objettiv speċifiku nru 4: il-provvista lill-uffiċjali tal-ewwel linja tar-riżultat tal-analiżi tal-Europol tad-*data* riċevuta mingħand pajjiżi terzi

- Numru ta' evalwazzjonijiet ta' Schengen appoġġati
- Numru ta' "allerti ta' informazzjoni" maħruġa mill-Europol
- Numru ta' "hits" iġġenerati minn "allerti ta' informazzjoni"

Objettiv speċifiku nru 5: l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni tal-Europol ma' pajjiżi terzi

- Numru ta' każijiet li fihom id-*data* personali ġiet trasferita soġġetta għal salvagwardji xierqa jew għal sitwazzjonijiet speċifiċi

Objettiv speċifiku nru 6: it-tisħiħ tal-kapaċità tal-Europol li titlob il-bidu ta' investigazzjonijiet kriminali u tappoġġa lill-UPPE

- Numru ta' talbiet mill-Europol lill-Istati Membri
- Numru ta' tweġibiet pożittivi mill-Istati Membri
- Numru ta' talbiet mill-Europol lill-UPPE
- Numru ta' kontribuzzjonijiet mill-Europol lill-UPPE
- Numru ta' każijiet u ta' investigazzjonijiet tal-UPPE appoġġati
- Numru ta' hits fil-bażi ta' *data* tal-Europol iġġenerati mill-informazzjoni tal-UPPE

Indikaturi marbuta ma' emendi oħra inkluż l-allinjament tal-protezzjoni tad-*data*:-

Numru ta' investigazzjonijiet/operazzjonijiet internazzjonali appoġġati (inkluż fil-qafas ta' Skwadri ta' Investigazzjoni Konġunti[65], Task Forces Operazzjonali[66], u li jinvolvu pajjiżi terzi)

- Numru u ammont ta' Għotjiet ta' Valur Għoli (HVGs) u ta' Għotjiet ta' Valur Baxx (LVGs)
mogħtija
- Numru ta' inċidenti relatati mal-protezzjoni tad-*data* rrapportati u d-Deċiżjonijiet tal-KEPD
- Numru ta' talbiet minn persuni privati lill-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* tal-Europol

F'konformità mal-Artikolu 28 tal-FFR u sabiex tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja soda, il-Europol diġà timmonitorja l-progress fil-kisba tal-objettivi tagħha b'indikaturi tal-prestazzjoni. L-aġenzija bħalissa għandha 35 Indikatur Ewlieni tal-Prestazzjoni, ikkomplementati ulterjorment minn 60 Indikatur tal-Prestazzjoni Korporattiva. Dawn l-indikaturi huma rrapportati fir-Rapport Annwali ta' Attività Konsolidat tal-Europol, li jinkludi monitoraġġ ċar

[65] Skwadra ta' Investigazzjoni Konġunta (SIK) hija għodda ta' koperazzjoni internazzjonali bbażata fuq ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti - kemm ġudizzjarji (imħallfin, prosekuturi, imħallfin investigattivi) kif ukoll tal-infurzar tal-liġi - ta' żewġ Stati jew aktar, stabbilita għal durata limitata u għal skop speċifiku, sabiex twettaq investigazzjonijiet kriminali f'wieħed jew aktar mill-Istati involuti. L-SIK huma għodda effettiva ta' kooperazzjoni li tiffaċilita l-koordinazzjoni ta' investigazzjonijiet u ta' prosekuzzjonijiet immexxija b'mod parallel f'diversi Stati Membri jew f'każijiet b'dimensjoni transkonfinali.

[66] It-Task Force Operazzjonali (OTF) hija grupp temporanju ta' rappreżentanti tal-Istati Membri, ta' Partijiet terzi u tal-Europol u proġett multinazzjonali/multidixxiplinari speċifiku li jikkonsisti f'attivitajiet ta' intelligence u investigattivi fir-rigward ta' Miri speċifiċi ta' Valur Għoli. Mira ta' Valur Għoli (HVT) hija persuna li l-attività kriminali tagħha tissodisfa kriterji speċifiċi ta' riskju u, għalhekk, tikkostitwixxi riskju għoli ta' kriminalità serja u organizzata għal żewġ Stati Membri jew aktar.

tal-mira sal-aħħar tas-sena kif ukoll tqabbil mas-sena ta' qabel. Dawn l-indikaturi se jiġu adattati kif meħtieġ wara l-adozzjoni tal-proposta.

Barra minn hekk, rigward b'mod partikolari l-objettiv speċifiku nru 4 li jipprevedi l-introduzzjoni ta' kategorija ġdida ta' allerti tas-SIS f'ħidma konġunta mal-eu-LISA, l-indikaturi li ġejjin huma identifikati għall-eu-LISA:

- It-tlestija b'suċċess ta' ttestjar komprensiv ta' qabel it-tnedija fil-livell Ċentrali.
- It-tlestija b'suċċess tat-testijiet għas-Sistemi u għall-Aġenziji Nazzjonali kollha tal-Istati Membri
- It-tlestija b'suċċess tat-testijiet SIRENE għall-kategorija l-ġdida

1.5. Raġunijiet għall-inizjattiva leġiżlattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li għandu/għandhom jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew fit-tul inkluża kronoloġija dettaljata għall-prosegwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva leġiżlattiva

It-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva leġiżlattiva teħtieġ miżuri tekniċi u proċedurali fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, li jenħtieġ li jibdew meta tidħol fis-seħħ il-leġiżlazzjoni riveduta. Ir-riżorsi rilevanti – b'mod partikolari r-riżorsi umani – jenħtieġ li jiżdiedu maż-żmien f'konformità maż-żieda fid-domanda għas-servizzi tal-Europol.

Ir-rekwiżiti ewlenin wara d-dħul fis-seħħ tal-proposta huma kif ġej:

Li l-Europol tkun tista' tikkopera b'mod effettiv mal-partijiet privati:

- Li l-kumpaniji jadattaw il-proċeduri interni tagħhom.
- Li l-Europol u l-Istati Membri jaqblu dwar proċedura li tiżgura li t-talbiet tal-Europol ikunu konformi mar-rekwiżiti nazzjonali.
- Li l-Istati Membri jadattaw il-proċedura nazzjonali tagħhom sabiex jiżguraw li jkunu jistgħu jinfurzaw it-talba nazzjonali fuq il-bażi tal-ħtieġa li tinkiseb tali informazzjoni għall-Europol.
- Li l-Europol tistabbilixxi struttura tal-IT sabiex twassal it-talbiet tal-Istati Membri lil partijiet privati.

Li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu jistgħu janalizzaw settijiet ta' *data* kbar u kumplessi sabiex jidentifikaw rabtiet transkonfinali, f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali

- Li l-Europol tiżgura d-disponibbiltà tal-infrastruttura u tal-għarfien espert meħtieġa għall-ipproċessar ta' settijiet ta' *data* kbar u kumplessi b'appoġġ għal investigazzjonijiet kriminali speċifiċi mill-Istati Membri, u li żżomm settijiet ta' *data* bħal dawn meta jkun meħtieġ għal proċedimenti ġudizzjarji fl-Istati Membri

Li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw teknoloġiji ġodda għall-infurzar tal-liġi

- Li l-Europol tiżgura d-disponibbiltà tal-infrastruttura meħtieġa, inkluża l-Pjattaforma tad-Dekriptaġġ, u l-kapaċitajiet li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' innovazzjoni u li tadatta l-proċeduri interni.

Il-provvista lill-uffiċjali tal-ewwel linja tar-riżultat tal-analiżi tal-Europol tad-*data* riċevuta mingħand pajjiżi terzi

- Li l-Istati Membri jaġġornaw is-sistemi nazzjonali tagħhom u l-flussi tax-xogħol ta' SIRENE ("Talba għal Informazzjoni Supplimentari fl-Entrati Nazzjonali") sabiex jippermettu l-introduzzjoni ta' kategorija ġdida ta' allerti fis-SIS.

- Li l-Europol u l-eu-LISA jadattaw is-sistemi tal-IT sabiex jippermettu l-introduzzjoni ta' kategorija ġdida ta' allerti fis-SIS.

L-iffaċilitar tal-kooperazzjoni tal-Europol ma pajjiżi terzi ta' prijorità:

-Li l-Istati Membri u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* jipprovdu gwida u l-aħjar prattiki.

-Li l-Europol tagħmel użu effiċjenti mill-possibbiltajiet għall-iskambju ta' *data* personali ma' pajjiż terz

It-tisħiħ tal-kapaċità tal-Europol li titlob il-bidu ta' investigazzjonijiet kriminali:

-Li l-Europol tallinja l-arranġament ta' ħidma tagħha (negozjati jew konklużi) mal-UPPE, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament emendat dwar il-Europol

-Li l-Europol tirrapporta każijiet suspettati ta' PIF, li tipprovdi informazzjoni rilevanti, appoġġ fuq il-post, analiżi operazzjonali, għarfien espert forensiku u tekniku u taħriġ speċjalizzat, fuq talba tal-UPPE.

-Li l-Europol tadatta l-ipproċessar intern tad-*data* u l-flussi tax-xogħol u l-proċeduri operazzjonali tagħha sabiex tipprovdi l-appoġġ imsemmi hawn fuq lill-UPPE.

-Li l-Europol tagħmel l-arranġamenti meħtieġa tal-IT sabiex tippermetti lill-UPPE jkollu aċċess indirett għall-bażi ta' *data* tal-Europol fuq il-bażi ta' sistema ta' hit/no hit. Li l-FTEs jiżdiedu fl-ewwel snin tal-implimentazzjoni, hekk kif jiżdied il-volum tal-investigazzjonijiet u tal-prosekuzzjonijiet tal-UPPE.

Wara d-dħul fis-seħħ, l-implimentazzjoni tal-attivitajiet se titnieda b'mod gradwali maż-żmien, sabiex issegwi ż-żieda gradwali mistennija fil-flussi tad-*data*, id-domandi għas-servizzi u għall-attivitajiet tal-Europol, kif ukoll iż-żmien meħtieġ għall-assorbiment ta' riżorsi ġodda.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. titjib fil-koordinazzjoni, ċertezza tad-dritt, effettività jew kumplimentarjetajiet akbar). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li huwa addizzjonali għall-valur li inkella kien jinħoloq mill-Istati Membri weħidhom.

Il-kriminalità serja u t-terroriżmu huma ta' natura transnazzjonali. Għalhekk, l-azzjoni fil-livell nazzjonali waħedha ma tistax tirribattihom b'mod effettiv. Din hija r-raġuni għaliex l-Istati Membri jagħżlu li jaħdmu flimkien fil-qafas tal-UE sabiex jindirizzaw it-theddidiet li jirriżultaw mill-kriminalità serja u mit-terroriżmu.

Barra minn hekk, it-theddidiet għas-sigurtà li qed jevolvu, xprunati mill-mod kif il-kriminali jisfruttaw il-vantaġġi li jġibu t-trasformazzjoni diġitali, il-globalizzazzjoni u l-mobilità, jitolbu wkoll appoġġ effettiv fil-livell tal-UE għall-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-

liġi. L-azzjoni tal-UE tipprevedi mod effettiv u effiċjenti sabiex jiżdied l-appoġġ lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu bl-għan li jinżamm il-pass ma' dawn it-theddidiet.

Il-proposta se toħloq ekonomiji ta' skala sinifikanti fil-livell tal-UE, peress li se ċċaqlaq il-kompiti u s-servizzi, li jistgħu jitwettqu b'mod aktar effiċjenti fil-livell tal-UE, mil-livell nazzjonali għall-Europol. Għalhekk, il-proposta tipprevedi soluzzjonijiet effiċjenti għall-isfidi, li kieku jkollhom jiġu indirizzati bi spejjeż ogħla b'27 soluzzjoni nazzjonali individwali, jew għal sfidi li ma jistgħux jiġu indirizzati fil-livell nazzjonali minħabba n-natura transnazzjonali tagħhom.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fil-passat

Il-proposta tibni fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi tas-sigurtà transnazzjonali li qed jevolvu kontinwament fil-Europol lil hinn mil-livell nazzjonali waħdu.

L-Ewropa qed taffaċċja sitwazzjoni ta' sigurtà li ma tiqafx tinbidel, b'theddidiet għas-sigurtà li jevolvu dejjem aktar u dejjem aktar kumplessi. Il-kriminali jisfruttaw il-vantaġġi li jġibu magħhom it-trasformazzjoni diġitali, it-teknoloġiji l-ġodda, il-globalizzazzjoni u l-mobbiltà, inklużi l-interkonnettività u n-nuqqas ta' ċarezza tal-konfini bejn id-dinja fiżika u diġitali. Il-kriżi tal-COVID-19 kompliet tgħarraq is-sitwazzjoni, hekk kif il-kriminali malajr ħatfu l-opportunitajiet sabiex jisfruttaw il-kriżi billi jadattaw il-modi ta' operazzjoni tagħhom jew billi jiżviluppaw attivitajiet kriminali ġodda.

Dawn it-theddidiet għas-sigurtà li qed jevolvu jitolbu appoġġ effettiv fil-livell tal-UE għall-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri għamlu dejjem aktar użu mill-appoġġ u mill-għarfien espert li toffri l-Europol sabiex għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu.

Din il-proposta tibni wkoll fuq it-tagħlimiet meħuda u fuq il-progress miksub sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-2016 dwar il-Europol, filwaqt li tirrikonoxxi li l-importanza operazzjonali tal-kompiti tal-aġenzija diġà nbidlet b'mod sostanzjali. L-ambjent il-ġdid tat-theddidiet biddel ukoll l-appoġġ li l-Istati Membri jeħtieġu u jistennew mill-Europol bl-għan li ċ-ċittadini jinżammu sikuri, b'mod li ma kienx prevedibbli meta l-koleġiżlaturi nnegozjaw il-mandat kurrenti tal-Europol.

Ir-rieżamijiet preċedenti tal-mandat tal-Europol u d-domanda dejjem akbar għas-servizzi mill-Istati Membri wrew ukoll li l-kompiti tal-Europol jeħtieġ li jkunu sostnuti minn riżorsi finanzjarji u umani adegwati.

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn

Il-proposta twieġeb għax-xenarju tas-sigurtà li qed jinbidel minħabba li din tipprovdi lill-Europol bil-kapaċitajiet u bl-għodod meħtieġa sabiex tappoġġa lill-Istati Membri b'mod effettiv fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu. Il-Komunikazzjoni "Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss"[67] enfasizzat il-ħtieġa li tinbena Unjoni aktar reżiljenti hekk kif il-kriżi tal-COVID-19 "*kixfet ukoll għadd ta' vulnerabbiltajiet u żieda*

[67] COM(2020) 456 (27.5.2020)

sinifikanti f'ċerti reati, bħaċ-ċiberkriminalità. Dan juri l-ħtieġa li tissaħħaħ l-Unjoni tas-Sigurtà tal-UE".

Il-proposta hija konformi għalkollox mal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2020 li ħabbar inizjattiva leġiżlattiva sabiex "*[jissaħħaħ] ukoll il-mandat tal-Europol sabiex [tissaħħaħ] il-kooperazzjoni operattiva tal-pulizija*"[68].

Dan it-tisħiħ tal-mandat tal-Europol huwa wieħed mill-azzjonijiet ewlenin identifikati fl-Istrateġija tal-Unjoni dwar is-Sigurtà tal-UE ta' Lulju 2020[69]. Europol aktar effettiva se tiżgura li l-aġenzija tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha b'mod sħiħ u tkun tista' tgħin sabiex jintlaħqu l-prijoritajiet strateġiċi għall-Unjoni tas-Sigurtà.

F'konformità mas-sejħa tal-Linji Gwida Politiċi[70] sabiex "*nagħmlu dak kollu li hu possibbli f'dak li għandu x'jaqsam mal-protezzjoni taċ-ċittadini tagħna*", din il-proposta tindirizza dawk l-oqsma li fihom il-partijiet ikkonċernati jitolbu sostenn imsaħħaħ mill-Europol sabiex l-Istati Membri jkunu megħjuna jżommu liċ-ċittadini sikuri.

Barra minn hekk, il-proposta tqis firxa ta' inizjattivi tal-Kummissjoni, inkluża l-inizjattiva leġiżlattiva dwar it-tneħħija ta' kontenut terroristiku online[71]. L-objettiv propost sabiex jissaħħaħ l-appoġġ tal-Europol għall-innovazzjoni jqis l-istrateġija Ewropea għad-*data*[72] u l-White Paper dwar l-Intelliġenza Artifiċjali.[73]

Il-proposta se toħloq ukoll sinerġiji mal-attivitajiet tal-awtoritajiet rilevanti fil-livell tal-UE u b'mod partikolari tal-Eurojust, tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u tal-OLAF billi ssaħħaħ il-kooperazzjoni ġenerali mal-Europol, f'konformità mal-mandati u mal-kompetenzi rispettivi tal-korpi.

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

Il-proposta tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027 tirrikonoxxi l-ħtieġa li tissaħħaħ il-Europol sabiex jiżdied l-appoġġ lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri fl-2021.

Mill-2016 u mill-aħħar reviżjoni tal-mandat tal-Europol, ix-xejra kienet lejn tkabbir esponenzjali tal-flussi tad-*data* tal-aġenzija u tad-domanda għas-servizzi tagħha[74], li wassal għal talbiet għal żidiet fil-baġit annwali u fil-persunal akbar mil-livelli inizjalment ipprogrammati.

Għalhekk, peress li l-proposta se tintroduċi kompiti importanti ġodda fir-Regolament dwar il-Europol u se tiċċara, tikkodifika u tagħti dettalji dwar kompiti oħra, u b'hekk testendi l-kapaċitajiet tal-Europol fil-kuntest tat-trattati, din ma tistax tiġi koperta b'livell stabbli ta' riżorsi. Il-proposta teħtieġ li tkun appoġġata minn żidiet fir-riżorsi finanzjarji u umani.

[68] COM(2020) 440 final – Annessi 1 sa 2 (27.5.2020)
[69] COM(2020) 605 final (24.7.2020).
[70] https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/political-guidelines-next-commission_mt.pdf.
[71] COM(2018) 640 final (12.9.2018).
[72] COM(2020) 66 final (19.2.2020).
[73] COM(2020) 65 final (19.2.2020).
[74] L-indikaturi operazzjonali tal-Europol għall-2019 juru li: in-numru ta' operazzjonijiet ittriplika mill-2014; l-użu tal-uffiċċju mobbli fuq il-post żdied b'aktar mid-doppju; in-numru ta' messaġġi skambjati permezz tan-network SIENA żdied bi 300 %; in-numru ta' oġġetti mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol żdied b'aktar minn 500 %.

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-inizjattiva leġiżlattiva

☐ **durata limitata**

☐ Proposta/inizjattiva b'effett minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

☐ Impatt finanzjarju mill-SSSS sal-SSSS

☒ **durata mhux limitata**

Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu mill-2022 sal-2027

segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[75]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni permezz ta'

☐ aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☒ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni baġitarja jiġu fdati lil:

☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (li jridu jiġu speċifikati);

☐il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

☒ il-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71;

☐ korpi rregolati bil-liġi pubblika;

☐ korpi rregolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sa fejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ korpi rregolati bil-liġi privata ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE u li huma identifikati fl-att bażiku rilevanti.

Kummenti

Il-linja bażi għall-kontribuzzjoni tal-UE għall-baġit tal-Europol ġiet identifikata fuq il-bażi tal-Iskeda tal-QFP Nru 68[76] u tad-Dokument ta' Ħidma III li jakkumpanja l-Abbozz tal-Baġit 2021. L-informazzjoni f'din l-LFS hija mingħajr preġudizzju għall-adozzjoni tal-QFP 2021-2027 u tal-Baġit 2021.

Fin-nuqqas ta' votazzjonijiet li jgħaddu l-QFP 2021-2027 u l-Baġit 2021, l-impatt finanzjarju stmat tal-inizjattiva leġiżlattiva jinkludi biss ir-riżorsi meħtieġa minbarra l-kontribuzzjoni tal-linja bażi tal-UE tal-Europol (kostijiet addizzjonali meta mqabbla mal-linja bażi – Skeda nru 68).

[75] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx.

[76] Dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-kummissjoni – Decentralised agencies and EPPO.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Il-monitoraġġ u r-rapportar tal-proposta se jsegwu l-prinċipji deskritti fir-Regolament dwar il-Europol [77], fir-Regolament Finanzjarju[78] u f'konformità mal-approċċ Komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati[79].

Il-Europol trid b'mod partikolari tibgħat kull sena lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Dokument Uniku ta' Programmazzjoni li jkun fih programmi ta' ħidma pluriennali u annwali u programmazzjoni tar-riżorsi. Id-Dokument jistabbilixxi l-objettivi, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi tal-prestazzjoni għall-monitoraġġ tal-kisba tal-objettivi u tar-riżultati. Il-Europol trid tippreżenta wkoll Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività lill-bord ta' amministrazzjoni. Dan ir-rapport jinkludi b'mod partikolari informazzjoni dwar il-kisba tal-objettivi u tar-riżultati stabbiliti fid-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni. Ir-rapport irid jintbagħat ukoll lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Barra minn hekk, kif spjegat fl-Artikolu 68 tar-Regolament dwar il-Europol, il-Kummissjoni trid tagħmel evalwazzjoni tal-Europol sal-1 ta' Mejju 2022 u kull ħames snin wara din id-data. Din l-evalwazzjoni tivvaluta, b'mod partikolari, l-impatt, l-effettività u l-effiċjenza tal-Europol u tal-prattiki ta' ħidma tagħha. Ir-rapporti ta' evalwazzjoni jridu jiġu ppreżentati lill-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt speċjalizzat, li jissorvelja politikament l-attivitajiet tal-Europol fit-twettiq tal-missjoni tagħha, inkluż fir-rigward tal-impatt ta' dawk l-attivitajiet fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi. Ir-rapporti jiġu ppreżentati wkoll lill-Kunsill, lill-parlamenti nazzjonali u lill-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol. Fejn ikun xieraq, is-sejbiet ewlenin tar-rapporti ta' evalwazzjoni jsiru pubbliċi.

Sabiex tissorvelja regolarment l-provvista ta' informazzjoni mill-Istati Membri, kull sena l-Europol se tirrapporta wkoll lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-parlamenti nazzjonali dwar l-informazzjoni pprovduta minn kull Stat Membru fir-rigward tal-informazzjoni li l-Europol teħtieġ sabiex tilħaq l-objettivi tagħha, li tinkludi informazzjoni relatata ma' forom ta' reati li l-prevenzjoni tagħhom jew il-ġlieda kontrihom titqies bħala prijorità mill-Unjoni. Ir-rapporti jitfasslu fuq il-bażi tal-kriterji kwantitattivi u kwalitattivi ta' evalwazzjoni ddefiniti mill-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol.

Fl-aħħar nett, il-proposta tinkludi dispożizzjoni li teħtieġ valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali sentejn wara d-dħul fis-seħħ tagħhom.

[77] Ir-Regolament (UE) 2016/794

[78] https://www.europol.europa.eu/sites/default/files/documents/decision_of_the_europol_management_board_on_the_adoption_of_the_financial_regulation_applicable_to_europol_.pdf

[79] https://europa.eu/european-union/sites/europaeu/files/docs/body/joint_statement_and_common_approach_2012_mt.pdf

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

Meta jitqies li l-proposta tħalli impatt fuq il-kontribuzzjoni annwali tal-UE lill-Europol, il-baġit tal-UE se jiġi implimentat permezz ta' ġestjoni indiretta.

Skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, il-baġit tal-Europol għandu jiġi implimentat f'konformità ma' kontroll intern effettiv u effiċjenti[80]. Għalhekk, il-Europol hija marbuta li timplimenta strateġija ta' kontroll xierqa kkoordinata fost l-atturi xierqa involuti fil-katina ta' kontroll.

Fir-rigward tal-kontrolli *ex post*, il-Europol, bħala aġenzija deċentralizzata, hija soġġetta b'mod partikolari għal:

- awditu intern mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni

- rapporti annwali mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, li fihom tipprovdi dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti

- il-kwittanza annwali mogħtija mill-Parlament Ewropew

- l-investigazzjonijiet possibbli mwettqa mill-OLAF sabiex jiġi żgurat, b'mod partikolari, li r-riżorsi allokati lill-aġenziji jintużaw kif suppost.

Bħala DĠ sieħeb għall-Europol, id-DĠ HOME se jimplimenta l-Istrateġija ta' Kontroll tiegħu fuq l-aġenziji deċentralizzati sabiex jiżgura rapportar affidabbli fil-qafas tar-Rapport Annwali tal-Attività (RAA) tiegħu. Filwaqt li l-aġenziji deċentralizzati għandhom responsabbiltà sħiħa għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħhom, id-DĠ HOME huwa responsabbli għall-ħlas regolari tal-kontribuzzjonijiet annwali stabbiliti mill-Awtorità Baġitarja.

Fl-aħħar nett, l-Ombudsman Ewropew jipprovdi saff ieħor ta' kontroll u ta' responsabbiltà fil-Europol.

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

Ġew identifikati r-riskji li ġejjin:

- riżorsi operazzjonali taħt pressjoni minħabba żieda fil-flussi tad-*data* u x-xenarju tal-attivitajiet kriminali li dejjem qed jevolvi

- frammentazzjoni tal-attivitajiet ewlenin tal-Europol minħabba l-multiplikazzjoni tal-kompiti u tat-talbiet

- in-nuqqas ta' livelli adegwati ta' riżorsi finanzjarji u umani sabiex ilaħħqu mal-ħtiġijiet operazzjonali

- in-nuqqas ta' riżorsi tal-ICT, li jirriżulta f'dewmien fl-iżviluppi u fl-aġġornamenti neċessarji tas-sistema ewlenija

- ir-riskji relatati mal-ipproċessar ta' *data* personali mill-Europol u l-ħtieġa li jiġu evalwati u adattati b'mod regolari s-salvagwardji proċedurali u tekniċi sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni ta' *data* personali u tad-drittijiet fundamentali.

[80] L-Artikolu 30 tar-Regolament Finanzjarju tal-Europol.

- dipendenzi bejn it-tħejjijiet li għandhom isiru mill-eu-LISA fir-rigward tas-SIS Ċentrali u t-tħejjijiet li għandhom isiru mill-Europol fir-rigward tat-twaqqif ta' interfaċċa teknika sabiex tiġi trażmessa *data* lis-SIS

Il-Europol timplimenta Qafas ta' Kontroll Intern speċifiku bbażat fuq il-Qafas ta' Kontroll Intern tal-Kummissjoni Ewropea u fuq il-qafas ta' kontroll intern integrat oriġinali tal-Kumitat tal-Organizzazzjonijiet Sponsor. Id-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni jrid jipprovdi informazzjoni dwar is-sistemi ta' kontroll intern, filwaqt li r-Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat (CAAR) irid ikun fih informazzjoni dwar l-effiċjenza u l-effettività tas-sistemi ta' kontroll intern, inkluż fir-rigward tal-valutazzjoni tar-riskju. Is-CAAR 2019 jirrapporta li, fuq il-bażi tal-analiżi tal-komponenti u tal-prinċipji tal-kontroll intern li ġew immonitorjati matul l-2019, bl-użu ta' elementi kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi, is-Sistema ta' Kontroll Intern tal-Europol hija vvalutata bħala preżenti u tiffunzjona b'mod integrat fl-aġenzija kollha.

Livell ieħor ta' superviżjoni interna huwa pprovdut ukoll mill-Kapaċità tal-Awditjar Intern tal-Europol, fuq il-bażi ta' pjan tal-awditu annwali li b'mod partikolari jqis il-valutazzjoni tar-riskji fil-Europol. Il-Kapaċità tal-Awditjar Intern tgħin lill-Europol fl-ilħuq tal-objettivi tagħha billi ġġib approċċ sistematiku u dixxiplinat għall-evalwazzjoni tal-effettività tal-ġestjoni tar-riskju, tal-kontroll u tal-proċessi ta' governanza, u billi toħroġ rakkomandazzjonijiet għat-titjib tagħhom.

Barra minn hekk, il-*KEPD* u l-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* tal-Europol (funzjoni indipendenti marbuta direttament mas-Segretarjat tal-Bord ta' Amministrazzjoni) jissorveljaw l-ipproċessar ta' *data* personali mill-Europol.

Fl-aħħar nett, bħala DĠ sieħeb tal-Europol, id-DĠ HOME jmexxi eżerċizzju annwali ta' ġestjoni tar-riskju sabiex jidentifika u jivvaluta r-riskji għolja potenzjali relatati mal-operazzjonijiet tal-aġenziji, inkluża l-Europol. Ir-riskji kkunsidrati bħala kritiċi jiġu rrapportati kull sena fil-pjan ta' ġestjoni tad-DĠ HOME u jiġu akkumpanjati minn pjan ta' azzjoni li jiddikjara l-azzjoni ta' mitigazzjoni.

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"ispejjeż tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)

Il-proporzjon ta' "kostijiet tal-kontrolli/il-valur tal-fondi relatati ġestiti" huwa rapportat mill-Kummissjoni. Ir-RAA tal-2019 ta' DĠ HOME jirrapporta 0,28 % għal dan il-proporzjon fir-rigward tal-Entitajiet Fdati tal-Ġestjoni Indiretta u tal-Aġenziji Deċentralizzati, inkluża l-Europol.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri kkonfermat il-legalità u r-regolarità tal-kontijiet annwali tal-Europol għall-2019, li jimplika rata ta' żball ta' anqas minn 2 %. Ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-rata ta' żball se tmur għall-agħar fis-snin li ġejjin.

Barra minn hekk, l-artikolu 80 tar-Regolament Finanzjarju tal-Europol jipprevedi l-possibbiltà li l-aġenzija taqsam kapaċità tal-awditjar intern ma' korpi oħra tal-Unjoni li jaħdmu fl-istess qasam ta' politika jekk il-kapaċità tal-awditjar intern ta' korp uniku tal-Unjoni ma tkunx kosteffettiva.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

Speċifikazzjoni ta' miżuri protettivi u ta' prevenzjoni eżistenti jew maħsuba, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Il-miżuri relatati mal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra huma deskritti, fost l-oħrajn, fl-artikolu 66 tar-Regolament tal-Europol u taħt it-Titolu X tar-Regolament Finanzjarju tal-Europol.

Il-Europol għandha tipparteċipa b'mod partikolari f'attivitajiet ta' prevenzjoni tal-frodi tal-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi u tinforma lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar każijiet ta' frodi preżunta u ta' irregolaritajiet finanzjarji preżunti oħra – f'konformità mal-istrateġija interna tagħha kontra l-frodi.

Huwa ppjanat li fl-2020 jiġi propost għall-adozzjoni aġġornament għall-istrateġija tal-Europol kontra l-frodi lill-Bord ta' Amministrazzjoni.

Barra minn hekk, bħala DĠ sieħeb, id-DĠ HOME żviluppa u implimenta l-istrateġija tiegħu stess kontra l-frodi fuq il-bażi tal-metodoloġija pprovduta mill-OLAF. L-aġenziji deċentralizzati, inkluża l-Europol, jaqgħu fl-ambitu tal-istrateġija. Ir-RAA tad-DĠ HOME għall-2019 ikkonkluda li l-proċessi ta' prevenzjoni u ta' detezzjoni tal-frodi ħadmu b'mod sodisfaċenti u, għalhekk, ikkontribwew għall-assigurazzjoni fuq il-kisba tal-objettivi ta' kontroll intern.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-INIZJATTIVA LEĠIŻLATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

L-intestaturi baġitarji eżistenti

Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Type of Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.[81]	minn pajjiżi tal-EFTA[82]	minn pajjiżi kandidati[83]	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
5	12 10 01	Diff./mhux diff.	LE	LE	LE	IVA/LE

Linji baġitarji ġodda mitluba

Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Type of nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./mhux	minn pajjiżi tal-	minn pajjiżi	minn pajjiżi	fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b)

[81] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
[82] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
[83] Pajjiżi kandidati u, fejn ikun applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Balkani tal-Punent.

		diff.	EFTA	kandidati	terzi	tar-Regolament Finanzjarju
	[XX.YY.YY.YY]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

Fin-nuqqas ta' votazzjonijiet li jgħaddu l-QFP 2021-2027 u l-Baġit 2021, l-impatt finanzjarju stmat tal-inizjattiva leġiżlattiva jinkludi biss ir-riżorsi meħtieġa minbarra l-kontribuzzjoni tal-linja bażi tal-UE tal-Europol (kostijiet addizzjonali meta mqabbla mal-linja bażi – Skeda nru 68).

f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	Intestatura 5 –Sigurtà u Difiża

[Korp]:Europol			Sena **2022**	Year **2023**	Year **2024**	Year **2025**	Year **2026**	Year **2027**	**TOTAL**
Titolu 1:	Impenji	(1)							
	Pagamenti	(2)							
Titolu 2:	Impenji	(1a)							
	Pagamenti	(2a)							
Titolu 3:	Impenji	(3a)							
	Pagamenti	(3b)							
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-Europol	Impenji	=1+1a +3a	**15,987**	**23,946**	**29,427**	**30,965**	**40,019**	**37,524**	**177,867**
	Pagamenti	=2+2a 3b	**15,987**	**23,946**	**29,427**	**30,965**	**40,019**	**37,524**	**177,867**

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**5**	"Nefqa amministrattiva"

f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

		Sena **2021**	Sena **2022**	Year **2023**	Year **2024**	Year **2025**	Year **2026**	Year **2027**	**TOTAL**
DĠ: HOME									
• Riżorsi Umani		0,835	0,835	0,835	0,835	0,835	0,835	0,835	5,845
• Nefqa amministrattiva oħra		0,268	0,518	0,268	0,518	0,268	0,518	0,268	**2,626**
TOTAL DĠ HOME	Approprjazzjonijiet								

TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Pagamenti totali)	1,103	1,353	1,103	1,353	1,103	1,353	1,103	**8,471**

f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

		Sena **2021**	Sena **2022**	Year **2023**	Year **2024**	Year **2025**	Year **2026**	Year **2027**	**TOTAL**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji								
	Pagamenti								

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet tal-Europol

☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Fin-nuqqas ta' votazzjonijiet li jgħaddu l-QFP 2021-2027 u l-Baġit 2021, l-impatt finanzjarju stmat tal-inizjattiva leġiżlattiva jinkludi biss ir-riżorsi meħtieġa minbarra l-kontribuzzjoni tal-linja bażi tal-UE tal-Europol (kostijiet addizzjonali meta mqabbla mal-linja bażi – Skeda nru 68).

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs			Sena		Sena		Sena		Sena		Sena		Sena		TOTAL	
			2022		**2023**		**2024**		**2025**		**2026**		**2027**			
⇩	Tip	Spiża medja[84]	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost
OBJETTIV SPEĊIFIKU NRU 1																
Il-Europol tkun tista' tikkopera b'mod effettiv mal-partijiet privati																
- Riżultat	*Data* personali mibgħuta lill-Istati Membri kkonċernati - 75 %			3 453		5 669		7 192		8 172		9 636		9 306		43 428

[84] Minħabba n-natura operazzjonali speċifika tagħhom, mhuwiex possibbli li jiġu identifikati kostijiet unitarji preċiżi għal kull riżultat, u lanqas volum mistenni eżatt ta' riżultati, b'mod partikolari minħabba li xi outputs huma relatati ma' attivitajiet tal-infurzar tal-liġi reattivi għal attivitajiet kriminali imprevedibbli.

- Riżultat	Il-Europol użata bħala mezz għat-trażmissjoni tat-talbiet tal-Istati Membri - 25 %			1 151		1 890		2 397		2 724		3 212		3 102		14 476
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 1				**4 604**		**7 559**		**9 589**		**10 896**		**12 848**		**12 409**		**57 905**
OBJETTIV SPEĊIFIKU NRU 2																
L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu jistgħu janalizzaw settijiet ta' *data* kbar u kumplessi sabiex jidentifikaw rabtiet transkonfinali, f'konformità shiha mad-drittijiet fundamentali																
- Riżultat	Fajls ta' każijiet investigattivi appoġġati f'investigazzjoniji et li għadhom għaddejjin - 90 %			0 534		0 977		1 272		1 443		1 641		1 774		7 639
- Riżultat	Fajls ta' każijiet investigattivi maħżuna għal proċedimenti ġudizzjarji - 10 %			0 059		0 109		0 141		0 160		0 182		0 197		0 849
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 2				**0 593**		**1 085**		**1 413**		**1 603**		**1 823**		**1 971**		**8 488**
OBJETTIV SPEĊIFIKU NRU 3																
li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw teknoloġiji ġodda għall-infurzar tal-liġi																
- Riżultat	Proġetti ta' innovazzjoni implimentati - 75 %			3 290		3 470		6 365		5 668		8 206		7 272		34 269
- Riżultat	Soluzzjonijiet tal-IT ittestjati fl-ambjent tal-IT tal-			1 097		1 157		2 122		1 889		2 735		2 424		11 423

	Europol - 25 %															
- Riżultat																-
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 3				**4 387**		**4 626**		**8 486**		**7 557**		**10 941**		**9 696**		**45 693**
OBJETTIV SPEĊIFIKU NRU 4																
Il-provvista lill-uffiċjali tal-ewwel linja tar-riżultat tal-analiżi tal-Europol tad-*data* riċevuta mingħand pajjiżi terzi																
- Riżultat	Allerti maħluqa fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen - 50 %			1 526		2 737		2 386		2 592		3 289		2 855		15 385
- Riżultat	Segwitu 24 siegħa kuljum ipprovdut lill-Istati Membri - 50 %			1 526		2 737		2 386		2 592		3 289		2 855		15 385
- Riżultat																-
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 4				**3 052**		**5 474**		**4 772**		**5 183**		**6 579**		**5 710**		**30 770**
OBJETTIV SPEĊIFIKU NRU 5																
L-iffaċilitar tal-kooperazzjoni tal-Europol ma' pajjiżi terzi																
- Riżultat	Operazzjonijiet ma' pajjiżi terzi appoġġati - 75 %			1 147		1 648		1 251		1 307		1 916		1 863		9 132
- Riżultat	Informazzjoni skambjata ma' pajjiżi terzi - 25 %			0 382		0 549		0 417		0 436		0 639		0 621		3 044
- Riżultat																-
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 5				**1 529**		**2 197**		**1 668**		**1 743**		**2 554**		**2 484**		**12 175**
OBJETTIV SPEĊIFIKU																

NRU 6																
It-tishiħ tal-kapaċità tal-Europol li titlob il-bidu ta' investigazzjonijiet kriminali																
- Riżultat	Bidu ta' investigazzjonijiet kriminali mitlub - 25 %			0 456		0 751		0 875		0 996		1 318		1 314		5 709
- Riżultat	Investigazzjonijiet tal-UPPE appoġġati - 75 %			1 367		2 252		2 624		2 987		3 955		3 941		17 127
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 6				**1 823**		**3 003**		**3 498**		**3 983**		**5 274**		**5 255**		**22 836**
KOSTIJIET TOTALI				**15 987**		**23 946**		**29 427**		**30 965**		**40 019**		**37 524**		**177 867**

3.2.3. Impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-Europol

3.2.3.1. Sommarju

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

	Sena **2022**	Year **2023**	Year **2024**	Year **2025**	Year **2026**	Year **2027**	**TOTAL**
Aġenti temporanji - Linja bażi (Abbozz ta' Talba tal-Baġit 2021)[85]	102 859	102 859	102 859	102 859	102 859	102 859	**617 153**
Aġenti temporanji – Addizzjonali meta mqabbla mal-linja bażi (kumulattiva)	5 937	14 384	19 067	22 830	25 171	26 342	**113 730**
Aġenti temporanji[86] - TOTAL	108 796	117 242	121 925	125 688	128 030	129 201	**730 883**
Persunal bil-kuntratt - Linja bażi [87]	20 962	20 962	20 962	20 962	20 962	20 962	**125 772**
Esperti Nazzjonali Sekondati - Linja bażi (Abbozz ta' Talba tal-Baġit 2021)[88]	6 729	6 729	6 729	6 729	6 729	6 729	**40 374**

TOTAL tal-kostijiet addizzjonali biss	5 937	14 384	19 067	22 830	25 171	26 342	**113 730**
TOTAL – inklużi l-kostijiet tal-linja bażi u dawk addizzjonali	136 487	144 933	149 616	153 379	155 721	156 892	**897 029**

Rekwiżiti tal-persunal (FTE):

[85] Il-livelli tal-persunal indikati fl-Abbozz tal-Baġit tal-2021, ikkalkolati fuq il-bażi tal-kostijiet unitarji medji tal-persunal li għandhom jintużaw għal-LFS, indiċjati għall-koeffiċjent tal-korrezzjoni għan-Netherlands (111,5 %).

[86] F'dan l-istadju għadu mhuwiex possibbli li tiġi pprovduta l-allokazzjoni dettaljata bejn l-aġent temporanju – AD u l-aġenti temporanji – AST. L-istimi tal-kostijiet għall-persunal saru fuq il-bażi tal-kostijiet medji għall-aġent temporanju, indiċjati għall-koeffiċjent tal-korrezzjoni għan-Netherlands (111,5 %).

[87] Il-livelli awtorizzati tal-persunal bil-kuntratt se jissaħħu fil-kontribuzzjoni tal-UE tal-2021 għall-Europol u se jibqgħu stabbli f'dan il-livell għall-QFP 2021-2027 kollu. Fl-LFS ma hija prevista l-ebda żieda f'aġenti bil-kuntratt.

[88] Il-livelli tal-persunal indikati fl-Abbozz tal-Baġit tal-2021, ikkalkolati fuq il-bażi tal-kostijiet unitarji medji tal-persunal li għandhom jintużaw għal-LFS, indiċjati għall-koeffiċjent tal-korrezzjoni għan-Netherlands (111,5 %).

	Sena **2022**	Year **2023**	Year **2024**	Year **2025**	Year **2026**	Year **2027**
Aġenti temporanji – Linja bażi (Abbozz ta' Talba tal-Baġit 2021)	**615**	**615**	**615**	**615**	**615**	**615**
Aġenti temporanji – Addizzjonali meta mqabbla mal-linja bażi (kumulattiva)	**71**	**101**	**127**	**146**	**155**	**160**
Aġenti temporanji – TOTAL	**686**	**716**	**742**	**761**	**770**	**775**
Aġenti bil-kuntratt	**235**	**235**	**235**	**235**	**235**	**235**
Esperti Nazzjonali Sekondati	**71**	**71**	**71**	**71**	**71**	**71**
TOTAL	**992**	**1 022**	**1 048**	**1 067**	**1 076**	**1 081**

Id-dati ta' reklutaġġ huma ppjanati għal nofs is-sena. L-ammonti ġew adattati kif xieraq: il-kostijiet tal-persunal reklutat ġdid ġew stmati għal 50 % tal-kostijiet medji għas-sena tar-reklutaġġ tagħhom.

Ir-riżorsi umani meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-objettivi tal-mandat il-ġdid ġew stmati f'kooperazzjoni mal-Europol. L-istimi jqisu ż-żieda mistennija fl-ammont ta' xogħol hekk kif il-partijiet ikkonċernati jagħmlu aktar użu mis-servizzi tal-Europol maż-żmien, kif ukoll iż-żmien meħtieġ għall-Europol sabiex tassorbi r-riżorsi bl-għan li tevita sitwazzjoni li fiha l-aġenzija ma tkunx tista' timplimenta bis-sħiħ il-kontribuzzjoni tal-UE u l-approprjazzjonijiet ta' impenn fil-ħin.

Fl-LFS ma hija prevista l-ebda żieda f'aġenti bil-kuntratt. Il-Kummissjoni biħsiebha tipproponi li żżid ir-rakkomandazzjoni tagħha għal-livell ta' aġenti bil-kuntratt minn 191 għal 235 sabiex jingħata appoġġ tal-IT u amministrattiv għall-attivitajiet operazzjonali. Il-livell massimu ta' aġenti bil-kuntratt se jiġi stabbilit għal 235 fl-2021 u jenħtieġ li jiġi stabbilizzat f'dan il-livell għall-QFP 2021-2027 kollu.

Dettalji taż-żieda fil-persunal

Objettiv speċifiku	Persunal addizzjonali	Allokazzjoni fil-Europol
Objettiv speċifiku nru 1	Persunal addizzjonali meħtieġ sabiex janalizza *data* addizzjonali li tiġi mingħand partijiet privati. FTEs stmati meħtieġa – FTEs addizzjonali li għandhom jinħatru kull sena (mhux kumulattivi): 2022: +27; 2023: +13; 2024: +10; 2025: +9; 2026: +1; 2027: +2	Direttorat tal-Operazzjonijiet : * Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità (EC3) * Ċentru Ewropew għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu – Operazzjonijiet (CT) u

		Unità ta' Riferiment tal-Internet (IRU) tal-UE Direttorat tal-Kapaċitajiet - ICT
Objettiv speċifiku nru 2	Persunal addizzjonali meħtieġ għall-ġestjoni, għall-ipproċessar u għall-analiżi ta' settijiet ta' *data* kbar u kumplessi u għall-manutenzjoni tas-sistemi tal-IT, inkluż fil-kuntest taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja u għall-investigazzjonijiet dwar "miri ta' valur għoli". Huwa meħtieġ ukoll persunal addizzjonali għall-Funzjoni tal-Protezzjoni tad-*Data* sabiex jiġi żgurat li *data* kbira u kumplessa tiġi pproċessata f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali. FTEs stmati meħtieġa – FTEs addizzjonali li għandhom jinħatru kull sena (mhux kumulattivi): 2022: +4; 2023: +2; 2024: +2; 2025: +1; 2026: +1; 2027: +1	Direttorat tal-Operazzjonijiet - *Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità (EC3) * Ċentru Ewropew għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu – Operazzjonijiet (CT) u Unità ta' Riferiment tal-Internet (IRU) tal-UE
Objettiv speċifiku nru 3	Persunal addizzjonali meħtieġ sabiex imexxi l-laboratorju tal-innovazzjoni tal-Europol, jappoġġa ċ-ċentru tal-innovazzjoni tal-UE għas-sigurtà interna, u jappoġġa l-ġestjoni tar-riċerka dwar is-sigurtà. FTEs stmati meħtieġa – FTEs addizzjonali li għandhom jinħatru kull sena (mhux kumulattivi): 2022: +12; 2023: +10; 2024: +5; 2025: +5; 2026: +1; 2027: +0	Direttorat tal-Operazzjonijiet : Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità (EC3) Direttorat tal-Kapaċitajiet - ICT Laboratorju għall-Innovazzjoni
Objettiv speċifiku nru 4	Persunal addizzjonali meħtieġ sabiex jinħolqu allerti fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u sabiex jingħata segwitu 24 siegħa kuljum lill-Istati Membri f'każ ta' hit. L-FTEs għandhom jiżdiedu fl-ewwel snin tal-implimentazzjoni, sabiex isegwu l-espansjoni fl-utenti tas-sistema l-ġdida. Il-ħtieġa ta' appoġġ 24 siegħa kuljum timplika riżorsi umani meħtieġa (xogħol bix-xift). Huwa meħtieġ ukoll persunal addizzjonali sabiex jappoġġa l-evalwazzjonijiet ta' Schengen. FTEs stmati meħtieġa – FTEs addizzjonali li għandhom jinħatru kull sena (mhux kumulattivi): 2022: +15; 2023: +2; 2024: +5; 2025: +0; 2026: +0; 2027: +0	Direttorat tal-Operazzjonijiet : *Ċentru Operazzjonali (24 siegħa kuljum); * Ċentru Ewropew għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu – Operazzjonijiet (CT) u Unità ta' Riferiment tal-Internet (IRU) tal-UE Direttorat tal-Kapaċitajiet – ICT
Objettiv speċifiku nru 5	Persunal addizzjonali meħtieġ sabiex isir użu mill-mekkaniżmu tiegħu għall-iskambju ta' *data* personali ma' pajjiżi terzi fejn meħtieġ. L-ebda persunal addizzjonali ma huwa previst għall-	Direttorat tal-Kapaċitajiet - ICT

	attivitajiet relatati mal-aħjar prattiki u mal-gwida. FTEs stmati meħtieġa – FTEs addizzjonali li għandhom jinħatru kull sena (mhux kumulattivi): 2022: +5; 2023: +0; 2024: +2; 2025: +0; 2026: +3; 2027: +0	
Objettiv speċifiku nru 6	Persunal addizzjonali meħtieġ sabiex jikkoordina mal-Istati Membri u sabiex jappoġġa lill-Istati Membri fl-investigazzjoni tagħhom (inkl. appoġġ fuq il-post, aċċess għal bażijiet ta' *data* dwar persuni kriminali u għodod analitiċi, analiżi operazzjonali, għarfien espert forensiku u tekniku). Huwa meħtieġ ukoll persunal addizzjonali sabiex jikkoordina mal-UPPE u sabiex jappoġġa b'mod attiv lill-UPPE fl-investigazzjonijiet u fil-prosekuzzjonijiet tiegħu. FTEs stmati meħtieġa – FTEs addizzjonali li għandhom jinħatru kull sena (mhux kumulattivi): 2022: +8; 2023: +3; 2024: +2; 2025: +4; 2026: +3; 2027: +2	Direttorat tal-Operazzjonijiet : - Ċentru Ewropew kontra l-Kriminalità Organizzata u Serja (ESOCC) - Ċentru Ewropew għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu – Operazzjonijiet (CT) - Ċentru Ewropew għall-Kriminalità Finanzjarja u Ekonomika (EFECC) Direttorat tal-Kapaċitajiet - ICT

3.2.3.2. Stima tar-rekwiżiti tar-riżorsi umani għad-DĠ prinċipali

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu tar-riżorsi umani.

☒ Il-proposta/l-inizjattiva tirrikjedi l-użu tar-riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'ammonti sħaħ (jew sa massimu ta' punt deċimali wieħed)

		Sena **2022**	Year **2023**	Year **2024**	Year **2025**	Year **2026**	Year **2027**
• **Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)**							
XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)		5	5	5	5	5	5
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)							
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)							
10 01 05 01 (Riċerka diretta)							
• **Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full Time: FTE)**[89]							
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")		1	1	1	1	1	1
XX 01 02 02 (AC, AL, ENS, INT u JPD fid-Delegazzjonijiet)							
XX 01 04 ***ss***[90]	- fil-Kwartieri Ġenerali[91]						
	- fid-Delegazzjonijiet						
XX 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka indiretta)							
10 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka diretta)							
Linji bażitarji oħra (speċifika)							
TOTAL							

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu bażitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu ssodisfati minn persunal tad-DĠ li diġà huwa assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġie riallokat fid-DĠ, jekk ikun hemm bżonn flimkien ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ amministrattiv taħt il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl ta' limitazzjonijiet bażitarji.

[89] AC= Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END= Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenzija; JPD = Esperti Żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet.

[90] Sottolimitu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

[91] Prinċipalment għall-Fondi Strutturali, għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u għall-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

Deskrizzjoni tal-kompiti li għandhom jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	Rappreżentazzjoni lill-Kummissjoni fil-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Aġenzija. Tfassil tal-opinjoni tal-Kummissjoni dwar il-programm ta' ħidma annwali u monitoraġġ tal-implimentazzjoni tiegħu. Monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-baġit. Għoti ta' assistenza lill-Aġenzija fl-iżvilupp tal-attivitajiet tagħha f'konformità mal-politiki tal-UE, inkluż bil-parteċipazzjoni f'laqgħat tal-esperti.
Persunal estern	SNE wieħed se jappoġġa lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju fil-kompiti msemmija hawn fuq u jassisti lill-Aġenzija fl-iżvilupp tal-attivitajiet tagħha f'konformità mal-politiki tal-UE, inkluż billi jipparteċipa fil-laqgħat tal-esperti.

Id-deskrizzjoni tal-kalkolu tal-kost għall-unitajiet FTE jenħtieġ li titniżżel fit-taqsima 3 tal-Anness V.

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

☐ Il-proposta/l-inizjattiva se tirrikjedi riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega x'riprogrammazzjoni hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. Il-proposta tinkludi riżorsi finanzjarji u umani addizzjonali għall-Europol meta mqabbla ma' dawk li huma previsti attwalment fil-proposta tal-QFP (Skeda Nru 68). L-impatt baġitarju tar-riżorsi finanzjarji addizzjonali għall-Europol se jiġi kkumpensat permezz ta' tnaqqis kumpensatorju min-nefqa pprogrammata taħt l-Intestatura 4.

☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali[92].

Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji tal-baġit ikkonċernati u l-ammonti korrispondenti. […]

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.

Il-proposta/l-inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Year **N**	Year **N+1**	Year **N+2**	Year **N+3**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex tintwera d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati								

[92] Ara l-Artikoli 11 u 17 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020.

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

☒ Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq dħul ieħor

☐ jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul huwa assenjat għal-linji tan-nefqa

f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/inizjattiva[93]						
		Year **N**	Year **N+1**	Year **N+2**	Year **N+3**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex tintwera d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu …….								

Għad-dħul mixxellanju "assenjat", speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[…]

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

[…]

[93] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri l-ammonti gross wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.